Talbiet żgħar

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija ntiża biex tissimplifika u tħaffef it-talbiet transfruntiera sa EUR 5 000.

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija disponibbli għal-litiganti bħala alternattiva għall-proċeduri eżistenti skont il-liġijiet tal-Istati Membri. Sentenza mogħtija fi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija rikonoxxuta u eżegwibbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u mingħajr l-ebda possibbiltà li jiġi oppost ir-rikonoxximent tagħha.

Ġew stabbiliti formularji standard għall-proċedura għal Talbiet Żgħar u huma disponibbli hawnhekk bil-lingwi kollha. Biex tibda' l-proċedura, irid jimtela il-"Formularju A". Kull dokument ta' prova rilevanti, bħal riċevuti, kontijiet, eċċ. għandu jiġi mehmuż mal-formularju.

Il-formularju A għandu jintbagħat lill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni. Ladarba l-qorti tirċievi l-formularju ta' applikazzjoni trid timla l-parti tagħha tal-"Formularju ta' Risposta". Fi żmien 14-il jum minn meta tirċievi l-formularju ta' applikazzjoni, il-qorti għandha tinnotifika kopja tagħha, flimkien mal-Formularju ta' Risposta, lill-konvenut. Il-konvenut għandu 30 jum biex iwieġeb, billi jimla l-parti tiegħu tal-Formularju ta' Risposta. Il-qorti trid tibgħat kopja ta' kwalunkwe tweġiba lill-attur fi żmien 14-il jum.

Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi t-tweġiba tal-konvenut (jekk ikun il-każ) il-qorti trid tagħti sentenza dwar it-talba żgħira, titlob aktar dettalji bil-miktub mingħand kwalunkwe waħda mill-partijiet, jew inkella ssejjaħ lill-partijiet għal smigħ orali. Jekk ikun hemm smigħ orali, mhemmx il-ħtieġa li jkun hemm rappreżentazzjoni minn avukat u jekk il-qorti jkollha tagħmir xieraq is-smigħ għandu jsir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

Biċ-ċertifikat maħruġ mill-qorti (li jista' jkun hemm bżonn li jinqaleb fl-ilsien tal-Istat Membru l-ieħor), u b'kopja tas-sentenza, is-sentenza tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħrajn kollha tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-ebda formalitajiet oħrajn. L-unika raġuni li għaliha jista' jiġi rrifjutat l-infurzar fi Stat Membru ieħor hija li tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza oħra fl-Istat Membru l-ieħor bejn l-istess partijiet. L-eżekuzzjoni isseħħ f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali tal-Istat Membru fejn is-sentenza tkun qed tiġi eżegwita.

Ħoloq relatati

Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 - test konsolidat tal-14 ta' Ġunju 2017 PDF (1906 Kb) mt

Gwida għall-UTENTI għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar PDF (1828 Kb) mt

Gwida ta' Prattika għall-Applikazzjoni tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar PDF (2367 Kb) mt

Infografika għall-konsumaturi PDF (106 Kb) mt

Fuljett għall-professjonisti legali PDF (559 Kb) mt

Fuljett għan-negozji PDF (239 Kb) mt

Sett ta' għodod tal-web – informazzjoni dwar Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar

Talbiet żgħar – notifiki tal-Istati Membri u għodda ta' tfittxija li tgħin fl-identifikazzjoni tal-qorti/qrati/awtorità/awtoritajiet kompetenti

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Paġni relatati:

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura għal Talbiet Żgħar

Formoli għat-talbiet żgħar

L-aħħar aġġornament: 03/04/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Talbiet żgħar - Belġju

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Ma hemm l-ebda proċedura speċifika għal talbiet żgħar fil-leġiżlazzjoni Belġjana, għalkemm huma disponibbli proċedimenti sommarji għall-ordni ta' ħlas (*procédure sommaire d'injonction de payer/summiere rechtspleging om betaling te bevelen*): ara l-fajl apparti.

Ma hemm l-ebda proċedura speċifika għal talbiet żgħar. Tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja li hija sempliċi ħafna.

Fil-qosor, il-proċedura ordinarja ssir kif ġej:

taħrika (*citation/dagvaardiging*) permezz ta' avviż mingħand il-bailiff (*exploit d'huissier/deurwaardersexploot*)

skambju ta' argumenti bil-miktub, jiġu ddikjarati s-sejbiet (*conclusions/conclusies*)

data tas-smigħ (l-avukati jippreżentaw l-argumenti tagħhom) (*plaidoirie/pleidooi*) u konklużjoni tad-dibattiti

sentenza.

Fil-prinċipju, ma hemm l-ebda simplifikazzjoni, iżda ċertu talbiet ma jitressqux permezz ta' taħrika tat-tip imsemmi hawn fuq iżda permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat lill-qorti (*requête contradictoire/verzoekschrift op tegenspraak*) (Artikoli 1034bis sa 1034sexies tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire /Gerechtelijk Wetboek*). Dan ir-rikors jiġi ppreżentat pereżempju f'każ ta' tilwim bejn is-sid u l-kerrej. It-Taqsima 1344*bis* tal-Kodiċi Ġudizzjarju jistipula li, dejjem soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-lokazzjoni ta' art rurali, kwalunkwe talba li tirrigwarda l-kirja ta' proprjetà tista' titressaq permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru (*greffe/griffie*) tal-kummissarju tal-ġustizzja (*justice de paix/vredegerecht*).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

1.3 Formoli

1.4 Assistenza

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

1.6 Proċedura bil-miktub

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

1.9 Il-possibilità ta' appell

Ħolqiet

Il-leġiżlazzjoni relatata mal-proċedimenti sommarji għall-ordni ta' ħlas: Websajt Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja:
Agħfas fuq "Leġiżlazzjoni kkonsolidata" taħt l-intestatura "Sorsi tal-liġi
Agħżel il-"Kodiċi Ġudizzjarju" taħt l-intestatura "Natura legali"
Daħħal iċ-ċifri "664" taħt l-intestatura "kliem"
Agħfas fuq "Fittex" u mbagħad fuq "Lista".
Agħfas fuq "Dettalji".
L-aħħar aġġornament: 03/09/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Bulgarija

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar. Mill-1.1.2009, il-qrati Bulgari japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Dawn il-proċedimenti jinstemgħu fil-qrati reġjonali, filwaqt li għal kwistjonijiet li mhumiex speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 861/2007 japplikaw ir-regoli ġenerali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.3 Formoli

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.4 Assistenza

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.6 Proċedura bil-miktub

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru ma jipprovdix għal proċedura għal talbiet żgħar.

L-aħħar aġġornament: 11/02/2020
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Iċ-Ċekja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Ir-Repubblika Ċeka ma għandix proċedura speċifika għal talbiet żgħar. Il-kategorija ta' talbiet żgħar (jiġifieri l-kunsiderazzjoni tal-ammont ta' kumpens finanzjarju) tiġi trattata biss fil-proċedimenti ta' appell.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

L-Artikolu 202(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi illi ma jistgħux isiru appelli minn sentenzi dwar *kumpens finanzjarju li ma jaqbiżx CZK 10 000*, minbarra l-imgħax u l-imposti marbuta mat-talba; dan ma japplikax għal sentenzi mogħtija b'kontumaċja.
L-appelli għalhekk jistgħu jsiru kontra sentenzi mogħtija b'kontumaċja, anke jekk ikun jikkonċernaw ammonti inqas minn CZK 10 000.
L-Artikolu 238(1)(c) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi illi l-appelli fuq punt ta' liġi mhux ammissibbli minn sentenzi u ordnijiet tal-qorti li fihom il-parti operattiva kkontestata fl-appell kienet iddeċidiet dwar*kumpens finanzjarju li ma jaqbiżx CZK 50 000* (minbarra l-imgħax u l-imposti marbuta mat-talba), ħlief fejn jikkonċernaw relazzjonijiet kuntrattwali tal-konsumatur jew ta' impjieg.

1.3 Formoli

Mhemmx formoli speċifiċi għal proċedura għal talbiet żgħar.

1.4 Assistenza

Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-qrati għandhom jinfurmaw lill-partijiet bid-drittijiet u l-obbligi proċedurali tagħhom. F'dan ir-rigward, il-liġi tistabbilixxi liema pariri għandha tagħti l-qorti lill-partijiet f'dik is-sitwazzjoni proċedurali partikolari.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

L-istess regoli jirregolaw is-sottomissjoni, l-evalwazzjoni u l-ġbir tal-provi fil-litigazzjoni skont il-proċedura ċivili, irrispettivament mill-ammonti involuti.

1.6 Proċedura bil-miktub

Il-liġi dwar il-proċedura għal talbiet żgħar ma għandhiex xi eċċezzjonijiet għal mod li bihom jitmexxew il-proċedimenti.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Sentenza dwar talbiet żgħar ma fihiex kontenut differenti minn oħrajn.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ir-rimborż tal-ispejjeż huwa regolat mir-regoli ġenerali dwar il-proċedura ċivili.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Kif imsemmi aktar il-fuq, ma jistgħux isiru appelli minn sentenzi dwar *kumpens finanzjarju li ma jaqbiżx CZK 10 000*, minbarra l-imgħax u l-imposti marbuta mat-talba; dan ma japplikax għal sentenzi mogħtija b'kontumaċja.
L-aħħar aġġornament: 31/03/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Ġermanja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Ma hemmx proċedura speċjali għal talbiet żgħar fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Zivilprozessordnung, ZPO). Madankollu, it-Taqsima 495a tal-Kodiċi għandha dispożizzjoni dwar proċedura simplifikata. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-qorti tiddeċiedi kif tmexxi f'każijiet, fid-diskrezzjoni raġonevoli tagħha, fejn il-valur inkwistjoni huwa ta' EUR 600 jew inqas. Il-Kodiċi ma jillimitax din il-possibbiltà b'kull mod ieħor: pereżempju, ma jillimitahiex għal xi tip ta' tilwima partikolari.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

F'dawn il-każijiet, għalhekk, il-qorti tista' tiddeċiedi kif tmexxi fid-diskrezzjoni raġonevoli tagħha u, b'mod partikolari, tista' tuża ċerti metodi partikolari biex tissimplifika l-proċedura. Il-qorti mhix obbligata tagħmel hekk. Anki fejn il-valur inkwistjoni huwa ta' inqas minn EUR 600 il-qorti tista' tmexxi wkoll skont ir-regoli tas-soltu.

Jekk il-qorti tiddeċiedi l-proċedura li se tadotta fid-diskrezzjoni tagħha, il-partijiet ma jistgħux jopponu. Jistgħu jitolbu biss għal seduta ta' smigħ.

1.3 Formoli

Ma hemmx formoli standard obbligatorji.

1.4 Assistenza

Japplikaw ir-regoli tas-soltu. Dan għaliex il-proċedimenti huwa simplifikati biss skont il-proċedura li ntgħażlet. Il-partijiet li ma għandhomx rappreżentanza legali huma megħjuna bl-istess mod bħal dawk li għandhom rappreżentanza legali. Pereżempju, f'kawżi quddiem il-qrati lokali (Amtsgerichte) it-talba tista' tiġi prezentata oralment fir-reġistru tal-qorti. Anki persuna li għandha rappreżentanza legali tista' tippreżenta t-talba tagħha oralment flok tippreżentaha permezz tal-avukat tagħha.

Bl-istess mod, il-kwistjoni dwar jekk parti għandhiex rappreżentanza legali jew le ma taffettwax in-natura u l-iskop tad-dmir tal-qorti li tinforma u tagħti parir (Aufklärungs- und Hinweispflichten). Il-qorti għandu obbligu legali li tispjega l-proċedimenti minn lenti legali u fattwali u tiċċara l-kwistjonijiet.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Ma hemmx restrizzjoni fuq il-qorti li tiġbor il-provi bil-metodi tas-soltu. Għall-kuntrarju tal-prinċipju ta' provi diretti (Unmittelbarkeit) li kieku japplika u jfisser li x-xhieda, l-esperti jew il-partijiet infushom iridu jinstemgħu qabel ma jibda l-proċess fil-preżenza tal-partijiet, fi proċedimenti simplifikati l-Qorti tista' pereżempju tordna li x-xhieda, l-esperti jew il-partijiet isirulhom il-mistoqsijiet bit-telefown jew bil-miktub.

1.6 Proċedura bil-miktub

Tista' tintuża proċedura esklużivament bil-miktub. Madankollu, irid ikun hemm proċedimenti orali jekk issir talba minn waħda mill-partijiet.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

L-istruttura tas-sentenza hija aktar sempliċi minn dik fi proċedimenti ordinarji. Dan għaliex għas-sentenzi fejn il-valur inkwistjoni huwa inqas minn EUR 600 ġeneralment ma hemmx appell.

Pereżempju, id-deskrizzjoni tal-fatti ma ssirx. Jistgħu jitħallew barra wkoll ir-raġunijiet għad-deċiżjoni jekk il-partijiet ikunu lesti jaċċettawha, jew jekk il-kontenut essenzjali tar-raġunijiet diġà jinstab fil-fajl tal-qorti. Madankollu, minħabba r-rekwiżiti tar-relazzjonijiet legali internazzjonali, ir-raġunijiet għas-sentenza jridu jingħataw jekk is-sentenza hija mistennija tiġi eżegwita barra l-pajjiż (it-Taqsima 313a(4) Nru 5 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Jekk, b'mod eċċezzjonali, il-qorti tippermetti li jsir appell, l-istruttura tas-sentenza ssir skont ir-regoli tas-soltu.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ma hemmx restrizzjonijiet dwar ir-rimborż tal-ispejjeż; japplikaw ir-regoli tas-soltu.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Bħala regola ġenerali għas-sentenzi fejn il-valur inkwistjoni huwa inqas minn EUR 600 ma hemmx appell. Madankollu, b'eċċezzjoni, appell jista' jsir jekk fis-sentenza l-ewwel qorti tippermetti appell. Dan jista' jkun għaliex il-każ huwa ta' importanza fundamentali, jew għaliex hija meħtieġa deċiżjoni mill-qorti tal-appell sabiex tiżviluppa l-liġi jew tiġi żgurata ġurisprudenza konsistenti.

Jekk l-appell ma jitħalliex isir, l-ewwel qorti trid terġa' tisma' l-każ jekk il-parti li topponi s-sentenza ssostni li l-qorti naqqset milli tisma' l-argumenti tagħha b'mod xieraq u b'mod li huwa materjalment importanti għad-deċiżjoni. Jekk l-oġġezzjoni ma tiġix rimedjata mill-qorti tal-proċess, l-uniku mezz għall-parti huwa li tippreżenta rikors kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Federali.

L-aħħar aġġornament: 02/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna et ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Talbiet żgħar - Estonja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Ir-regoli ta' proċedura għas-smigħ ta' kawżi ċivili fil-qrati Estonjani huma stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (tsiviilkohtumenetluse seadustik (TsMS)). Jekk kawża ċivili tinstema' skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, ir-regoli stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fir-rigward tal-proċedura semplifikata japplikaw għall-partijiet mhux irregolati mir-Regolament. Il-kawżi jistgħu jinstemgħu skont ir-Regolament mill-Qorti tal-Kontea (maakohus) kompetenti skont il-ġuriżdizzjoni. Skont l-Artikolu 405 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, li jirregola l-proċedura semplifikata, il-qrati jisimgħu azzjonijiet ta' proċedura semplifikata billi jsegwu regoli semplifikati skont id-diskrezzjoni raġonevoli tagħhom u biss wara li jqisu l-prinċipji proċedurali ġenerali previsti fil-Kodiċi.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Jekk kawża ċivili tinstema' skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, ir-regoli stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fir-rigward tal-proċedura semplifikata japplikaw għall-partijiet mhux irregolati minn dak ir-Regolament.

Ir-regoli tal-proċedura semplifikata japplikaw għal kawżi domestiċi li jikkonċernaw pretensjonijiet propjetarji u li l-valur tagħhom ma jkunx jaqbeż ammont li jikkorrispondi għal EUR 2 000 għall-pretensjoni ewlenija u għal EUR 4 000 flimkien mat-talbiet kollaterali.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Skont l-Artikolu 405(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-qrati jistgħu jisimgħu kawżi billi jsegwu regoli semplifikati mingħajr ma jkollhom jagħtu digriet separat dwar dan il-fatt. Hija fid-diskrezzjoni raġonevoli tal-qrati jisimgħux il-kawżi billi jsegwu regoli semplifikati filwaqt li jqisu biss il-prinċipji proċedurali ġenerali. Fil-proċedura simplifikata, il-qorti tiggarantixxi li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet proċedurali essenzjali tal-parteċipanti fil-proċedimenti jkunu osservati u li l-parteċipanti fil-proċedimenti jinstemgħu jekk jitolbu li jinstemgħu. Ma hemmx għalfejn li ssir sessjoni fil-qorti għalhekk. Il-parteċipanti fil-proċedimenti xorta jridu jiġu nnotifikati bid-dritt tagħhom li jinstemgħu mill-qorti. Il-qrati jistgħu jissimplifikaw il-proċedura, iżda mhumiex obbligati.
Meta tkun qed tisma' kawża fil-proċedura semplifikata, qorti tista':
- iddaħħal fl-atti tal-kawża l-atti proċedurali biss li l-qorti tqis li jkunu meħtieġa, u tipprekludi d-dritt li jiddaħħlu oġġezzjonijiet għalihom;
- tiffissa terminu differenti mit-terminu previst mil-liġi;
- tirrikonoxxi persuni mhux speċifikati mil-liġi bħala rappreżentanti kuntrattwali tal-parteċipanti fil-proċedimenti;
- tiddevja mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li jikkonċernaw ir-rekwiżiti formali għall-preżentazzjoni u l-ġbir tal-provi u taċċetta wkoll provi mhux previsti mil-liġi, fosthom stqarrija minn parteċipant fil-proċedimenti li ma tingħatax b'mod ġuramentat;
- tiddevja mid-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ir-rekwiżiti formali għan-notifika ta' atti proċedurali u għad-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati lill-parteċipanti fil-proċedimenti, ħlief għan-notifika tal-kawża lill-konvenut;
- tidderoga mill-proċedura preliminari bil-miktub jew mis-seduta tal-qorti;
- tiġbor provi *ex officio*;
- tagħti s-sentenza mingħajr il-parti deskrittiva u l-motivazzjoni;
- tiddikjara d-deċiżjoni meħuda fil-kawża bħala eżekutorja immedjatament anki f'każijiet li ma jkunux dawk speċifikati mil-liġi jew mingħajr garanzija preskritta mil-liġi.

Talba għall-ftuħ tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tiġi ppreżentata ma' qorti f'format elettroniku jew bil-posta. Talba f'format elettroniku tista' tiġi ppreżentata permezz tas-sistema ta' informazzjoni maħsuba għal dan il-għan (is-sistema E-toimik (sistema ta' fajls elettroniċi), https://www.e-toimik.ee/). Biex wieħed jippreżenta talba permezz tas-sistema e-toimik, jista' jidħol fis-sistema ta' informazzjoni u jaħdem biha biss bil-karta tal-identità tal-Estonja. Talba elettronika tista' tiġi ppreżentata wkoll ma' qorti bil-posta elettronika. Id-dettalji ta' kuntatt tal-qrati Estonjani jinsabu fis-sit web tal-qrati fl-indirizz https://www.kohus.ee.
It-talba trid tkun iffirmata minn min ikun bagħatha. Talba ppreżentata elettronikament trid tiġi ffirmata b'mod diġitali minn min jibgħatha jew tiġi ppreżentata fi kwalunkwe mod ieħor daqstant sigur li jagħmilha possibbli li jiġi identifikat il-mittent. Talba elettronika tista' tiġi ppreżentata wkoll bil-faks jew bi kwalunkwe format ieħor li jista' jiġi riprodott bil-miktub, dment li d-dokument oriġinali bil-miktub jiġi ppreżentat lill-qorti mingħajr dewmien. Jekk tiġi appellata sentenza tal-qorti, l-appell oriġinali jrid jiġi ppreżentat fi żmien għaxart ijiem.
Il-qorti tista' tqis li talba jew kwalunkwe dokument proċedurali ieħor mibgħut bl-email minn parteċipant fil-proċedimenti jkun biżżejjed anki jekk jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżit li jkun fih firma diġitali, dment li l-qorti ma jkollha l-ebda dubju dwar l-identità tal-mittent u dwar li d-dokument intbagħat, speċjalment jekk id-dokumenti bil-firma diġitali jkunu ntbagħtu qabel mill-istess indirizz elettroniku lill-qorti fi proċedimenti li jikkonċernaw l-istess kwistjoni mill-istess parteċipant fil-proċedimenti jew jekk il-qorti tkun qablet li t-talbiet jew dokumenti oħrajn jistgħu jiġu ppreżentati lill-qorti b'dan il-mod ukoll.
L-aċċettazzjoni speċifikata fl-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tiġi kkomunikata elettronikament permezz tas-sistema ta' informazzjoni elettronika e-toimik (https://www.e-toimik.ee/) jew permezz tal-posta elettronika jew bil-faks skont il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Din l-aċċettazzjoni tista' tiġi ppreżentata wkoll lill-qorti flimkien mal-applikazzjoni għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.
L-atti proċedurali jridu jiġu nnotifikati lill-avukati, lin-nutara pubbliċi, lil marixxalli tal-qorti, lir-riċeventi f'falliment u lill-aġenziji statali jew tal-gvern lokali b'mod elettroniku permezz tas-sistema ta' informazzjoni maħsuba għal dan il-għan. In-notifika tagħhom fi kwalunkwe mod ieħor tkun permessa biss għal raġuni leġittima. Fil-proċedura semplifikata, ir-rekwiżiti formali rigward in-notifika ta' atti proċedurali jistgħu jiġu skartati; madankollu, din il-possibilità għandha titqies b'kawtela. Ir-regoli dwar in-notifika tal-atti proċedurali ma jistgħux jiġu skartati meta jkunu qed jiġu nnotifikati dikjarazzjonijiet ta' pretensjoni fuq il-konvenuti u deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar parteċipanti fil-proċedimenti.
Ir-rata tat-tariffa tal-istat tiġi ddeterminata abbażi tal-valur tal-kawża ċivili, li min-naħa tagħha tiġi kkalkulata billi jitqies l-ammont ta' flus li ntalab li jitħallas. Meta jiġi kkalkulat il-valur ta' kawża ċivili, l-ammont tat-talbiet kollaterali jridu jinżdiedu mal-ammont tat-talba prinċipali. Jekk fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tiġi mitluba penali għal ħlas tardiv iżda l-penali tkun għadha mhix dovuta fil-mument tal-preżentata tat-talba, l-ammont tal-penali li jikkorrispondi għall-ammont dovut għal sena jrid jinżdied mal-ammont tal-istess sena kkalkulata mid-data tal-preżentata tat-talba. Ir-rata tat-tariffa tal-istat tiġi ddeterminata abbażi tal-ammont finali ta' flus ikkalkulat (il-valur tal-kawża ċivili) u skont it-tabella fl-Anness 1 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Istat (riigilõivuseadus) f' konformità mal-Artikolu 59(1) tiegħu.
Meta jitressaq appell, it-tariffa tal-istat tkun l-istess ammont bħal dak imħallas wara l-preżentata inizjali tat-talba għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar lill-qorti tal-kontea, filwaqt li jitqies kemm hi wiesgħa l-firxa tal-appell. Meta jiġi ppreżentat appell kontra sentenza tal-qorti fil-qorti distrettwali (ringkonnakohus), trid titħallas tariffa tal-istat ta' EUR 50. Meta jiġi ppreżentat appell fil-kassazzjoni jew appell kontra sentenza tal-qorti mal-Qorti Suprema (Riigikohus), għandha titħallas garanzija fuq il-kassazzjoni. Il-garanzija fuq il-kassazzjoni li trid titħallas fuq appell ta' kassazzjoni hija ta' wieħed fil-mija tal-valur tal-kawża ċivili, filwaqt li titqies kemm qed jiġi appellat; madankollu, il-garanzija ma tkunx inqas minn EUR 100 jew iktar minn EUR 3 000. Il-garanzija fuq il-kassazzjoni li trid titħallas fuq appell kontra deċiżjoni tal-qorti hija ta' EUR 50.
It-tariffi u l-garanziji tal-istat fuq il-kassazzjoni dovuti għal atti li jridu isiru fil-kawżi l-qorti jridu jitħallsu fil-kontijiet bankarji tal-Ministeru tal-Finanzi li ġejjin:
SEB Bank – a/c EE571010220229377229 (SWIFT: EEUHEE2X)
Swedbank – a/c EE062200221059223099 (SWIFT: HABAEE2X)
Luminor Bank – a/c EE221700017003510302 (SWIFT: NDEAEE2X)
Jekk sentenza li tingħata fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u li tkun daħlet fis-seħħ ma tkunx irrispettata b'mod volontarju, il-persuna li tkun tixtieq li s-sentenza tkun suġġetta għal eżekuzzjoni obbligatorja trid tmur għand marixxall tal-qorti sabiex jiftaħ il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.
Skont l-Artikolu 21(2)(b) sentenza mogħtija f'kawżi skont ir-Regolament tkun eżekutorja biss fl-Estonja jekk issir bl-Estonjan jew bl-Ingliż jew jekk traduzzjoni bl-Estonjan jew bl-Ingliż tkun mehmuża maċ-ċertifikat. Jekk tiġi appellata sentenza mogħtija fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, il-qorti distrettwali fejn ikun sar l-appell tieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 23 tar-Regolament. Jekk sentenza tinqata' f'kontumaċja u tiġi ppreżentata talba biex titħassar is-sentenza f' kontumaċja skont l-Artikolu 415 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, it-talba għall-miżuri trid tiġi ppreżentata quddiem il-qorti li tkun qed tisma' l-kawża.
Jekk ma jkun għadu ġie ppreżentat l-ebda appell, il-miżuri speċifikati fl-Artikolu 23 tar-Regolament jittieħdu mill-qorti li tkun ħadet id-deċiżjoni. Il-miżura speċifikata fl-Artikolu 23(c) tar-Regolament tista' tittieħed mill-qorti tal-kontea li l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni qed iseħħu jew għandhom iseħħu fil-ġuriżdizzjoni tagħha.
Fil-proċedimenti speċifikati fl-Artikolu 46 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Eżekuzzjoni (täitemenetluse seadustik), minbarra l-qorti, il-marixxall tal-qorti wkoll jista' jwaqqaf il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni li jkun qed imexxi.

1.3 Formoli

Ma hemm l-ebda formola standard użata nazzjonalment għall-proċedimenti semplifikati.

1.4 Assistenza

Jekk persuna tipparteċipa fi proċedimenti ġudizzjarji permezz ta' rappreżentant kuntrattwali, ir-rappreżentant għandu ġeneralment ikollu mill-inqas Grad ta' Masters rikonoxxut mill-istat fil-qasam tal-liġi, kwalifika korrispondenti skont it-tifsira tal-Artikolu 28(22) tal-Att dwar l-Edukazzjoni tar-Repubblika tal-Estonja (Eesti Vabariigi haridusseadus) jew kwalifika barranija korrispondenti. Madankollu, fil-proċedura semplifikata, qorti tista' tippermetti lil persuna li ma tikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti edukattivi li iżda, fl-opinjoni tal-qorti, tkun għadha kompetenti biex tirrappreżenta persuna oħra fil-qorti, taġixxi bħala rappreżentant. Ir-regoli speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura semplifikata huma applikabbli biss għall-kawżi fl-ewwel istanza fil-qrati tal-kontej. Rappreżentant kuntrattwali aċċettat minn qorti tal-kontea iżda li ma jikkonformax mar-rekwiżiti edukattivi ma jista' jwettaq l-ebda att proċedurali f'qorti distrettwali jew fil-Qorti Suprema.

Il-parteċipazzjoni ta' rappreżentant f'każ ma tillimitax parteċipant fi proċedimenti b'kapaċità legali attiva fi proċedimenti ċivili milli jipparteċipa personalment fil-kawża. L-imġiba u l-għarfien ta' rappreżentant jitqiesu bħala ekwivalenti għall-imġiba u l-għarfien ta' parteċipant fil-proċedimenti.

Jekk il-qorti ssib li persuna fiżika li hija parteċipant fil-proċedimenti ma tkunx tista' tipproteġi d-drittijiet tagħha waħedha jew li l-interessi essenzjali tagħha jistgħu ma jkunux protetti biżżejjed mingħajr l-għajnuna ta' avukat, il-qorti tispjega lil dik il-persuna l-possibbiltà li tirċievi għajnuna legali mill-istat.

L-għajnuna legali tingħata skont ir-regoli dwar l-assistenza proċedurali stabbilita fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Artikolu 180 ff.) u skont il-proċedura speċifikata fl-Att dwar l-Għajnuna Legali tal-Istat (riigi õigusabi seadus). L-għajnuna legali mogħtija mill-istat tingħata fuq il-bażi tat-talba tal-persuna.

L-għajnuna legali mill-istat tingħata lil persuna fiżika li, fil-mument li tippreżenta t-talba għall-għajnuna legali, tkun residenti fir-Repubblika tal-Estonja jew fi Stat Membru ieħor tal-UE jew li tkun ċittadina tar-Repubblika tal-Estonja jew ta' Stat Membru ieħor tal-UE. Residenza tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Persuni fiżiċi oħrajn jingħataw għajnuna legali biss jekk dan jirriżulta minn obbligu internazzjonali li jorbot lill-Estonja.

Talba għall-għajnuna legali mill-istat fi proċedimenti ġudizzjarji bħala parti f'kawża ċivili trid tiġi ppreżentata lill-qorti li tisma' l-kawża jew lill-qorti li tkun kompetenti biex tisma' l-kawża.

Persuna fiżika tista' tirċievi għajnuna legali mill-istat jekk il-persuna ma tkunx tista' tħallas għal servizzi legali kompetenti minħabba l-qagħda finanzjarja fil-mument li tiġi bżonn l-għajnuna legali jew jekk tkun tista' tħallas biss għal parti mis-servizzi legali jew tkun tista' tħallas bin-nifs jew jekk il-qagħda finanzjarja tagħha ma tippermettilhiex li tlaħħaq mal-bżonnijiet ta' sussistenza bażika tagħha wara li tħallas għas-servizzi legali.

Persuna fiżika ma tingħatax l-għajnuna legali jekk:

(1) l-ispejjeż proċedurali ma jiġux preżunti li jaqbżu d-doppju tad-dħul medju fix-xahar tal-persuna li tkun qed titlob l-għajnuna legali kkalkulat fuq il-bażi tad-dħul medju fix-xahar tal-aħħar erba' xhur qabel il-preżentata tat-talba mingħajr it-taxxi kollha u kull ħlas ta' assigurazzjoni obbligatorja, l-ammonti preskritti biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-manteniment li jirriżulta mil-liġi u l-ispejjeż raġonevoli fuq l-akkomodazzjoni u t-trasport;

(2) il-persuna li titlob l-għajnuna legali tkun tista' tkopri l-ispejjeż proċedurali permezz tal-assi eżistenti li jistgħu jinbiegħu mingħajr ebda diffikultà maġġuri u li tista' ssir talba għall-ħlas fuqhom skont il-liġi;

(3) il-proċedimenti jkunu jirrigwardaw l-attività ekonomika jew professjonali tal-persuna li tkun qed titlob assistenza proċedurali u ma jkunux jikkonċernaw id-drittijiet tagħha mhux konnessi mal-attività ekonomika jew professjonali tagħha. Dan ma japplikax sal-punt li jeskludi l-għoti ta' assistenza proċedurali lil persuni fiżiċi għar-rilaxx, parzjalment jew kompletament, mill-ħlas tat-tariffa tal-istat talli rrikorrew għall-qorti jew għal appell jekk il-proċedimenti jkunu jikkonċernaw l-attività ekonomika jew professjonali tal-persuna li titlob assistenza proċedurali u ma jkunux relatati mad-drittijiet tagħha mhux konnessi mal-attività ekonomika jew professjonali tagħha.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Fil-**proċedura semplifikata**, qorti tista' tiddevja mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li jikkonċernaw ir-rekwiżiti formali għall-preżentazzjoni u l-ġbir tal-provi kif ukoll taċċetta provi mhux previsti mil-liġi (eż. stqarrija minn parteċipant fil-proċedimenti li ma tingħatax b'mod ġuramentat). Kuntrarju għall-proċedimenti ordinarji ta' kawża, f'każ ta' proċedura semplifikata qorti tista' wkoll tiġbor il-provi *ex officio*. Madankollu, irid jiġi żgurat li l-azzjonijiet tal-qorti ma jkunux ta' dannu għall-ugwaljanza tal-partijiet quddiem il-qorti. Il-fatti li l-qorti tieħu l-provi dwarhom iridu jkunu magħrufa mill-qorti minn qabel.

Ir-regoli li jikkonċernaw il-ġbir tal-provi huma stipulati fil-Kapitolu 25 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Fl-azzjonijiet, kull parti trid tipprova l-fatti li t-talbiet u l-oġġezzjonijiet tagħha ikunu bbażati fuqhom, sakemm ma jkunx stipulat xorta oħra mil-liġi. Il-partijiet jistgħu jaqblu li jaqsmu l-oneru tal-provi b'mod differenti minn kif stipulat fil-liġi u jaqblu dwar in-natura tal-provi fejn ċertu fatt jista' jiġi ppruvat, sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor mil-liġi. Il-provi jiġu ppreżentati mill-parteċipanti fil-proċedimenti. Il-qorti tista' tipproponi lill-parteċipanti fil-proċedimenti li jippreżentaw provi addizzjonali. Jekk parteċipant fil-proċedimenti jkun jixtieq jipprovdi provi imma ma jkunx jista', huwa jkun jista' jitlob li l-provi tiġborhom il-qorti. Parteċipant fil-proċedimenti li jipprovdi provi jew talbiet li jinġabru provi jrid jissostanzja x'fatti rilevanti għall-kawża jixtieq li juri billi jipprovdi l-provi jew jitlob li jinġabru l-provi. Talba għall-ġbir tal-provi trid tistabbilixxi wkoll kull informazzjoni li tippermetti l-ġbir tal-provi. Tul il-proċedimenti preliminari, il-qorti tistabbilixxi terminu biex il-parteċipanti fil-proċedimenti jressqu l-provi u jitolbu li jinġabru l-provi. Jekk it-talba ta' parteċipant fil-proċedimenti biex jinġabru l-provi tiġi miċħuda minħabba n-nuqqas tal-parteċipant li jħallas l-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-provi bil-quddiem minkejja t-talba tal-qorti, il-parteċipant ma jkollux id-dritt li jitlob li l-ġbir tal-provi iktar tard jekk l-aċċettazzjoni tat-talba mbagħad tirriżulta f'differiment tas-seduta tal-kawża.

Jekk il-provi jridu jinġabru barra mill-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qorti li tkun qed tisma' l-kawża, hija tkun tista' tordna t-twettiq tal-att proċedurali mill-qorti li l-provi jridu jinġabru fil-ġuriżdizzjoni territorjali tagħha permezz ta' ittri rogatorja. Il-konformità mal-ittra rogatorja ssir skont ir-regoli stabbiliti għall-prestazzjoni tal-att proċedurali mitlub fl-ittra rogatorja. Il-parteċipanti fil-proċedimenti jkunu nnotifikati bil-ħin u l-post tal-att proċedurali; madankollu, in-nuqqas ta' parteċipant fil-proċedimenti ma jipprevjenix il-konformità mal-ittra rogatorja. Il-minuti tal-atti proċedurali u l-provi miġbura b'konformità mal-ittra rogatorja jintbagħtu lill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża mingħajr dewmien. Jekk, matul il-ġbir tal-provi mill-qorti li qed tmexxi l-proċedimenti fuq il-bażi ta' ittra rogatorja, jinqala' tilwim li ma jistax jiġi solvut minn dik il-qorti iżda l-kontinwazzjoni tal-ġbir tal-provi tkun tiddependi mir-riżoluzzjoni tat-tilwima, il-qorti li qed tisma' l-kawża ewlenija ssolvi t-tilwima hi. Jekk il-qorti li tkun qed timxi mal-ittra rogatorja ssib li, biex taġġudika aħjar il-kawża, ikun raġonevoli li tittrasferixxi d-dmir tal-ġbir tal-provi lil qorti oħra, hija tressaq talba għal dan lill-qorti l-oħra u tinforma lill-parteċipanti fil-proċediment b'dan.

Provi miġbura fi stat barrani skont il-leġiżlazzjoni ta' dak l-istat jistgħu jintużaw fil-qrati ċivili fl-Estonja sakemm l-atti proċedurali li wasslu għall-ksib tal-evidenza ma jkunux imorru kontra l-prinċipji tal-proċedura ċivili Estonjana. L-imħallfin tal-qorti li talbet il-ġbir tal-provi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali jew l-imħallef li jaġixxi fuq il-bażi ta' ordni, b'konformità ma' dak ir-Regolament, jistgħu jkunu preżenti u jieħdu sehem fil-ġbir tal-provi minn qorti barranija. Il-parteċipanti fil-proċedimenti, ir-rappreżentanti tagħhom u l-esperti jistgħu jipparteċipaw f'dak il-ġbir tal-provi bl-istess mod bħal fil-ġbir tal-provi fl-Estonja. L-imħallfin li jkunu qed jisimgħu l-kawża, l-imħallef li jaġixxi fuq il-bażi ta' ordni jew espert maħtur mill-qorti jistgħu jipparteċipaw f'dan il-ġbir dirett tal-provi minn qorti Estonjana fi Stat Membru ieħor tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament.

Jekk il-provi jridu jinġabru xi mkien li mhux fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, il-qorti titlob li l-ġbir tal-provi jsir permezz ta' awtorità kompetenti skont il-Konvenzjoni dwar il-Ksib ta' Provi Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali. Il-qorti tista' tiġbor il-provi wkoll fi stat barrani b'intermedjazzjoni tal-ambaxxatur li jirrappreżenta lir-Repubblika tal-Estonja f'dak l-istat jew permezz ta' uffiċjal konsulari kompetenti, sakemm dan ma jkunx ipprojbit mil-liġi ta' dak l-istat barrani.

Il-parti li tkun ipprovdiet il-provi jew li tkun qed talbitha tista' tiċħad jew tirtira l-provi biss bil-kunsens tal-parti avversarja, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-liġi.

1.6 Proċedura bil-miktub

Kawża bi proċedura semplifikata tista' tiġi eżaminata bi proċedura bil-miktub. Il-qorti mbagħad tiggarantixxi li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet proċedurali essenzjali tal-parteċipanti fil-proċedimenti jkunu osservati u li l-parteċipanti fil-proċedimenti jinstemgħu jekk jitolbu li jinstemgħu. Ma hemmx għalfejn li ssir sessjoni fil-qorti għalhekk. Il-qorti tista' tirrinunzja għall-proċedura preliminari bil-miktub jew għas-seduta fil-qorti.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Sentenza tikkonsisti f'introduzzjoni, konklużjoni, parti deskrittiva u l-motivazzjoni.

L-introduzzjoni ta' sentenza tistabbilixxi:

l-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza;

l-isem tal-imħallef li ta s-sentenza;

il-ħin u l-post biex is-sentenza ssir pubblika;

in-numru tal-kawża ċivili;

l-oġġett tal-kawża;

il-valur tal-kawża ċivili;

l-ismijiet u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni personali jew il-kodiċijiet tar-reġistru tal-parteċipanti fil-proċedimenti;

l-indirizzi tal-parteċipanti fil-proċedimenti jekk dan ikun meħtieġ b'mod ċar għall-eżekuzzjoni jew għar-rikonoxximent tas-sentenza;

l-ismijiet tar-rappreżentanti tal-parteċipanti fil-proċedimenti u jekk ir-rappreżentanti ġew sostitwiti, l-ismijiet tal-aħħar rappreżentanti;

il-ħin tal-aħħar seduta tal-qorti jew referenza għall-kawża li tkun qed tiġi eżaminata fil-proċedura bil-miktub.

Il-parti deskrittiva ta' sentenza tindika, b'mod konċiż u f'ordni loġiku, il-kontenut rilevanti tat-talbiet ippreżentati u l-allegazzjonijiet magħmula, il-kontrotalbiet ippreżentati u l-provi fornuti fir-rigward ta' dawk it-talbiet.

Il-motivazzjoni ta' sentenza tistabbilixxi l-fatti stabbiliti mill-qorti, il-konklużjonijiet milħuqa abbażi tagħhom, il-provi li l-konklużjonijiet tal-qorti huma bbażati fuqhom u l-Atti li ġew applikati mill-qorti. F'sentenza, il-qorti trid tissostanzja r-raġunijiet tagħha għaliex ma qablitx mad-dikjarazzjonijiet ta' fatt li jkunu saru mill-attur jew mill-konvenut. Il-qorti trid tanalizza l-provi kollha fis-sentenza. Jekk il-qorti ma tqisx ċerti provi, dan ikollha tiġġustifikah fis-sentenza. Jekk tintlaqa' waħda mit-talbiet alternattivi, ma hemmx għalfejn tiġi ssostanzjata ċ-ċaħda ta' talba alternattiva oħra.

Fil-**proċedura semplifikata** qorti tista' tagħti sentenza billi tħalli barra l-parti deskrittiva u l-motivazzjoni jew fil-motivazzjoni tindika biss ir-raġunament ġuridiku u l-provi li fuqhom l-konklużjonijiet tal-qorti huma bbażati fuqhom.

Fil-konklużjoni ta' sentenza, il-qorti taġġudika t-talbiet tal-partijiet b'mod ċar u mingħajr ambigwità u t-talbiet kollha tal-partijiet li jkunu għadhom ma ġewx solvuti, kif ukoll il-kwistjonijiet kollha relatati mal-miżuri applikati biex tiġi ggarantita t-talba. Il-konklużjoni trid tkun eżekutorja u tista' tinftiehem b'mod ċar anke mingħajr it-test tal-bqija tas-sentenza.

Il-konklużjoni tistabbilixxi wkoll il-proċedura u t-terminu għal appell tas-sentenza u, fost affarijiet oħrajn, tispeċifika l-qorti li l-appell għandu jiġi ppreżentat għandha, u tagħmel referenza għall-fatt li sakemm fl-appell ma jkunx mitlub li l-eżami tal-kawża jsir f'seduta tal-qorti, l-appell ikun jista' jiġi eżaminat bil-proċedura bil-miktub. Sentenza mogħtija b'kontumaċja tistabbilixxi d-dritt li titressaq talba sabiex tiġi annullata s-sentenza mogħtija b'kontumaċja. Il-konklużjoni tispjega wkoll li jekk appellant ikun jixtieq jitlob assistenza proċedurali għall-preżentazzjoni ta' appell (pereżempju rilaxx mill-ħlas tat-tariffa tal-istat fl-appell), l-att proċedurali rilevanti jrid jitwettaq, jiġifieri l-appell irid jiġi ppreżentat, fit-terminu tal-appell sabiex ikun konformi mal-limiti ta' żmien tal-proċedura.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Prinċipji ġenerali:

L-ispejjeż ta' kawża jiġu koperti mill-parti telliefa.

Il-parti telliefa tkun meħtieġa tikkumpensa lill-parti l-oħra kemm għall-ispejjeż tal-qorti kif ukoll għal kwalunkwe spejjeż ekstraġudizzjarji li jirriżultaw mill-proċedimenti quddiem il-qorti.

L-ispejjeż tal-qorti jinkludu t-tariffa tal-istat, il-garanzija u l-ispejjeż essenzjali għall-proċedimenti. L-ispejjeż essenzjali għall-proċedimenti huma: (a) l-ispejjeż relatati max-xhieda, l-esperti, l-interpreti u t-traduttur kif ukoll l-ispejjeż ta' persuni li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-proċedimenti mġarrba b'konnessjoni mal-eżamijiet li jridu jiġu kkumpensati skont l-Att dwar l-Eżaminazzjoni Forensika (kohtuekspertiisiseadus); (b) l-ispejjeż relatati mal-kisba ta' provi dokumentati u provi fiżiċi; (c) l-ispejjeż relatati mal-ispezzjonijiet, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar meħtieġa mġarrbin mill-qorti; (d) l-ispejjeż tan-notifika u t-trażmissjoni ta' dokumenti proċedurali permezz ta' marixxall tal-qorti jew fi stat barrani jew lil ċittadini tar-Repubblika tal-Estonja li jgħixu barra; (e) l-ispejjeż tal-ħruġ ta' dokumenti proċedurali; (f) l-ispejjeż relatati mad-determinazzjoni tal-valur tal-kawża ċivili. L-ispejjeż ekstraġudizzjarji huma fost l-oħrajn: (a) l-ispejjeż relatati mar-rappreżentanti tal-parteċipanti fil-proċedimenti; (b) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-posta, tal-komunikazzjonijiet, tal-akkomodazzjoni u spejjeż oħra ta' dan it-tip tal-parteċipanti fil-proċedimenti li jiġġarrbu b'rabta mal-proċedimenti; (c) il-pagi jew is-salarji mitlufa jew introjtu permanenti ieħor mitluf mill-parteċipanti fil-proċedimenti; (d) l-ispejjeż tal-proċedimenti preliminari previsti mil-liġi sakemm il-kawża ma tkunx ġiet ippreżentata aktar tard minn sitt xhur wara tmiem il-proċedimenti preliminari; (e) it-tariffa tal-marixxall tal-qorti għall-mandati kawtelatorji u l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni tas-sentenza b'mandat eżekuttiv; (f) it-tariffa tal-marixxall tal-qorti għan-notifika tad-dokumenti proċedurali; (g) it-tariffa tal-marixxall għall-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea magħmula fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea kif ukoll l-emolumenti dovuti lill-Kamra tal-Marixxalli u l-Amministraturi Ġudizzjarji f'Falliment (Kohtutäiturite ja Pankrotihaldurite Koda) għall-eżami tat-talba biex tinkiseb informazzjoni ppreżentata fuq il-bażi tal-istess ordni; (h) l-ispejjeż relatati mal-ipproċessar ta' talba għal assistenza proċedurali għall-ħlas tal-ispejjeż proċedurali; (i) l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni f'konċiljazzjoni jekk il-qorti tkun imponiet obbligu fuq il-partijiet biex jipparteċipaw fi proċedimenti bħal dawn.

L-ispejjeż proċedurali ta' rappreżentant legali ta' parti jiġu rimborżati skont l-istess regoli li japplikaw għar-rimborż tal-ispejjeż proċedurali tal-parti.

F'każ li talba tintlaqa' parzjalment, il-partijiet ikopru l-ispejjeż proċedurali f'partijiet b'mod ugwali sakemm il-qorti ma taqsamx l-ispejjeż proċedurali b'mod proporzjonat għal kemm mit-talba intlaqgħet jew tiddeċiedi li l-ispejjeż proċedurali jridu jkunu koperti, parzjalment jew kompletament, mill-partijiet infushom. Id-diviżjoni tal-ispejjeż proċedurali tiġi indikata fid-deċiżjoni finali. L-ammonti tal-ispejjeż jiġu ddeterminati skont ir-regoli li jirrigwardaw id-determinazzjoni tal-ispejjeż proċedurali jew fid-deċiżjoni finali li tittieħed fuq il-merti tal-kawża jew f'deċiżjoni separata li trid tittieħed wara li tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni finali dwar il-merti tal-kawża.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Fis-sentenza mogħtija f'kawża bi proċedura semplifikata, qorti tal-kontea tista' tistabbilixxi li tagħti permess għal appell kontra s-sentenza. Il-qorti tal-kontea tagħti l-permess jekk, fl-opinjoni tagħha, id-deċiżjoni tal-qorti tal-appell tkun meħtieġa biex tinkiseb il-pożizzjoni ta' din tal-aħħar dwar dispożizzjoni legali. L-għoti tal-permess għal appell ma hemmx għalfejn ikun iġġustifikat fis-sentenza.

Fil-konklużjoni ta' sentenza li ssir fi proċedimenti semplifikati, il-qorti tistabbilixxi wkoll il-proċedura u t-terminu għal appell kontra s-sentenza. Il-qorti distrettwali tista' tisma' appell imressaq f'kawża bi proċedura semplifikata irrispettivament mil-permess tal-qorti tal-kontea għall-appell u appell jista' jiġi ppreżentat irrispettivament mill-permess tal-qorti tal-kontea. Jekk il-qorti tal-kontea ma tkunx tat permess għal appell, il-qorti distrettwali tkun tista' tisma' l-

appell jekk is-sentenza tal-qorti tal-kontea tkun setgħet ġiet influwenzata minn żball ovvju fl-applikazzjoni tal-liġi jew fl-istabbiliment tal-fatti. Madankollu, il-qorti distrettwali tista' tirrifjuta li tisma' appell ta' valur baxx, iżda biss f'każ li r-riżoluzzjoni tal-qorti tal-kontea tkun probabbilment ġusta u s-smigħ ulterjuri tal-kawża fl-appell twassal sempliċement għal spejjeż bla bżonn f'termini kemm ta' ħin kif ukoll ta' flus. Il-qorti distrettwali ma tistax tirrifjuta li tisma' appell għall-unika raġun li tkun kawża bi proċedura semplifikata. Parti jew parti terza b'talba indipendenti tista' tappella kontra sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel istanza fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar quddiem il-qorti distrettwali tal-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-kontea li tkun qatgħet is-sentenza appellata. Parti terza mingħajr talba indipendenti tista' tippreżenta appell jekk ma jkunx jikkontradixxi l-appell tal-attur jew tal-konvenut li l-parti terza tkun qed tipparteċipa fil-proċedimenti biex tappoġġah. Għat-terzi japplika l-istess terminu għall-preżentazzjoni ta' appell jew biex isiru atti proċedurali bħalma japplika għall-attur jew għall-konvenut li l-parti terza tkun qed tipparteċipa fil-proċedimenti biex tappoġġah.
Appell ma jistax jitressaq jekk iż-żewġ partijiet ikunu rrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jressqu appell b'talba lill-qorti.
Appell jista' jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum min-notifika tas-sentenza lill-appellant, iżda mhux aktar tard minn ħames xhur minn dakinhar li s-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza tkun saret pubblika.
Jekk, matul it-terminu għall-appell, tingħata sentenza supplimentari fl-istess kawża, it-terminu tal-appell tas-sentenza inizjali jerġa' jibda jiddekorri wkoll mid-data tan-notifika tas-sentenza supplimentari. Jekk is-sentenza li tkun saret mingħajr il-parti deskrittiva jew mingħajr il-motivazzjoni tiġi ssupplimentata mill-parti omessa, it-terminu għall-appell jerġa' jibda jiddekorri min-notifika tas-sentenza sħiħa.
It-terminu għall-appell jista' jitnaqqas, jew jiżdied b'sa ħames xhur minn meta s-sentenza ssir pubblika jekk il-partijiet jilħqu ftehim korrispondenti u jinformaw lill-qorti b'dan.
Appell jista' jiddikjara biss li s-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza tkun ibbażata fuq ksur ta' dispożizzjoni legali jew jindika li, skont iċ-ċirkustanzi u l-provi li jridu jiġu kkunsidrati fil-proċedura tal-appell, għandha tingħata sentenza differenti minn dik mogħtija mill-qorti tal-ewwel istanza.
Fost affarijiet oħra, appell ikun fih dan li ġej: (1) isem il-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, id-data tas-sentenza u n-numru tal-kawża ċivili; (2) it-talba espressa b'mod ċar mill-appellant li tispeċifika sa fejn l-appellant qed jikkontesta s-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u li tistabbilixxi d-deċiżjoni tal-qorti distrettwali li jkun qed jitlob l-appellanti; (3) il-motiv tal-appell; (4) il-mument tan-notifika tas-sentenza appellata.
Il-motiv tal-appell irid jispeċifika: (1) id-dispożizzjoni legali li l-qorti tal-ewwel istanza tkun kisret fis-sentenza jew waqt li kienet qed taqta' s-sentenza, jew il-fatt li l-qorti tal-ewwel istanza tkun ikkonstatat inkorrettament jew b'mod insuffiċjenti; (2) ir-raġuni għall-ksur tad-dispożizzjoni legali jew il-konstatazzjoni inkorretta jew insuffiċjenti tal-fatt; (3) referenza għall-provi li l-appellant jixtieq jippreżenta bħala prova ta' kull dikjarazzjoni ta' fatt.
Provi dokumentati li ma jkunux ġew ippreżentati lill-qorti tal-ewwel istanza u li l-appellant jitlob li l-qorti taċċetta jiġu annessi mal-appell. Jekk r-raġuni speċifikata għall-preżentazzjoni ta' appell tkun fatti u provi ġodda, l-appell irid jistabbilixxi r-raġuni għaliex dawn il-fatti u l-provi ġodda ma ġewx ippreżentati lill-qorti tal-ewwel istanza.
Jekk l-appellant ikun jixtieq li l-qorti tisma' xhud jew tikseb id-dikjarazzjoni ta' parteċipant fi proċedimenti taħt ġurament, jew li torganizza valutazzjoni jew spezzjoni esperta, dan irid jiġi indikat fl-appell flimkien mar-raġuni għalih. F'tali każ, l-ismijiet u l-indirizzi tax-xhieda jew tal-esperti, u n-numri ta' kuntatt tagħhom, jekk ikunu magħrufa, iridu jiġu inklużi fl-appell.
Jekk l-appellant ikun jixtieq li l-kawża tinstema' f'seduta tal-qorti, l-appellant irid jindikah fl-appell. Inkella, l-appellant jitqies li jaqbel mal-aġġudikazzjoni tal-kawża bi proċedura bil-miktub.
Jekk qorti tkun tat sentenza mingħajr il-parti deskrittiva jew mingħajr il-motivazzjonijiet, il-qorti tal-kontea, fi żmien għaxart ijiem min-notifika tas-sentenza, trid tiġi nnotifikata bl-intenzjoni li tiġi appellata s-sentenza. Il-qorti mbagħad iżżid il-partijiet omessi mas-sentenza fi proċedura bil-miktub. Jekk mas-sentenza jinżiedu l-partijiet omessi, it-terminu għall-preżentazzjoni ta' appell jerġa' jibda jiddekorri min-notifika tas-sentenza supplimentari. Parteċipant fi proċedimenti ta' appell jista' jressaq appell kontra sentenza tal-qorti distrettwali mal-Qorti Suprema jekk il-qorti distrettwali tkun kisret materjalment dispożizzjoni tal-liġi proċedurali jew tkun applikat inkorrettament dispożizzjoni tal-liġi sostantiva. Parti terza mingħajr pretensjoni indipendenti tista' tressaq appell fil-kassazzjoni bil-kundizzjonijiet previsti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.
Appell fil-kassazzjoni ma jistax jitressaq jekk iż-żewġ partijiet ikunu rrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jressqu appell b'talba lill-qorti.
Appell fil-kassazzjoni jista' jitressaq fi żmien 30 jum minn dakinhar meta s-sentenza tiġi nnotifikata lill-appellant imma mhux iktar minn ħames xhur wara dakinhar meta s-sentenza tal-qorti distrettwali ssir pubblika.
Sabiex jintalab ir-rieżami ta' sentenza skont l-Artikolu 18, trid tiġi ppreżentata talba għall-annullament ta' sentenza fil-kontumaċja għand il-qorti tal-kontea li tkun semgħet it-talba. Talba għal annullament ta' sentenza b'kontumaċja trid tiġi ppreżentata lill-qorti tal-kontea li tkun tat is-sentenza f'kontumaċja fi żmien 30 jum minn meta tkun ġiet innotifikata s-sentenza b'kontumaċja. Jekk sentenza f'kontumaċja tiġi notifikata b'avviż pubbliku, talba biex tiġi annullata s-sentenza mogħtija b'kontumaċja tista' tiġi ppreżentata fi żmien 30 jum minn dakinhar li l-konvenut ikun sar konxju bis-sentenza f'kontumaċja jew tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni mibdija biex tiġi eżegwita s-sentenza f'kontumaċja.
L-aħħar aġġornament: 16/12/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Talbiet żgħar - Irlanda

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Iva din il-proċedura teżisti skont il-liġi Irlandiża bħala metodu alternattiv ta' kif tibda talba ċivili żgħira. [Ara r-Regoli tal-1997 u l-1999 dwar il-Qorti Distrettwali (il-Proċedura għat-Talbiet iż-Żgħar)]. Dan huwa servizz ipprovdut mill-uffiċċji tal-Qrati Distrettwali bl-għan illi jittratta t-talbiet tal-konsumaturi bl-irħis mingħajr il-bżonn ta' solicitor. Il-proċedimenti li jinvolvu talbiet żgħar (jiġifieri ċerti talbiet ta' valur massimu ta' EUR 2 000) jistgħu jinbdew ukoll bl-Internet.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

It-tipi ta' talbiet koperti mill-proċedura għat-talbiet iż-żgħar huma:
(I) talbiet għal oġġetti jew servizzi mixtrija għal użu privat minn xi ħadd li jbigħhom fil-kors ta' negozju (talbiet tal-konsumaturi)
(ii) talbiet għal danni minuri kkawżati fuq proprjetà (minbarra danni fuq il-persuna)
(iii) talbiet għal nuqqas ta' ritorn ta' depożitu fuq kera għal ċerti tipi ta' propjetajiet mikrija. Pereżempju, dar tal-villeġġjatura jew kamra/appartament f'bini li fih jgħix ukoll is-sid sakemm it-talba ma taqbiżx l-ammont ta' EUR 2000.
It-talbiet fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta ma' talbiet ta' sid il-propjetà/il-kerrej jew akkomodazzjoni mikrija li ma taqax taħt il-proċedura għat-talbiet iż-żgħar jistgħu jitressqu quddiem il-Private Residential Tenancies Board (Bord tal-Użu Residenzjali Privat), 2nd Floor, O'Connell Bridge House, D'Olier Street, Dublin 2. Sit web: https://www.rtb.ie

Esklużi mill-proċedura għal talbiet żgħar huma talbiet ġejjin minn:
(i) ftehim ta' kiri bil-possibbiltà ta' xiri
(ii) ksur ta' ftehim ta' kiri
(iii) djun

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Biex ikun eliġibbli għall-proċedura, il-konsumatur irid ikun xtara l-oġġetti jew is-servizzi għal użu privat mingħand xi ħadd li jbigħhom bħala parti min-negozju tiegħu. Il-proċedura tista' tintuża wkoll minn negozjant kontra ieħor sa minn Jannar 2010. L-Iskrivan tal-Qorti Distrettwali, imsejjaħ ir-Reġistratur tat-Talbiet iż-Żgħar, jieħu ħsieb it-talbiet iż-żgħar. Fejn ikun possibbli, ir-reġistratur jinnegozja ftehim bejn il-partijiet mingħajr il-bżonn ta' seduta ta' smigħ il-qorti. Jekk il-kwistjoni ma tistax tiġi solvuta, ir-reġistratur iressaq it-talba quddiem il-Qorti Distrettwali għal seduta ta' smigħ.
Ir-rikorrent irid ikun żgur mill-isem u l-indirizz tal-persuna jew kumpanija li jixtieq iressaq it-talba tiegħu kontriha. Jekk l-intimat ikun kumpanija jrid juża t-titlu ġuridiku eżatt. Dawn id-dettalji jridu jkunu preċiżi sabiex ix-Sheriff ikun jista' jeżegwixxi l-Ordni (Digriet) tal-Qorti.
Jekk ir-Reġistratur tat-Talbiet iż-Żgħar jirċievi risposta mingħand l-intimat fejn jopponi t-talba jew jagħmel kontrotalba, ir-Reġistratur irid jikkuntattja lir-rikorrent u jagħtih kopja tar-risposta jew kontrotalba. Ir-Reġistratur jista' jsaqsi liż-żewġ partijiet u jinnegozja magħhom biex jipprova jsib ftehim.
Jekk l-intimat jammetti t-talba huwa jrid jinnotifika lill-uffiċċju tar-Reġistratur billi jibgħat il-formola ta' Avviż ta' Aċċettazzjoni tar-Responsabbiltà. Jekk l-intimat ma jweġibx, it-talba tiġi awtomatikament meqjusa bħala mhux ikkontestata. Il-Qorti Distrettwali mbagħad toħroġ ordni favur ir-rikorrent (mingħajr il-bżonn illi jidher il-qorti) għall-ammont mitlub, u tordna illi dan jitħallas fi żmien qasir speċifiku.

1.3 Formoli

Ir-Reġistratur tat-Talbiet iż-Żgħar jipprovdi kopja tar-rikors lir-rikorrent li tista' titniżżel ukoll mis-sit elettroniku tas-Servizzi tal-Qorti hawnhekk https://www.courts.ie

1.4 Assistenza

Peress illi l-għan tal-proċedura għat-talbiet iż-żgħar hija li tittratta talbiet tal-konsumaturi b'mod irħis u mingħajr solicitor, ġeneralment l-għajnuna legali jew parir legali ma jkunux meħtieġa għal dawn it-tip ta' talbiet.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Jekk il-każ imur il-qorti, il-partijiet iridu jattendu s-seduta ta' smigħ quddiem il-Qorti Distrettwali. Il-każ jinstema' fil-pubbliku bħala parti minn seduta normali tal-Qorti Distrettwali. Meta l-każ jiġi msejjaħ ir-Reġistratur tal-Qorti jsejjaħ lill-intimat biex jitla' fuq il-pedana u jixhed. Ix-xhieda trid tingħata taħt ġurament jew dikjarazzjoni u l-intimat jista' jagħmel il-kontroeżami tar-rikorrent fuq kwistjonijiet relatati mat-talba. L-intimat jingħata wkoll iċ-ċans li jixhed. Kull xhud jista' jkun soġġett għal kontroeżami mill-parti l-oħra jew mir-rappreżentanti legali tagħhom jekk ikunu preżenti. Il-partijiet wkoll għandhom dritt isejħu x-xhieda jew jissottomettu rapporti minn xhieda iżda ma jkunux jistgħu jirkupraw l-ispejjeż għal dan il-għan billi l-proċedura mhix maħsuba biex jiġu rkuprati l-ispejjeż iżda hija intiża biex tiffaċilita l-ftuħ ta' talbiet żgħar f'forum relattivament irħis.

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk il-kwistjoni ma tiġix riżolta mir-Reġistratur tat-talbiet iż-żgħar, imbagħad dakinhar tas-seduta ta' smigħ, ir-rikorrent irid iġib miegħu provi bil-miktub li jsostnu t-talba tiegħu, pereżempju ittri, irċevuti jew fatturi rilevanti. Barra minn jekk, iż-żewġ partijiet jingħataw iċ-ċans jixhdu oralment u jistgħu jiġu kontroeżaminati.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Jekk ir-rikorrent jirbaħ il-kawża, il-Qorti Distrettwali mbagħad tagħti ordni favur tiegħu għall-ammont mitlub, u tordna illi dan jitħallas fi żmien speċifiku u qasir.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Filwaqt li l-partijiet jistgħu iqabbdu konsulent legali, ma għandhomx dritt jirkupraw l-ispejjeż għas-servizzi tiegħu mill-parti l-oħra, lanqas jekk jirbħu l-kawża. L-għan aħħari tal-proċedura għat-talbiet iż-żgħar hija li tiffaċilita l-ftuħ tal-kawża mingħajr il-bżonn ta' solicitor jew barrister.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Kemm ir-rikorrent u kemm l-intimat għandhom id-dritt li jappellaw mill-ordni tal-Qorti Distrettwali quddiem is-Circuit Court. L-ispejjeż jiġu aġġudikati mis-Circuit Court iżda dik hija kwistjoni għall-imħallef individwali tas-Circuit Court.

Ħoloq relatati

https://www.courts.ie
https://www.courts.ie/small-claims
http://www.citizensinformation.ie/en/justice/courts_system/small_claims_court.html
https://www.courts.ie/small-claims

L-aħħar aġġornament: 26/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna el ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Talbiet żgħar - Greċja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fil-Greċja hemm proċedura għal talbiet żgħar (jiġifieri proċedura speċifika sempliċi mil-lat proċedurali meta mqabbla mal-proċedura ordinarja u li tapplika f' każijiet taħt ċertu livell limitu finanzjarju jew f'ċertu tip ta' litigazzjoni irrispettivament mil-limitu finanzjarju)?
Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi dispożizzjonijiet speċjali għal talbiet żgħar (Kapitolu XIII, Artikoli 466-472).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar talbiet żgħar japplikaw: (1) fejn is-suġġett tat-tilwima hija soġġetta għall-ġuriżdizzjoni tal-qorti ċivili distrettwali (*eirinodikeío*) u hija marbuta ma' talbiet jew drittijiet fuq propjetà mobbli jew il-pussess ta' propjetà mobbli li ma jaqbżux EUR 5 000 f'valur; jew (2) fejn il-valur kontestat jaqbeż EUR 5 000 jekk ir-rikorrent jiddikjara illi se jaċċetta somma li ma taqbiżx EUR 5 000 b'saldu tat-talba jew dritt mitlub fil-kawża. F'dan il-każ, l-intimat li jitlef il-kawża jiġi ordnat jissodisfa t-talba jew id-dritt mitlub fil-kawża jew iħallas l-istima tal-valur aċċettata mill-qorti.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedura hija obbligatorja.
La l-qorti u l-anqas il-partijiet fil-kawża ma jistgħu jagħżlu l-proċedura ordinarja minflok il-proċedura speċjali ta' talbiet żgħar.

1.3 Formoli

Ma hemmx formoli disponibbli.

1.4 Assistenza

Hemm assistenza fi kwistjonijiet proċedurali (pereżempju mill-iskrivan tal-qorti jew l-imħallef) għall-partijiet li ma jkollhomx avukat? Jekk iva, x'tip ta' assistenza?

Il-partijiet fil-kawża jistgħu jidhru l-qorti f'isimhom stess. Parti fil-kawża tista' tiġi rappreżentata wkoll mill-konjuġi tagħha, minn qarib fil-linja axxendenti jew dixxendenti, minn qarib sat-tieni grad ta' parentela jew minn qarib relatat biż-żwieġ sat-tieni grad, jew minn impjegat tagħha stess. Konjuġi dejjem jiġi preżunt li jista' jaġixxi f'isem il-konjuġi l-ieħor, u jista' jaħtar rappreżentanti oħra. Ma hemmx dispożizzjoni f'dawn il-każijiet għall-iskrivan tal-qorti jew għall-imħallef biex jassisti lill-partijiet jew lir-rappreżentanti tagħhom li mhux avukati.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Ċerti regoli dwar il-kumpilazzjoni tal-provi huma inqas stretti meta' mqabbla mal-proċedura ordinarja? Jekk iva, liema u kif?

Meta' jkunu qed jisimgħu talbiet żgħar skont il-proċedura speċjali ta' talbiet żgħar, l-imħallfin tal-qorti ċivili distrettwali jistgħu jillargaw mir-regoli proċedurali normali: Huma jistgħu jikkunsidraw il-provi li ma jissodisfawx ir-rekwiziti statutorji, u jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom japplikaw il-proċedura li f'dawk iċ-ċirkostanzi huma jaħsbu hija l-aktar metodu sikur, mgħaġġel u rħis biex jaslu għall-fatti.

1.6 Proċedura bil-miktub

Ir-rikors bil-miktub jista' jiġi ppreżentat fir-reġistru tal-qorti ċivili distrettwali, jew oralment quddiem l-imħallef tal-qorti ċivili distrettwali, fejn imbagħad issir nota fl-atti tal-kawża. Ir-rikors għandu jkun fih: (a) deskrizzjoni preċiża tal-fatti li jagħtu prova tat-talba skont il-liġi u jiġġustifikaw il-ftuħ tal-kawża mir-rikorrent kontra l-intimat; (b) deskrizzjoni preċiża tas-suġġett tal-kawża; (c) il-forma speċifika ta' ordni mitlub; u (d) l-provi kollha disponibbli.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenzi jingħataw oralment fil-qorti, normalment eżatt wara s-seduta ta' smigħ, hekk kif il-qorti tkun għadha għaddejja bis-seduta u qabel l-imħallef jgħaddi għall-kawża li jmiss. Is-sentenza ma tiġix notifikata lill-partijiet jekk jiġi konfermat fil-atti tal-kawża illi s-sentenza ngħatat fil-preżenza taż-żewġ partijiet, jew tal-persuni li qed jaġixxu f'isimhom, jew tal-avukati tagħhom.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ma hemmx rimborż tal-ispejjeż.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Ma hemmx il-possibiltà ta' appell mis-sentenzi dwar talbiet żgħar.

L-aħħar aġġornament: 17/07/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna es ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Talbiet żgħar - Spanja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Iva, talbiet sa EUR 6 000 jeħtieġu smigħ orali, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal ammonti li jaqgħu fl-ambitu tal-applikazzjoni tiegħu.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Talbiet sa EUR 6 000 jeħtieġu smigħ orali.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Permezz ta' applikazzjoni bil-miktub.

1.3 Formoli

Ma hemm l-ebda formola standard obbligatorja. Madankollu, l-Uffiċċji tal-Imħallfin Anzjani (*Decanatos*) jipprovdu formoli standard li jistgħu jintużaw għal talbiet sa EUR 2 000 mir-rikorrent biex jippreżenta rikors u mill-intimat biex jikkontestaha.

Dawn il-formoli jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura (*Consejo General del Poder Judicial*).

Jekk it-talba taqbeż l-EUR 2 000, l-involviment ta' avukat (*abogado*) u rappreżentant tal-qorti (*procurador*) huwa obbligatorju; it-talba ma tistax tiġi eżegwita jew ikkontestata mingħajr tali rappreżentazzjoni legali.

Jekk it-talba ma tiġix ikkontestata mill-intimat, dan ma jfissirx li l-ammont tat-talba se jintlaqa' iżda sempliċement li l-intimat kien kontumaċi u l-proċeduri jkomplu.

1.4 Assistenza

Ir-rikorrenti jistgħu jidhru fis-seduta orali personalment, imma jekk l-ammont tat-talba jaqbeż EUR 2 000, l-involviment ta' avukat u rappreżentant tal-qorti huwa obbligatorju.

Jekk ir-rikorrent ma jidhirx fis-seduta, jew irrappreżentat minn avukat u rappreżentant tal-qorti jew personalment jekk l-involviment ta' rappreżentant legali mhuwiex meħtieġ, jiġi kkunsidrat li t-talba ġiet irtirata, sakemm l-intimat ma jkollux interess leġittimu fit-talba u jitlob li l-proċeduri jitkomplew biex tingħata sentenza finali dwar il-merti.

Jekk l-intimat ma jidhirx personalment, il-proċeduri jkomplu.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Ir-regoli ġenerali dwar il-provi japplikaw: kull tip ta' prova hija ammissibbli, u huwa possibbli li jintalbu u jiġu ppreżentati provi qabel is-seduta nfisha.

1.6 Proċedura bil-miktub

Kemm it-talba kif ukoll id-difiża jsiru bil-miktub. Il-kwistjonijiet proċedurali jiġu solvuti waqt is-seduta. Bl-istess mod, il-provi jingħataw oralment u primarjament matul is-seduta.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenza hija motivata u mogħtija bil-miktub bħal fi kwalunkwe proċedura oħra.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Jekk avukat u rappreżentant tal-qorti huma obbligatorji, u hemm ordni biex jitħallsu l-ispejjeż, il-parti li favur tagħha huma ordnati l-ispejjeż tista' tirkupra l-ispejjeż tal-proċeduri, wara li dawn ikunu ġew evalwati u sakemm dawn ma jaqbżux terz tal-ammont tal-proċeduri għal kull wieħed mil-litiganti inklużi fl-ordni.

Jekk il-litigant li ngħata l-ispejjeż ma joqgħodx fil-post fejn ikun sar is-smigħ, l-ispejjeż tar-rappreżentant tal-qorti jistgħu jiġu rimborżati, anke jekk l-involviment tagħhom ma jkunx obbligatorju.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Jista' jitressaq appell kontra s-sentenza jekk l-ammont tal-każ jaqbeż EUR 3 000. L-appell jitressaq quddiem l-istess qorti, bil-miktub u fi żmien perjodu massimu ta' 20 jum.

Il-ġuriżdizzjoni biex jinstema' l-appell hija tal-Qorti Provinċjali (*Audiencia Provincial*), li tkun kostitwita minn imħallef wieħed, u l-ebda appell ieħor kontra s-sentenza ta' dan tal-aħħar ma huwa possibbli, għalkemm appell fuq punt ta' liġi kontra dawk is-sentenzi ġie permess f'xi Komunitajiet Awtonomi bil-liġi ċivili tagħhom stess.

L-aħħar aġġornament: 10/03/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Franza

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Il-proċeduri għal talbiet żgħar jistgħu jitressqu permezz ta' rikors quddiem il-qrati lokali (*chambres de proximité des tribunaux judiciaires*) jew quddiem l-imħallfin għal tilwim dwar il-protezzjoni (*juges des contentieux de la protection*), skont l-Artikoli 756 *et seq* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Il-proċedura hija orali iżda l-partijiet jistgħu jippreżentaw konklużjonijiet bil-miktub jekk ikunu jixtiequ jagħmlu hekk.

Ir-rikors jista' jsemmi l-qbil tar-rikorrent biex il-proċedura ssir mingħajr seduta ta' smigħ (l-Artikolu 757 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-Artikolu 828 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippermetti wkoll lill-partijiet jagħtu l-approvazzjoni tagħhom b'mod espliċitu fi kwalunkwe stadju biex il-proċedura ssir mingħajr seduta ta' smigħ. Din il-proċedura mingħajr seduta ta' smigħ ilha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2020 u kienet ispirata mill-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

Ir-reġistru jħarrek lill-partijiet għas-seduta ta' smigħ permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta. Jekk l-intimat ma jirċevix din l-ittra, l-imħallef jista' jitlob lir-rikorrent biex din tintbagħat minn uffiċjal ġudizzjarju (*huissier de justice*).

Il-proċedimenti legali jridu jkunu preċeduti minn tentattiv ta' konċiljazzjoni minn konċiljatur legali, tentattiv ta' medjazzjoni jew tentattiv ta' proċedura parteċipattiva, skont l-għażla tal-partijiet, u fin-nuqqas ta' dan, l-Imħallef jista' jiddeċiedi *ex officio* li r-rikors huwa inammissibbli.

Ir-rappreżentanza legali mhijiex obbligatorja. Il-partijiet jistgħu jkunu rappreżentati mill-konjuġi tagħhom, is-sieħeb/sieħba koabitanti, il-persuna li jkollha patt ċivili ta' solidarjetà magħha, il-qraba tagħhom bid-demm jew bi żwieġ, f'linja diretta jew kollaterali, jew il-persuni li jimpjegaw.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

It-talba ma tistax taqbeż il-EUR 5 000 u trid taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti lokali jew tal-imħallef għal tilwim dwar il-protezzjoni.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

1.3 Formoli

Hemm formola għal tressiq quddiem il-qorti.

Il-formola CERFA Nru 11764*08 hija disponibbli fis-sit web tal-gvern Franċiż, fis-servizzi kollha ta' akkoljenza tal-litiganti (*Services d'Accueil Unique du Justiciable*) u fuq www.justice.fr.

1.4 Assistenza

Peress illi hija proċedura sempliċi li tinvolvi ammonti li ma jaqbżux l-EUR 5 000 u l-partijiet jinstemgħu mill-imħallef sakemm ma jaqblux dwar proċedura mingħajr seduta ta' smigħ, il-liġi ma tipprevedi l-ebda għajnuna. Madankollu, il-partijiet jistgħu jkunu assistiti jew rappreżentati minn avukat, inkluż wara li jkunu talbu l-għajnuna legali.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Ir-regoli tal-evidenza huma simili għal dawk tal-proċedura ordinarja.

1.6 Proċedura bil-miktub

Ħlief f'każijiet fejn il-partijiet jaqblu dwar proċedura mingħajr seduta ta' smigħ, ma hemmx proċedura purament bil-miktub fil-kuntest ta' tali proċedimenti permezz ta' rikors.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Ir-regoli applikabbli għas-sentenza huma l-istess bħal dawk tal-proċedura ordinarja.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ir-regoli applikabbli huma l-istess bħal dawk għall-proċeduri l-oħra. Madankollu, peress li din il-proċedura fil-prinċipju ma teħtieġx il-ħatra ta' avukat jew ta' rappreżentanza legali, l-ispejjeż relatati huma aktar baxxi.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Fid-dawl tal-ammonti kkonċernati minn tali talbiet, ma hemm l-ebda possibbiltà ta' appell. Is-sentenza tista' biss tiġi opposta (jekk l-intimat ma jkunx irċieva t-taħrika għas-seduta ta' smigħ) jew titressaq għall-kassazzjoni (jekk l-intimat ikun irċieva t-taħrika għas-seduta ta' smigħ).

Links relatati

Is-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Ministère de la Justice)

Is-sit web tal-Legifrance

L-aħħar aġġornament: 12/01/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna hr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Talbiet żgħar - il-Kroazja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fir-Repubblika tal-Kroazja, it-talbiet żgħar huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 457-467 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nri 53/91, 91/92, 112/99, 129/00, 88/01, 117/03, 88/05, 2/07, 84/08, 96/08, 123/08, 57/11, 25/13, 89/14 u 70/19) filwaqt li l-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 507o - 507ž tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Proċeduri għal talbiet żgħar quddiem il-qrati muniċipali (*općinski sudovi*) tfisser tilwima li fiha t-talba tkun għal ammont ta' mhux aktar minn HRK 10,000.00.

Fil-proċeduri quddiem il-qrati kummerċjali (*trgovački sudovi*), il-proċeduri għal talbiet żgħar huma tilwimiet li fihom it-talba tkun għal ammont ta' mhux aktar minn HRK 50,000.00.

Il-proċeduri għal talbiet żgħar jinkludu wkoll dawk li fihom it-talba ma tikkonċernax flus, iżda fejn ir-rikorrent ikun qabel minflok li jirċievi somma ta' mhux aktar minn HRK 10,000.00 (il-qrati muniċipali) jew HRK 50,000.00 (il-qrati kummerċjali) sabiex jissodisfa t-talba.

Il-proċeduri għal talbiet żgħar jinkludu wkoll dawk li fihom is-suġġett tat-talba mhuwiex flus, iżda l-konsenja ta' proprjetà mobbli, li l-valur tagħha, skont ir-rikorrent, ma jaqbiżx is-somma ta' HRK 10,000.00 (il-qrati muniċipali), jew HRK 50,000.00 (il-qrati kummerċjali).

Skont l-arranġamenti attwali għall-proċeduri Ewropej għal talbiet żgħar, ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 jiġi applikat jekk il-valur tat-talba ma jkunx ta' aktar minn EUR 2,000 fil-mument li tiġi riċevuta l-formola tat-talba mill-qorti jew mit-tribunal b'ġuriżdizzjoni, minbarra l-imgħax, l-ispejjeż u t-tariffi kollha.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċeduri għal talbiet żgħar jitmexxew quddiem qorti lokali jew kummerċjali skont ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni *ratione materiae* previsti fl-Artikoli 34 u 34b tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili. Il-proċeduri għal talbiet żgħar jinbdew billi tiġi ppreżentata talba lill-qorti kompetenti, jiġifieri billi tiġi ppreżentata applikazzjoni għal eżekuzzjoni abbażi ta' dokument awtentiku lil nutar pubbliku meta tkun ġiet ippreżentata oġġezzjoni ammissibbli għal mandat ta' eżekuzzjoni fi żmien debitu.

1.3 Formoli

Il-formoli, talbiet oħrajn jew id-dikjarazzjonijiet jiġu ppreżentati bil-miktub, b'fax jew b'- u jintużaw biss għall-proċeduri Ewropej għal talbiet żgħar skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007.

Ma hemm ebda formola oħra stabbilita sabiex tinbeda azzjoni fi proċeduri għal talbiet żgħar.

1.4 Assistenza

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili ma għandu ebda dispożizzjoni partikolari dwar l-għajnuna legali fil-proċeduri għal talbiet żgħar. Rikorrent jista' jkun irrappreżentat minn avukat matul proċedura għal talbiet żgħar.

Jekk ir-rekwiżiti tal-Att dwar l-Għajnuna Legali b'Xejn (*Zakon o besplatnoj pravnoj pomoći*) (NN Nri 143/13 u 98/19) ikunu ġew issodisfati, il-litiganti għandhom id-dritt għal għajnuna legali bla ħlas.

L-informazzjoni dwar l-iskema ta' għajnuna legali b'xejn fil-Kroazja tinsab fis-sit web li ġej: https://pravosudje.gov.hr/besplatna-pravna-pomoc/6184.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Fi proċeduri għal talbiet żgħar, il-partijiet iridu jippreżentaw il-fatti kollha li fuqhom jibbażaw it-talba tagħhom sa mhux aktar tard minn meta jippreżentaw l-azzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' difiża, kif ukoll jippreżentaw kwalunkwe xhieda meħtieġa li ssostni l-fatti ppreżentati.

Fi proċeduri għal talbiet żgħar li jikkonċernaw oġġezzjoni għal ordni ta' ħlas, ir-rikorrent ikun obbligat jippreżenta l-fatti kollha li qed jibbażaw il-pretensjonijiet tiegħu fuqhom u li jippreżenta kwalunkwe evidenza meħtieġa biex isostni l-fatti ppreżentati sa mhux aktar tard minn meta ssir is-sottomissjoni l-qorti fi żmien 15-il jum wara li jirċievi d-deċiżjoni li tħassar l-ordni tal-ħlas.

Fi proċeduri għal talbiet żgħar li jikkonċernaw oġġezzjoni għal ordni ta' ħlas, l-intimat ikun obbligat jippreżenta l-fatti kollha li jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu fuqhom u li jippreżenta kwalunkwe evidenza meħtieġa biex isostni l-fatti ppreżentati sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jirċievi s-sottomissjoni tar-rikorrent fejn ir-rikorrent jippreżenta l-fatti kollha li jkun qed jibbaża il-pretensjonijiet tiegħu fuqhom u jippreżenta kwalunkwe evidenza meħtieġa biex isostni l-fatti ppreżentati.

Il-partijiet jistgħu jippreżentaw fatti ġodda jew iressqu evidenza ġdida f'seduta preliminari, biss jekk, mingħajr ma jkollhom ebda ħtija, ma jkunux jistgħu jippreżentawhom jew iressquhom fid-dikjarazzjoni ta' azzjoni jew difiża jew fis-sottomissjonijiet skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq li jistabbilixxu l-fatti kollha li jkunu qed jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom fuqhom u jippreżentaw l-evidenza biex isostnu l-fatti ppreżentati.

Kuntrarju għad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, il-fatti u l-provi ġodda ppreżentati jew imressqa mill-partijiet fis-seduta ta' smigħ preliminari jiġu injorati mill-qorti.

Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili japplikaw għall-kumpilazzjoni tax-xhieda. Għalhekk, il-provi fi proċeduri għal talbiet żgħar jistgħu jikkonsistu fi spezzjonijiet, dokumenti, dikjarazzjonijiet ta' xhieda, rapporti ta' esperti ordnati minn qorti u xhieda mogħtija mill-partijiet u hija l-Qorti li tiddeċiedi liema mill-provi ppreżentati jridu jintużaw sabiex jiġu stabbiliti l-fatti tal-każ.

Aktar informazzjoni dwar il-provi u l-ġbir tal-provi hija stabbilita fil-pakkett ta' informazzjoni intitolat 'Il-ġbir tal-provi – Ir-Repubblika tal-Kroazja' (*Izvođenje dokaza – Republika Hrvatska*).

1.6 Proċedura bil-miktub

Il-proċeduri għal talbiet żgħar isiru bil-miktub.

Fil-proċeduri għal talbiet żgħar, it-talba dejjem tiġi notifikata lill-intimat biex dik il-parti tkun tista' tissottometti l-osservazzjonijiet, u meta l-qorti tħarrek lill-partijiet għas-smigħ preliminari tinfurmahom li: r-rikorrent jitqies li jkun irtira l-azzjoni jekk jonqos milli jattendi s-seduta preliminari; ma jista' jiġi ppreżentat ebda fatt ġdid jew ma tista' titressaq ebda prova f'dik is-seduta, ħlief fil-każijiet imsemmija fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 461a tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (fejn, mingħajr ma jkollhom tort huma, il-partijiet ma jkunu tħallew jippreżentaw ebda fatt u ebda prova fit-talba jew fir-risposta tal-intimat jew fis-sottomissjonijiet imsemmija fit-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 461a tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili); se ttemm il-proċedura għal deċiżjoni preliminari u se torganizza s-seduta prinċipali waqt is-seduta preliminari ħlief meta dan ma jkunx possibbli minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, kif imsemmi fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 461a tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili; u d-deċiżjoni tista' tiġi appellata biss fuq il-bażi ta' applikazzjoni żbaljata tal-liġi sostantiva u ta' ksur materjali tad-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ċivili msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 354 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, minbarra l-punt 3 ta' dak il-paragrafu, li huma:

• il-punt 1 – jekk tingħata sentenza bl-involviment ta' mħallef li kellu jiġi rikużat skont il-liġi (il-punti 1 sa 6 tal-Artikolu 71 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili) jew li kien eskluż b'deċiżjoni tal-qorti, jew bl-involviment ta' persuna li mhix imħallef;

• il-punt 2 – jekk tkun ittieħdet deċiżjoni dwar talba f'tilwima li ma tkunx taqa' taħt il-kompetenza ġudizzjarja (l-Artikolu 16 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili);

• il-punt 4 – jekk, kuntrarju għall-Att dwar il-Proċedura Ċivili, il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq dispożizzjonijiet inammissibbli mill-partijiet fir-rigward tat-talba (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili);

• il-punt 5 – jekk, kuntrarju għall-Att dwar il-Proċedura Ċivili, il-qorti tkun tat sentenza bbażata fuq l-ammissjoni tat-talba, sentenza bbażata fuq ir-rinunzja tal-pretensjoni, sentenza inadempjenti jew sentenza mingħajr proċess;

• il-punt 6 – jekk, minħabba azzjonijiet illegali u, speċifikament, minħabba nuqqas ta' notifika, kwalunkwe waħda mill-partijiet ma tkunx ingħatat l-opportunità li tinstema' mill-qorti;

• il-punt 7 – jekk, kuntrarju għall-Att dwar il-Proċedura Ċivili, il-qorti ċaħdet it-talba ta' parti biex tuża l-lingwa jew l-alfabett tagħha fil-proċedimenti u biex issegwi l-andament tal-proċedimenti fil-lingwa tagħha, u l-parti ressqet appell għal dawk ir-raġunijiet;

• il-punt 8 – jekk persuna li ma tistax tkun parti fil-proċedura tkun ipparteċipat fiha bħala rikorrent jew bħala intimat, jew jekk persuna ġuridika ma kinitx irrappreżentata bħala parti minn persuna awtorizzata, jew jekk parti inkapaċi ma kinitx irrappreżentata minn rappreżentant legali, jew jekk ir-rappreżentant legali jew l-avukat fil-fatt ma kellhomx l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex jipprattikaw jew jieħdu ċerti azzjonijiet proċedurali, jew meta azzjonijiet proċedurali ma kinux awtorizzati sussegwentement;
• il-punt 9 – jekk tkun ittieħdet deċiżjoni dwar talba li l-litigazzjoni fir-rigward tagħha kienet diġà pendenti, jew li diġà ngħatat sentenza legalment effettiva dwarha, jew jekk diġà tkun instabet soluzzjoni bil-qorti jew soluzzjoni li, skont leġiżlazzjoni speċjali, ikollha l-karatteristiċi ta' soluzzjoni bil-qorti;
• il-punt 10 – jekk il-pubbliku kien eskluż mis-seduta prinċipali, b'mod li jmur kontra l-liġi;
• il-punt 11 – jekk is-sentenza jkollha difetti li minħabba fihom ma tkunx tista' tiġi eżaminata u, b'mod partikolari, jekk il-parti operattiva tas-sentenza tkun inkomprensibbli, jekk il-parti operattiva tkun awtokontradittorja jew jekk tikkontradixxi r-raġunijiet għas-sentenza, jew jekk is-sentenza ma tispeċifikax ir-raġunijiet għall-fatti deċiżivi, jew jekk ikun hemm kontradizzjoni rigward il-fatti deċiżivi bejn dak li huwa speċifikat fir-raġunijiet għas-sentenza dwar il-kontenut tad-dokumenti jew il-minuti relatati max-xhieda mogħtija matul il-proċedimenti u d-dokumenti u l-minuti attwali nfushom;
• il-punt 12 – jekk is-sentenza teċċedi t-talba;
• il-punt 13 – jekk tkun ittieħdet deċiżjoni dwar talba li ma tkunx ġiet ippreżentata fil-ħin, li jfisser li kellha tiġi miċħuda bħala inammissibbli (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 282 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili);
• il-punt 14 – jekk il-proċedura stabbilita fil-liġi għall-medjazzjoni jew soluzzjoni alternattiva oħra ma saritx qabel ma tressqet it-talba, li fisser li t-talba kellha tkun miċħuda.
Jekk il-parti jkollha residenza permanenti jew temporanja barra mir-Repubblika tal-Kroazja u l-indirizz tagħha jkun magħruf, id-dokumenti tal-qorti jiġu nnotifikati skont ir-regoli internazzjonali vinkolanti fuq ir-Repubblika tal-Kroazja u skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, speċifikament fir-rigward tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 861/2007.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Billi ma teżisti ebda dispożizzjoni speċjali dwar il-kontenut tas-sentenza fi proċeduri għal talbiet żgħar, japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, jiġifieri l-Artikolu 338 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, li jiddikjara li verżjoni bil-miktub tas-sentenza trid tinkludi introduzzjoni formali, parti operattiva u dikjarazzjoni tar-raġunijiet.
L-introduzzjoni tas-sentenza jrid ikun fiha: indikazzjoni li s-sentenza qed titħabbar f'isem ir-Repubblika tal-Kroazja; it-titolu tal-qorti; l-isem u l-kunjom tal-imħallef uniku jew li jippresjedi, tal-imħallef-relatur u tal-membri tal-bord, l-isem u l-kunjom jew it-titolu, in-numru tal-identifikazzjoni personali u r-residenza jew l-uffiċċju rreġistrat tal-partijiet, tar-rappreżentanti legali u tal-aġenti tagħhom; indikazzjoni qasira tas-suġġett tat-tilwima; id-data ta' meta ġiet konkluża s-seduta prinċipali; indikazzjoni tal-partijiet, ir-rappreżentanti legali u l-aġenti tagħhom li attendew dik is-seduta prinċipali; u d-data meta ngħatat is-sentenza.
Il-parti operattiva tas-sentenza trid tinkludi d-deċiżjoni tal-qorti dwar l-aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda ta' talbiet fuq il-merti u talbiet sekondarji, kif ukoll deċiżjoni dwar l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza tat-talba mressqa għal soluzzjoni (l-Artikolu 333 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili).
Fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet il-qorti tiddeskrivi fil-qosor it-talbiet tal-partijiet, il-fatti li ppreżentaw u l-provi li dawk il-pretensjonijiet huma bbażati fuqhom. Il-qorti tindika wkoll u tispjega liema minn dawk il-fatti ppruvat tistabbilixxi, għaliex u kif stabbilixxiet dawk il-fatti, u jekk stabbilithomx billi semgħet xhieda, xi provi tressqu u għaliex u kif ġiet ivvalutata. Il-qorti tiddikjara speċifikament liema dispożizzjonijiet tal-liġi sostantiva ġew applikati fid-deċiżjoni dwar it-talbiet tal-partijiet u tiddikjara l-pożizzjoni tagħha, jekk ikun meħtieġ, fuq il-fehmiet tal-partijiet dwar ir-raġunijiet legali għat-tilwima u dwar kwalunkwe mozzjoni jew oġġezzjoni li dwarha ma stabbilietx ir-raġunijiet fid-deċiżjonijiet li hija ħadet matul il-proċedimenti.
Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ta' sentenza inadempjenti, sentenza bbażata fuq l-ammissjoni ta' talba jew sentenza bbażata fuq rinunzja tal-pretensjoni trid tindika biss ir-raġunijiet għall-għoti ta' tali sentenzi.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Deċiżjoni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż għal proċeduri għal talbiet żgħar tinħareġ fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili; il-parti li titlef kawża kompletament tkun obbligata tirrimborża l-ispejjeż tal-parti opposta u tal-intervenjent tagħha.
Jekk il-partijiet jirbħu parzjalment fil-każ, il-qorti l-ewwel tiddetermina l-perċentwal ta' rebħ ta' kull wieħed minnhom u mbagħad tnaqqas il-perċentwal tar-rebħ tal-parti li tirbaħ inqas mill-perċentwal tar-rebħ tal-parti li tkun rebħet iktar, u wara dan tistabbilixxi l-ammont tal-ispejjeż speċifiċi u totali tal-parti li tirbaħ iktar fil-każ li kien meħtieġ għat-twettiq korrett tal-proċedura u mbagħad tirrimborża lil dik il-parti għall-parti ta' dawn l-ispejjeż totali li jikkorrispondu għall-perċentwal li jifdal wara li tqis il-perċentwali ta' suċċess tal-partijiet fil-kawża. Il-proporzjon ta' rebħ fil-każ jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-pretensjonijiet milqugħa, filwaqt li jitqies ukoll ir-rebħ fil-preżentazzjoni tal-provi ta' sostenn għall-pretensjonijiet.
Irrispettivament minn dan ta' hawn fuq, il-qorti tista' tordna lil kull parti tirrimborża lill-parti l-oħra għal spejjeż speċifiċi skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 156 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, li jiddikjara li, irrispettivament mill-eżitu tal-kawża, parti trid tirrimborża lill-parti opposta għall-ispejjeż imġarrba minħabba fiha jew inkella minħabba avveniment li tkun batiet.
Jekk il-partijiet kellhom bejn wieħed u ieħor l-istess grad ta' rebħ fil-każ, il-qorti tista' tordna lil kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha jew lil parti minnhom biex tirrimborża lill-oħra biss għal spejjeż speċifiċi skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 156 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili.
Il-qorti tista' tiddeċiedi li parti minnhom għandha tħallas l-ispejjeż kollha mġarrbin mill-parti opposta u mill-intervenjent tagħha, jekk il-parti opposta tkun tilfet biss parti relattivament minuri mill-pretensjoni tagħha u ma jkunux iġġarrbu spejjeż separati għal dik il-parti.
Madankollu, irrispettivament mill-eżitu tal-kawża, parti hija obbligata tirrimborża kwalunkwe spiża tal-parti opposta li tirriżulta minħabba fiha jew minħabba avveniment li tkun batiet.

1.9 Il-possibilità ta' appell

L-appelli huma rregolati mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, fil-proċeduri għal talbiet żgħar, il-partijiet jistgħu jressqu appell kontra s-sentenza jew id-deċiżjoni tal-ewwel istanza fi żmien 15-il jum mid-data tat-traskrizzjoni tas-sentenza jew tad-deċiżjoni nnotifikata.
Is-sentenza jew id-deċiżjoni li tagħlaq il-proċeduri tat-talbiet iż-żgħar jistgħu jiġu appellati biss fuq il-bażi tal-applikazzjoni żbaljata tal-liġi sostantiva u ta' ksur materjali tad-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ċivili msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 354 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, minbarra l-ksur imsemmi fil-punt 3 ta' dak il-paragrafu.

L-aħħar aġġornament: 06/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Italja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

M'hemmx proċediment speċifiku għat-talbiet iż-żgħar. Il-proċediment quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja (*giudice di pace*).

Bħala regola ġenerali, il-proċedimenti quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja jinżammu sempliċi kemm jista' jkun (l-Artikoli 316-318 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja jisma' t-talbiet dwar beni mobbli b'valur li ma jaqbiżx il-EUR 5 000 (ħamest elef ewro) sakemm ma jkunx provdut mod ieħor mil-liġi.

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja għandu ġuriżdizzjoni wkoll għall-kawżi għal kumpens minħabba ħsara kkawżata minħabba inċidenti b'vetturi u bastimenti, sakemm il-valur tat-tilwima ma' jaqbiżx l-EUR 20 000 (għoxrin elf ewro).

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja għandu ġuriżdizzjoni, ikun xi jkun il-valur, fl-oqsma li ġejjin:

il-kawżi dwar it-twaqqif u l-osservazzjoni tad-distanzi stabbiliti bil-liġi, mir-regolamenti jew l-użu dwar it-tħawwil tas-siġar u ħitan tal-ħaxix;

il-kawżi dwar liema u kif għandhom jintużaw is-servizzi tal-kondominju fid-djar;

il-kawżi dwar ir-relazzjonijiet bejn is-sidien jew id-detenturi tal-proprjetà immobbli maħsuba għall-abitazzjoni rigward ħruġ ta' duħħan jew sħana, irwejjaħ, storbju, ċaqliq u disturb simili li jaqbeż il-livell ta' tolleranza normali;

il-kawżi dwar l-interessi jew aċċessorji ta' pagament ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza li sar tard.

Bil-Liġi Nru 57 tat-28 ta' April 2016, il-Parlament Taljan ta s-setgħa lill-Gvern biex iwettaq riforma fis-sistema ta' ġudikanti onorarji. L-għoti tas-setgħa jipprovdi wkoll li l-ġuriżdizzjoni tal-ġudikanti onorarji tiġi estiża b'żieda fil-livell limitu tal-valur tal-każijiet li jisimgħu minn EUR 5000 għal EUR 30 000 u għal EUR 50 000 f'każijiet ta' kumpens għal danni jew korriment minħabba inċidenti tat-traffiku. L-għoti tas-setgħa għadu ma ġiex implimentat, allura r-regoli l-ġodda għadhom ma japplikawx.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-kawża quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja tibda b'ċitazzjoni (*citazione*) biex wieħed jidher quddiem il-qorti għas-seduta stabbilita. It-talba tista' ssir ukoll oralment, fejn il-Kummissarju tal-Ġustizzja jniżżel f'dokument li r-rikorrent innotifika lill-konvenut biċ-ċitazzjoni biex jidher il-qorti fis-seduta ta' smigħ stabbilita (l-Artikoli 316 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). It-talba jrid ikun fiha, minbarra l-indikazzjoni tal-ġudikant u tal-partijiet, deskrizzjoni tal-fatti u indikazzjoni tas-suġġett. Bejn il-ġurnata tan-notifika u dik tad-dehra l-qorti jridu jgħaddu termini iqsar bin-nofs meta mqabbla mal-proċediment quddiem il-qorti ġenerali (*tribunale*), jiġifieri 45 jum (l-Artikoli 318 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fl-ewwel seduta l-Kummissarju tal-Ġustizzja jistaqsi domandi b'mod liberu lill-partijiet u jipprova jwassalhom għar-rikonċiljazzjoni. Jekk din isseħħ ifassal proċess verbali li jiġi rreġistrat. Jekk ir-rikonċiljazzjoni ma tirnexxix, il-Kummissarju tal-Ġustizzja jistieden lill-partijiet biex jiddikjaraw b'mod preċiż il-fatti li kull wieħed minnhom ibbaża fuqhom it-talba tiegħu, l-argumenti ta' difiża u l-eċċezzjonijiet, u jipproduċu d-dokumenti u provi oħra. Meta jkun meħtieġ minħabba l-miżuri meħuda mill-partijiet fl-ewwel seduta, il-Kummissarju tal-Ġustizzja jista' jiffissa għal darba biss seduta oħra għall-produzzjoni ulterjuri u u talbiet għall-provi. Id-dokumenti prodotti mill-partijiet jistgħu jidħlu fil-fajl tal-qorti u jibqgħu ppreservati hemmhekk sakemm tingħata s-sentenza finali.

1.3 Formoli

Ma hemmx formoli.

1.4 Assistenza

Quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja l-partijiet jistgħu jidhru personalment mingħajr avukat f'kawżi b'valur li ma jaqbiżx l-EUR 1 100. (L-Artikolu 82 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u skeda għat-tressiq quddiem il-qrati) Ara l-iskeda informattiva dwar "Kif tressaq kawża quddiem il-qorti").

Fil-każijiet l-oħra, il-partijiet jridu jiġu assistiti minn avukat. Madankollu il-Kummissarju tal-Ġustizzja jista', minħabba n-natura u l-iskop tal-kawża, jħalli lill-partijiet jidhru mingħajr avukat fuq talba orali tal-parti stess jew mod ieħor.

L-imħallef jivverifika jekk il-partijiet ħadux il-passi kollha meħtieġa biex jidhru l-qorti u, meta jkun meħtieġ, jistedinhom jimlew jew jirregolaw l-atti u d-dokumenti li fil-fehma tiegħu huma difettużi.

Jekk il-Kummissarju jsib nuqqas fil-prokura mogħtija lill-avukat, huwa jagħti lill-partijiet żmien perentorju biex jirregolarizzaw ir-rappreżentazzjoni tagħhom.

Jekk in-nuqqas jiġi regolat fil-ħin, ir-rikors jitqies regolarizzat u l-effetti sostanzjali u proċedurali jidħlu fis-seħħ mid-data tal-ewwel notifika (l-Artikolu 182 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Ir-regoli applikabbli fil-qasam tal-provi huma l-istess bħal dawk previsti għall-proċedimenti ordinarji l-qorti (ara l-iskeda informattiva dwar "Smigħ ta' xhieda").

1.6 Proċedura bil-miktub

Mhix prevista proċedura strettament bil-miktub, minħabba li hemm l-obbligu tal-Kummissarju tal-Ġustizzja li jisma' b'mod liberu l-partijiet u jipprova jwassalhom għal rikonċiljazzjoni.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Normalment japplikaw ir-regoli tal-proċedimenti ordinarji.

Bis-saħħa tal-għoti tas-setgħa għar-riforma tas-sistema l-imħallfin onorarji jistgħu jiddeċiedu '*ex aequo et bono*' (għal raġunijiet ta' ġustizzja u ekwità) mingħajr referenza speċifika għar-regoli legali, f'każijiet b'valur massimu ta' EUR 2500.

Din l-għażla hija miftuħa għall-Kummissarji tal-Ġustizzja f'każijiet b'valur massimu ta' EUR 1100.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ir-rimborż tal-ispejjeż huwa limitat? Jekk iva, kif?

Id-deċiżjonijiet li jagħtu l-ispejjeż jittieħdu skont ir-regoli normali, fejn il-parti telliefa trid tħallas l-ispejjeż. Madankollu, il-partijiet abbli jkollhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess jekk it-tnejn jitilfu l-kawża, jew għal xi raġuni valida oħra.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Ir-regoli dwar is-sentenzi bbażati fuq l-ekwità (*sentenze di equità)* f'tilwim b'valur massimu ta' EUR 1 100 ġew emendati fl-2006: dawn is-sentenzi jistgħu jiġu appellati biss jekk ikun hemm ksur tar-regoli proċedurali, tal-liġi kostituzzjonali jew tal-UE, jew tal-prinċipji li jirregolaw is-suġġett.

Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għas-sentenzi kollha mogħtija mit-2 ta' Marzu 2006 'l quddiem (l-Artikolu 27 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 2006/40).

Is-sentenzi tal-ekwità mogħtija qabel id-data msemmija hawn qabel huma soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni (skont it-termini tal-liġi) biss għal ksur tan-normi kostituzzjonali, proċedurali jew tal-UE, għal ksur tal-prinċipji li jirregolaw is-sustanza tal-kawża jew minħabba nuqqas ta' dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata s-sentenza oriġinali. Ma jistax isir appell mis-sentenzi mogħtija mill-Kummissarju tal-Ġustizzja fil-qasam tas-sanzjonijiet amministrattivi, iżda jista' jsir rikors straordinarju quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni.

Mill-bqija, is-sentenzi l-oħra tal-Kummissarju tal-Ġustizzja jistgħu jiġu appellati.

Ara l-iskeda dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, il-ġuriżdizzjoni u kif tressaq kawża quddiem il-qorti.

Annessi relatati

Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

L-aħħar aġġornament: 21/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Ċipru

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Ma hemm l-ebda proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar fis-sistema ġuridika ta' Ċipru ħlief dik stipulata fir-Regolament 861/2007. Li ġie adottat regolament proċedurali għall-applikazzjoni tagħha.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

1.3 Formoli

1.4 Assistenza

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

1.6 Proċedura bil-miktub

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

1.9 Il-possibilità ta' appell

L-aħħar aġġornament: 11/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna lv ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Talbiet żgħar - Latvja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fil-Latva hemm proċeduri speċjali għat-talbiet żgħar fejn it-talba tkun għall-irkupru ta' flus jew manteniment u l-ammont totali tat-talba ma jaqbiżx EUR 2 100. Talbiet għal ammonti żgħar huma regolati mill-Kapitolu 30.3: l-Artikoli 250.18 – 250.27 u l-Kapitolu 54.1: l-Artikoli 449.1–449.12 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċeduri għat-talbiet iż-żgħar japplikaw biss għal talbiet għall-irkupru ta' flus u tal-manteniment (l-Artikolu 35(1)(1) u (3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Fil-proċedimenti għat-talbiet iż-żgħar id-dejn prinċipali, jew f'każ ta' talba għall-irkupru tal-manteniment, il-pagamenti totali ma' jistgħux jaqbżu EUR 2 100 fid-data ta' sottomissjoni tat-talba. F'każ ta' talbiet għall-irkupru tal-manteniment, il-massimu għall-ammont totali ta' pagamenti japplika għal kull tifel separatament, u l-ammont totali huwa l-ammont totali li jrid jitħallas fi żmien sena.

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-talbiet iż-żgħar fil-leġiżlazzjoni domestika ma japplikawx għall-proċedura tat-talbiet iż-żgħar skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, ħlief għall-proċedura ta' appell mis-sentenzi ta' qorti tal-ewwel istanza. It-talbiet għall-irkupru tal-manteniment fi kwistjonijiet transfruntieri fi ħdan l-Unjoni Ewropea huma soġġetti għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat- 18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.

It-tariffa tal-Istat (*valsts nodeva*) għal rikors hija 15% tat-talba mitluba, iżda mhux inqas minn EUR 71/41c. F'każ ta' talbiet għall-irkupru tal-manteniment tat-tfal jew tal-konjuġi, ma jitħallsu ebda tariffi tal-Istat.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Waqt li tkun qed tiddeċiedi dwar it-talbiet żgħar il-qorti ssegwi l-proċeduri ordinarji tal-qorti b'ċerti eċċezzjonijiet stabbiliti għat-talbiet żgħar. Il-qorti tibda tisma' l-kawża permezz tar-rikors miktub.

Il-qorti ma' tkomplix fuq rikors jekk ma jkunx imfassal skont l-Artikolu 250.20 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili- ir-rikorrent ma jkunx uża l-formola apposta għat-talbiet żgħar, jew ikun naqas milli jindika jekk hux se jitlob seduta ta' smigħ biex tiġi mismugħa l-kwistjoni.

F'dak il-każ l-imħallef jagħti deċiżjoni dettaljata li mhux se jmexxi bir-rikors, jibgħata lir-rikorrent, u jiffissa żmien għar-rettifika tan-nuqqasijiet. Dan iż-żmien ma jistax ikun inqas minn 20 ġurnata mill-bidu tal-għotja tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tal-imħallef tista' tiġi appellata fi żmien għaxart'ijiem, jew fi żmien 15-il ġurnata jekk il-post ta' residenza tal-parti jinsab barra l-Latvja.

1.3 Formoli

Ir-rikors u l-osservazzjonijiet tal-konvenut iridu jitfasslu skont il-formoli stabbiliti mir-Regolament tal-Kabinett (*Ministru kabinets*) Nru 783 tal-11 ta' Ottubru 2011 dwar il-formoli li jridu jintużaw għat-talbiet żgħar. L-annessi għar-Regolament jinkludu l-formoli li ġejjin:

Rikors għal talba żgħira għall-irkupru tal-flus;

Rikors għal talba żgħira għall-irkupru tal-manteniment;

Osservazzjonijiet wara rikors għal talba żgħira għall-irkupru tal-flus;

Osservazzjonijiet wara rikors għal talba żgħira għall-irkupru tal-manteniment.

Ir-Regolament huwa disponibbli fil-portal tal-leġiżlazzjoni tal-Gazzetta Uffiċċjali, *Latvijas Vēstnesis*: https://tiesas.lv.

Minbarra d-dettalji tar-rikorrent u tal-konvenut, trid tiġi mehmuża l-informazzjoni li pejja fil-formola għat-talbiet żgħar:

L-isem tal-qorti distrettwali jew tal-belt (*rajona (pilsētas) tiesa*) li quddiemha se jistressaq ir-rikors: sakemm il-partijiet ma jkunux ftehmu permezz ta' kuntratt illi kull kwistjoni trid tinstema' f'post ieħor, li talba kontra persuna trid titressaq quddiem il-qorti tal-post ta' residenza dikjarat tagħhom, jew illi f'każ ta' persuna ġuridika il-post tal-uffiċċju reġistrat (jekk it-talba hija marbuta mal-attivitajiet tal-fergħa jew aġenzija ta' persuna ġuridika, it-talba tista' ssir ukoll fil-post fejn qiegħdin il-fergħa jew l-aġenzija).

L-informazzjoni dwar liema qorti għandha ġurisdizzjoni, u għalhekk liema qorti trid tiġi indikata fuq il-formola, tinsab fil-portal fuq l-internet https://likumi.lv/doc.php?id=237849, Taqsima *Tiesas* ("qrati"), *Tiesu darbības teritorijas* ("ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati").

Ir-rappreżentant tar-rikorrent irid jiġi indikat jekk ir-rikorrent jixtieq illi l-interessi tiegħu jkunu rappreżentanti l-qorti minn persuna oħra. Sabiex persuna oħra tkun tista' sservi ta' rappreżentant fil-qorti, trid issir prokura (*pilnvara*), iċċertifikati minn nutar, u indikata fil-kolonna li tistqarr il-bażi għar-rappreżentazzjoni.

Jekk ir-rappreżentant huwa avukat ċertifikat (*zvērināts advokāts*), ir-rappreżentazzjoni trid tkun ikkonfermata minn kitba li turi li l-avukat ġie mqabbad mill-klijent, u jekk l-avukat se jaġixxi f'isem il-parti li ħatritu, irid ikun hemm prokura bil-miktub (li f'dan il-każ mhemmx għalfejn tkun iffirmata minn nutar).
Is-suġġett tat-talba: il-formola trid tindika d-drittijiet kontestati u r-relazzjonijiet ġuridiċi bejn ir-rikorrent u l-konvenut, li dwarhom ir-rikorrent qed jitlon lill-qorti biex tikkonferma l-eżistenza jew l-assenza, b'talba lill-qorti biex tħares id-drittijiet tiegħu jew l-interessi mħarsa mil-liġi.
Il-metodu tal-kalkolu tal-ammont mitlub: il-formola tat-talbiet żgħar trid turi d-dejn prinċipali, jiġifieri l-ammont ta'dejn qabel l-interessi u l-penali kuntrattwali, l-ammont ta' kull penali kuntrattwali, kull interess dovut skont il-kuntratt jew il-liġi, u t-total ta' dawn l-ammonti.
Il-formola trid tindika l-fatti li fuqhom ibbaża t-talba tiegħu ir-rikorrent u l-provi ta' sostenn, id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi li fuqhom hija bbażata t-talba, u, fl-aħħarnett, il-miżura li r-rikorrent qed jitlob mingħand il-qorti.
Ir-rikors irid jiġi iffirmat mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu, jew mir-rikorrent flimkien mar-rappreżentant jekk il-qorti hekk titlob. Id-dokumenti li jridu jiġu mehmuża mar-rikors jridu juru illi saret kull proċedura rigward l-eżami preliminari ekstraġudizzjarju tal-kwistjoni li hija mitluba mil-liġi, u jissostanzjaw il-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba.

1.4 Assistenza

Il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili ma għandhiex dispożizzjonijiet speċjali għall-għajnuna legali għat-talbiet żgħar. Persuna tista' tiġi rappreżentata f'kawża ta' talbiet żgħar.
Jekk ir-rikorrent jixtieq illi l-interessi tiegħu jiġu rappreżentati fil-qorti minn persuna oħra, u r-rikors isir mir-rappreżentant, ir-rikors irid jindika l-isem, kunjom, numru tal-identità personali u l-indirizz għall-korrispondenza mal-qorti tar-rappreżentant jew, jekk ir-rappreżentant huwa persuna ġuridika, in-numru ta' reġistrazzjonu u l-uffiċċju reġistrat tagħha. Kull persuna fiżika tista' tkun rappreżentant fi proċedimenti ċivili jekk tkun għalqwt it-18-il sena, mhix taħt kurazija, u mhix soġġett għal xi waħda mir-restrizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 84 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. Jekk ir-rappreżentant fil-qorti se tkun persuna oħra, jrid ikollha awtorizzazzjoni għal dan il-għan mill-parti konċernata, permezz ta' prokura ċċertifikata minn nutar. Il-persuna li se tiġi rappreżentata tista' tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha verbalment fil-qorti fejn tawtorizza lil persuna oħra biex taġixxi f'isimha, u dan il-fatt irid jiġi mniżżel fil-minuti tas-seduta tal-qorti. Ir-rappreżentant ta' persuna ġuridika jrid ikollha prokura bil-miktub jew dokumenti li jikkonfermaw illi l-persuna hija uffiċċjal li jista' jirrappreżenta lill-persuna ġuridika mingħajr awtorizzazzjoni speċjali. Jekk ir-rappreżentant huwa avukat ċertifikat, ir-rappreżentazzjoni trid tkun ikkonfermata minn kitba li turi li l-avukat ġie mqabbad mill-klijent, u jekk l-avukat se jaġixxi f'isem il-parti li ħatritu, irid ikun hemm prokura bil-miktub (li f'dan il-każ mhemmx għalfejn tkun iffirmata minn nutar). Jekk il-persuna jkollha rappreżentazzjoni, id-dokumenti meħtieġa jiġu ppreżentati lill-qorti u ffirmati mir-rappreżentant li qed jaġixxi f'isem il-parti, skont il-prokura.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-kumpilazzjoni tal-provi hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. Għalhekk, fi proċedimenti għal ammonti żgħar, il-provi jistgħu ikunu osservazzjonijiet tal-partiiet jew ta' partijiet terzi, dikjarazzjonijiet mix-xhieda, provi miktuba u l-opinjonijiet tal-esperti.

1.6 Proċedura bil-miktub

L-imħallef jibda l-kawża dwar talba żgħira fuq il-bażi ta' rikors miktub. Formola bl-osservazzjonijiet tar-rikorrent tinbagħat lill-konvenut flimkien mar-rikors u kopji tad-dokumenti mehmuża magħhom: dan jiddetermina ż-żmien li fih il-konvenut jista' jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu dwar ir-rikors, li jkun ta' 30 jum li jibda jiddekorri minn meta jintbagħat ir-rikors lill-konvenut. Il-qorti tinforma wkoll lill-konvenut illi jekk ma jippreżentax l-osservazzjonijiet tiegħu is-sentenza xorta tingħata, u l-konvenut jista' jitlon għal seduta ta' smigħ. Meta' l-qorti tibgħat id-dokumenti lill-partijiet hija tispjegalhom id-drittijiet proċedurali tagħhom, tinfurmahom bil-kompożizzjoni li se tisma' l-kawża, kif ukoll dwar ir-rikuża ta' mħallef. Il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili tagħti lill-partijiet drittijiet proċedurali fil-preparazzjoni tal-kawża għall-proċediment, li huma jistgħu jeżerċitaw mhux aktar tard minn sebat'ijiem qabel id-data iffissata għas-smigħ.
Il-konvenut jista' jissottometti l-osservazzjoni tiegħu fuq formola approvata mill-Kabinett. Il-formola hija fost dawk li jinsabu fl-Anness għar-Regolament tal-Kabinett Nru 783 tal-11 ta' Ottubru 2011 dwar il-formoli biex jintużaw għat-talbiet żgħar (il-formola hija disponibbli mill-portal tal-qrati Latvjani: http://likumi.lv/doc.php?id=237849). Fl-osservazzjonijiet tiegħu il-konvenut irid jagħti l-informazzjoni li ġejja:
l-isem tal-qorti li quddiemha se jippreżenta l-osservazzjonijiet;
l-isem, kunjom, numru ta' identità personali, u l-post ta' residenza dikjarata tar-rikorrent, jew fin-nuqqas, il-post ta' residenza *de facto* tiegħu; jew fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem, numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju reġistrat tagħha;
l-isem, kunjom, numru ta' identità personali, u l-post ta' residenza dikjarata tal-konvenut flimkien ma' kull indirizz addizzjonali ddikjarat mill-konvenut jew fin-nuqqas, il-post ta' residenza *de facto* tiegħu; fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem, numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju reġistrat tagħha; barra minn hekk, il-konvenut jista' jindika wkoll indirizz ieħor għall-korrispondenza mal-qorti;
in-numru tal-kawża u s-suġġett tat-talba;
jekk jammettix jew jiċċadx it-talba, kollha jew parti minnha;
l-eċċezzjonijiet tiegħu kontra t-talba, ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati, u d-dispożizzjonijiet legali li fuqhom huma bbażati;
il-provi li jissostanzjaw l-eċċezzjonijiet tiegħu kontra t-talba;
is-sottomissjonijiet fejn il-qorti tintalab titlob għall-provi;
jekk il-konvenut jixtieqx rimborż tal-ispejjeż tal-qorti;
jekk il-konvenut jixtieqx rimborż tal-ispejjeż relatati mal-kawża, fejn jindika l-ammont u d-dokumenti mehmuża li juru l-ammont mitlub;
jekk il-konvenut jixtieqx illi l-kawża tinstema' waqt seduta tal-qorti;
kull ċirkostanza oħra illi l-konvenut iqis bħala importanti għall-eżitu tal-kawża;
kull talba oħra;
lista tad-dokumenti mehmuża mal-osservazzjonijiet;
il-ħin u l-post fejn ġew imfassla l-osservazzjonijiet.
Il-konvenut għandu dritt jippreżenta kontrotalba, fi żmien 30 jum minn meta jirċievi r-rikors, jekk: 1) tista' ssir tpaċija bejn it-talbiet fir-rikors promotorju u l-kontrotalba; 2) permezz tal-kontrotalba l-qorti ma tkunx tista' tilqa' t-talbiet kollha jew parti minnhom ir-rikors promotorju; 3) il-kontrotalba u r-rikors promotorju huma reċiprokament relatati, u l-kwistjoni tista' tiġi solvuta aktar malajr u b'mod korrett jekk jiġu meqjusa flimkien. Il-kawża tinstema' skont il-proċedura għat-talbiet żgħar jekk il-kontrotalba nnifisha hija talba żgħira, jiġifieri taqa' taħt l-ammont massimu u hija mfassla skont ir-rekwiżiti.
Jekk is-somma mitluba fil-kontrotalba taqbeż il-massimu għat-talbiet żgħar, jew jekk il-kontrotalba mhix talba għall-irkupru ta' flus jew manteniment, il-qorti tisma' l-kawża skont il-proċeduri ordinarji tal-qorti.
Jekk il-partijiet ma jitolbux illi l-kawża tinstema' matul seduta l-qorti u l-qorti ma temminx illi hija meħtieġa seduta, it-talbiet żgħar jiġu deċiżi permezz ta' proċedura bil-miktub, u l-partijiet jiġu nnotifikati fil-żin tad-data li fiha tista' tinkiseb kopja tas-sentenza mis-segretarjat tal-qorti. Din id-data mbagħad titqies li hija d-data li fiha tingħata s-sentenza sħiħa.
Il-qorti tisma' l-kawża f'seduta skont il-proċeduri ordinarji tal-qorti jekk xi parti hekk titlob jew jekk il-qorti temmen li hemm bżonn ta' seduta.

Jekk il-post ta' residenza jew fejn tinsab il-persuna mhix fil-Latvja iżda l-indirizz tagħha magħruf, il-konsenja u n-notifika tad-dokumenti tal-qorti jsiru skont il-liġijiet internazzjonali li huma vinkolanti fuq il-Latvja flimkien mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 **li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar**.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenza tal-qorti tingħata billi tinħareġ kopja tas-sentenza lill-partijiet minnufih hekk kif tingħata.

Kopja tas-sentenza tista' tintbagħat bil-posta jew, fejn possibbli, b'xi mod ieħor skont il-proċeduri għall-konsenja u n-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji stabbiliti fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. Kopa tas-sentenza trid tintbagħat immedjatament wara d-data li fiha toħroġ is-sentenza sħiħa. Iż-żmien mhux affetwat mid-data li fiha tasal is-sentenza.

Is-sentenza dwar talba żgħira trid tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ordinarji tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili dwar il-kontenut tas-sentenzi. Sentenza tikkonsisti f'erba' taqsimiet:

L-introduzzjoni tgħid illi s-sentenza qed tingħata f'isem ir-Repubblika tal-Latvja, u tindika d-data li fiha tingħata s-sentenza, l-isem tal-qorti, il-kompożizzjoni tagħha, l-iskrivan tas-seduta, il-partijiet u s-suġġett tal-kawża.

Il-parti deskrittiva tispjega t-talba mressqa mir-rikorrent, kull kontrotalba mressqa mill-konvenut, l-eċċezzjonijiet, u s-sustanza tal-osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet.

Ir-raġunijiet għas-sentenza jiddikjaraw il-fatti stabbiliti fil-kawża, il-provi li fuqhom huma bbażati l-konklużjonijiet tal-qorti u r-raġunijiet li minħabba fihom ġew miċħuda xi provi. Din il-parti turi wkoll il-liġijiet u r-regolamenti li applikat il-qorti, evalwazzjoni ġudizzjarja tal-fatti, u l-konklużjonijiet tal-qorti rigward il-validità jew l-invalidità tat-talba. Jekk il-konvenut aċċetta t-talba kollha, ir-raġunijiet fis-sentenza jindikaw biss il-liġijiet u regolamenti li applikat il-qorti.

Il-parti operattiva tiddikjara jekk il-qorti laqgħetx ir-rikors sħiħ jew parti minnu biss, jew ċaħditux kollhu jew parti minnu, u tispjega s-sustanza tas-sentenza. Hija tispeċifika wkoll min se jħallas l-ispejjeż tal-qorti u f'liema proporzjon, iż-żmien għall-konformità volontarja mas-sentenza, iż-żmien u l-proċeduri għal appell, u d-data tal-kitba tas-sentenza sħiħa.

Il-partijiet jistgħu jappellaw mis-sentenza dwar talba żgħira fuq kull waħda mir-raġunijiet għall-appell imniżżla fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

It-talbiet żgħar huma soġġetti għar-regoli ġenerali dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-qorti.

Meta' tingħata sentenza hija tordna lill-parti t-telliefa biex tħallas l-ispejjeż tal-qorti kollha tal-parti rebbieħa. Jekk ir-rikors jiġi milqugħ biss parzjalment, il-konvenut jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż tal-qorti tar-rikorrent fi proporzjon għat-talba milqugħa, u r-rikorrent ikollu jħallas l-ispejjeż tal-qorti tal-konvenut fi proporzjon għat-talbiet miċħuda. Mhemm rimborż tat-tariffa tal-Istat (*valsts nodeva*) għal oġġezzjoni anċillari (*blakus sūdzība*) kontra d-deċiżjoni tal-qorti jew, fejn is-sentenza ingħatat b'kontumaċja, għal rikors biex jerġgħu jinfetħu mill-ġdid il-proċedimenti u l-kawża terġa' tinstema.

Jekk ir-rikorrent ma jkomplix bil-kawża, huwa għandu jagħti lura l-ispejjeż tal-qorti imħallas mill-konvenut. F'dak il-każ il-konvenut ma jagħtix lura l-ispejjeż tal-qorti mħallsa mir-rikorrent, imma jekk rikorrent ma jkomplix bil-kawża għaliex il-konvenut volontarjament issodisfa l-obbligu li għalih tressaq ir-rikors, il-qorti tista', fuq talba tar-rikorrent, tordna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-qorti tiegħu.

Bl-istess mod, jekk il-kawża tibqa' ma tinqatax, il-qorti tista', fuq talba tal-konvenut, tordna lir-rikorrent biex iħallaslu l-ispejjeż tal-qorti.

Jekk ir-rikorrent jiġi eżentat mill-ispejjeż tal-qorti, il-konvenut jista' jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż tal-qorti lill-Istat skont il-parti tar-rikors li tkun ġiet milqugħa.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Jista' jsir appell (*apelācija*) minn sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza jekk:

il-qorti ma applikatx jew interpretat ħażin regola tal-liġi sostantiva, u dan wassal għal deċiżjoni skorretta tal-kawża;

il-qorti kisret regola tal-liġi proċedurali, u dan wassal għal deċiżjoni skorretta tal-kawża;

il-qorti tkun stabbilit fatti skorretti jew ma eżaminatx korrettament il-provi, jew ipprovdiet evalwazzjoni ġuridika skorretta taċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan wassal għal deċiżjoni skorretta tal-kawża.

Jekk it-talba żgħira ġiet maqtugħa permezz tal-proċedura bil-miktub, iż-żmien għall-appell mis-sentenza jibda' għaddej mid-data li fiha tinkiteb is-sentenza.

Minbarra l-punti speċifikati fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, ir-rikors fl-appell li jgħid illi s-sentenza hija difettuża jrid jindika dan li ġej:

liema regola ta' liġi sostantiva ġiet applikata jew interpretata b'mod skorrett mill-qorti tal-ewwel istanza, jew liema regola tal-liġi proċedurali ġiet miksura, u kif dan jaffettwa l-eżitu finali tal-kawża.

liema mis-sejbiet ta' fatt li għamlet il-qorti tal-ewwel istanza huma skorretti, liema provi ġew evalwati ħażin, kif jista' jintwera illi l-eżami ġuridiku taċ-ċirkostanzi tal-kawża huwa difettuż, u kif dan jista' jaffettwa l-eżitu finali tal-kawża.

Imħallef tal-qorti tal-ewwel istanza jiddeċiedi jekk l-appell għandux ikompli: jekk l-appell mhux konformi mar-rekwiżiti tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, jew jekk ma ġewx mehmuża l-kopji kollha neċessarji, jew ma ġewx provduti traduzzjonijiet iċċertifikati korrettament tal-appell u tal-kopji tad-dokumenti mehmuża, l-imħallef jistabbilixxi żmien li fih jistgħu jiġu korretti n-nuqqasijiet.

Jekk in-nuqqasijiet jiġu korretti fiż-żmien stabbilit, l-appell jitqies li ġie sottomess fid-data li fiha kien ġie sottomess għall-ewwel darba. Fin-nuqqas, jiġi meqjus li qatt ma ġie sottomess u mibgħut lura lir-rikorrent.

Appell mhux iffirmat, jew li ġie sottomess minn persuna li ma kellhiex l-awtorizzazzjoni propja biex tressqu, jew li fuqu ma ġietx imħallsa t-tariffa tal-Istat, ma jiġix aċċettat u jiġi mibgħut lura lir-rikorrent. Deċiżjoni li tiċħad l-appell ma tistax tiġi kontestata.

Wara li jkun aċċerta ruħu illi ġew osservati l-proċeduri għas-sottomissjoni tal-appelli, l-imħallef tal-qorti tal-appell jieħu deċiżjoni biex jinbdew il-proċedimenti tal-appell fi żmien 30 jum mill-wasla tal-appell; f'ċerti każijiet din id-deċiżjoni tittieħed minn tliet imħallfin b'mod kolleġjali.

Sakemm tkun teżisti waħda mir-raġunijiet għall-appell, l-imħallef jiddeċiedi li jibda l-proċedimenti fl-appell u jinnotifika minnufih lill-partijiet, u jindika ż-żmien għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet bil-miktub.

Jekk l-imħallef maħtur biex jiddeċiedi dwar l-appell ikun tal-fehma illi l-proċedimenti tal-appell ma għandhomx jinbdew, il-kwistjoni tiġi deċiża minn tliet imħallfin b'mod kolleġjali.

Jekk tal-inqas wieħed mit-tliet imħallfin huwa tal-fehma illi teżisti tal-inqas waħda mir-raġunijiet sabiex jinbdew il-proċedimenti tal-appell, l-imħallef jiddeċiedi li jinbdew il-proċedimenti, u jinnotifika minnufih lill-partijiet.

Jekk l-imħallfin b'mod unanimu jiddeċiedu illi mhemmx raġuni għall-appell, huma jagħtu deċiżjoni biex ma jsirx l-appell, u jinnotifikaw minnufih lill-partijiet. Din id-deċiżjoni tieħu l-forma ta' riżoluzzjoni (*rezolūcija*) u ma tistax tiġi kontestata.

Fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tal-qorti lill-partijiet illi se jinbdew il-proċedimenti, il-partijiet jistgħu jissottomettu osservazzjonijiet bil-miktub dwar l-appell, flimkien ma' numru ta' kopji skont in-numru ta' partijiet.

Wara n-notifika tal-bidu tal-proċedimenti tal-appell, parti għandha 20 jum biex fih tressaq appell inċidentali. Kif jasal l-appell inċidentali l-qorti tibgħat kopji tiegħu lill-partijiet l-oħra.

Fil-kawża tat-talbiet żgħar, normalment l-appelli jiġu deċiżi permezz tal-proċedura bil-miktub; il-partijiet jiġu notifikati fil-ħin dwar id-data li fiha tkun disponibbli l-kopja tas-sentenza mingħand is-segretarjat tal-qorti, u nfurmati dwar il-kompożizzjoni tal-qorti u tad-dritt tagħhom ta' rikuża tal-imħallef. Is-sentenza titqies li ġiet miktuba fid-data li fiha tkun saret disponibbli kopja tagħha mingħand is-segretarjat tal-qorti. Iżda jekk il-qorti taħseb li jkun neċessarju, l-appell dwar talba żgħira jista' jiġi deċiż matul seduta tal-qorti.
Ma jistax isir appell fuq punt tal-liġi minn sentenza ta' qorti tal-appell, li tidħol fis-seħħ meta' tiġi moqrija fil-qorti jew, jekk tingħata wara proċedura bil-miktub, fid-data li fiha ġiet miktuba.
L-aħħar aġġornament: 04/10/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Litwanja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Il-Kapitolu XXIV tal-Parti IV tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Civilinio proceso kodeksas) tar-Repubblika tal-Litwanja jipprovdi għall-proċedura nazzjonali għal talbiet żgħar.
It-talbiet żgħar Ewropej jiġu trattati skont ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u t-talbiet żgħar Ewropej jinstemgħu skont ir-regoli ġenerali għall-proċedimenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, skont l-eċċezzjonijiet provduti fil-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja li timplimenta l-leġiżlazzjoni internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea li tirregola l-proċedimenti ċivili (Civilinį procesą reglamentuojančių Europos Sąjungos ir tarptautinės teisės aktų įgyvendinimo įstatymas).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura nazzjonali għal talbiet żgħar u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar japplikaw għal talbiet ċivili sa massimu ta' EUR 2 000.
Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tapplika għal talbiet ċivili sa massimu ta' EUR 2 000. Il-proċedura ma tapplikax f'każijiet li jikkonċernaw: l-istatus jew il-kapaċità ġuridika tal-persuni fiżiċi; id-drittijiet ta' propjetà minħabba relazzjoni matrimonjali, l-obbligi ta' manteniment, it-testmenti u s-suċċessjonijiet; il-falliment, il-proċedimenti marbuta mal-istralċ ta' kumpaniji falluti jew ta' persuni ġuridiċi oħra, l-assigurazzjoni soċjali, l-arbitraġġ, il-liġi industrijali, il-lokazzjoni ta' propjetà immobbli, bl-eċċezzjoni ta' kawżi għal talbiet monetarji, u l-ksur tad-dritt ta' privatezza u ta' drittijiet marbuta mal-persuna, inkluż il-malafama.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedura ilha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009. Il-kawżi ta' talbiet żgħar Ewropej jinstemgħu mill-qrati distrettwali skont ir-regoli tal-ġurisdizzjoni territorjali stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja, jiġifieri mill-qrati distrettwali tal-bliet u l-irħula.
Fil-każijiet speċifikati fl-Artikoli 4(3) u 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007, il-qorti trid tinforma lir-rikorrent/intimat illi huwa għandu dritt jippreżenta talba /kontrotalba mhux aktar tard minn 14-il jum wara li jirċievi n-notifika tal-qorti, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja. Meta' r-rikorrent/intimat ma jippreżentax dik it-talba/kontrotalba mfassla kif suppost lill-qorti, u fiż-żmien stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rikors jitqies li ma ġiex ippreżentat u jintbagħat lura lir-rikorrent/intimat b'ordni tal-qorti. Kontra dan l-ordni jista' jiġi ppreżentat appell separat.

1.3 Formoli

Il-formoli jinsabu l-qortu u fuq il-portal tas-servizzi elettroniċi tal-qrati Litwani.

1.4 Assistenza

Il-preżenza ta' rappreżentant legali/avukat mhix meħtieġa. Il-qrati jipprovdu assistenza biex jimtlew il-formoli, iżda ma jagħtux pariri dwar il-mertu tat-talba. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 jistabbilixxi l-assistenza prattika u l-informazzjoni li tingħata lill-partijiet fil-proċedimenti minn korpi li jipprovdu għajnuna legali primarja garantita mill-Istat.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-ġbir tal-provi huwa regolat mill-Kapitolu XIII tal-Parti II tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

1.6 Proċedura bil-miktub

Skont il-proċedura nazzjonali għal talbiet żgħar, il-qorti li tisma' l-kawża tista' tiddeċiedi hija nnifisha dwar il-forma u l-proċedura għas-smigħ tal-kawża. Seduta orali tista' ssir meta' ssir rikjesta minn tal-inqas parti waħda. Bil-proċedura bil-miktub, il-persuni nvoluti fil-kawża ma jiġux imsejħa u ma jattendux għas-seduta ta' smigħ il-qorti. Il-persuni nvoluti fil-kawża jiġu notifikati bil-proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 133(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Jekk il-każ jinstema' rigward il-merti skont il-proċedura bil-miktub, id-data, l-ħin u l-post għas-seduta tal-qorti kif ukoll il-kompożizzjoni tal-qorti jiġu mħabbra fuq sit elettroniku speċjali tal-inqas sebgħat'ijiem qabel id-data tas-seduta ta' smigħ, ħlief fil-każijiet speċifikati mill-Kodiċi, fejn il-partijiet jiġu notifikati bi proċedura differenti. Din l-informazzjoni tingħata wkoll mir-reġistru tal-qorti.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Skont il-proċedura nazzjonali għal talbiet żgħar, id-deċiżjoni tal-qorti jenħtieġ li jkollha partijiet introduttorji u operattivi u tagħti dikjarazzjoni qasira tar-raġunijiet.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Għat-talbiet żgħar titħallas tariffa tal-qorti (żyminis mokestis) fl-ammont stabbilit fl-Artikolu 80(1)(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja. Tammonta għal 1/4 tat-tariffa pagabbli għat-talba, iżda mhux inqas minn EUR 10.

1.9 Il-possibilità ta' appell

L-Artikolu 29 tal-Liġi jipprovdi illi d-deċiżjonijiet tal-qrati Litwani adottati taħt il-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar jistgħu jiġu appellati. Il-proċedura ta' appell hija regolata mill-Artikoli 301-333 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan. Skont l-Artikolu 307(1) tal-Kodiċi, fejn ikun hemm raġunijiet għall-appell, l-appell jrid jiġi ppreżentat fi żmien 30 ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti.
L-aħħar aġġornament: 22/03/2022
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Lussemburgu

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Minbarra l-proċedura Ewropea dwar it-talbiet iż-żgħar stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-11 ta' Lulju 2007, fid-dritt Lussemburgiż, teżisti proċedura simplifikata għall-irkupru ta' talbiet sal-limitu ta' EUR 15,000 (li ma jinkludux l-imgħax u l-ispejjeż), magħrufa bħala "ordni għall-ħlas" (*ordonnance de paiement*).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura tal-ordni għall-ħlas tista' tintuża biex jiġi rkuprat dejn pekunjarju li ma jeċċedix EUR 15,000, dment li d-debitur ikun domiċiljat il-Lussemburgu.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Huma l-krediturі li għandhom jiddeċiedu jekk jużawx jew le l-proċedura tal-ordni għall-ħlas biex jirkupraw djun, peress li dawn jistgħu wkoll jiftħu kawża b' ċitazzjoni (*citation*) biex jidhru quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja.

Waħda mid-differenzi li jeżistu bejn il-proċedura tal-ordni għall-ħlas quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja u r-rikors quddiem il-Qorti Distrettwali għal ordni ta' ħlas proviżorju hija li l-proċedimenti quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja jistgħu jagħtu lok għal sentenza sħiħa (*jugement*), filwaqt li l-proċedimenti quddiem il-Qorti Distrettwali jistgħu jagħtu lok għal digriet (*ordonnance*).

1.3 Formoli

Rikors biex tinkiseb ordni għall-ħlas jista' jsir oralment jew bil-miktub quddiem ir-reġistru tal-kummissarju tal-ġustizzja.

Biex it-talba tkun valida jrid ikun fiha l-kunjomijiet, l-ismijiet, il-professjonijiet u d-domiċilji jew residenzi tar-rikorrent u tal-intimat, dikjarazzjoni tal-motivi u l-ammont pretiż u rikors biex tinkiseb ordni għall-ħlas kundizzjonali.

Il-kreditur irid jehmeż jew jiddepożita kull dokument li jikkostitwixxi prova tal-eżistenza u l-ammont tad-dejn u li jistabbilixxi li d-dejn huwa fondat.

Paragun tat-testi juri li d-dikjarazzjoni tal-motivazzjonijiet meħtieġa għal talbiet li għandhom jinstemgħu quddiem il-kummissarju tal-ġustizzja hija inqas estensiva, għax ikun biżżejjed f'dak li każ li jiġi speċifikat l-ammont u l-oriġini tad-dejn.

1.4 Assistenza

Il-leġiżlazzjoni ma timponi l-ebda obbligu fuq l-uffiċjali ġudizzjarji jew fuq il-qrati sabiex jassistu lill-partijiet.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Japplikaw ir-regoli ordinarji dwar il-provi. Ara "It-Teħid tal-Provi - Il-Lussemburgu".

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk id-debitur joġġezzjona u l-kreditur ikun jixtieq ikompli l-proċedimenti, ikollha tinstema' l-kawża f'seduta pubblika.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenzi mogħtija f'kawżi ta' ordni għall-ħlas soġġetti għall-istess prinċipji u regoli bħas-sentenzi mogħtija skont il-proċedura ordinarja.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Fid-dritt Lussemburgiż, il-parti telliefa normalment tiġi kkundannata għall-ispejjeż, minkejja li l-qorti tista' tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni speċjali u motivata jekk l-ispejjeż kollha jew parti minnhom għandhomx jitħallsu minn parti oħra. Jekk il-parti rebbieħa tkun ġarrbet l-ispejjeż tal-proċedimenti, tkun tista' titlob lill-parti l-oħra biex tirrimborżaha.

Kuntrarju għar-regola li teżisti f'pajjiżi oħrajn, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-avukat ma huwiex sistematiku. Skont il-liġi tal-Lussemburgu, l-"ispejjeż" imsemmija fl-Artikolu 238 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jinkludu l-ispejjeż tal-uffiċjali ġudizzjarji, tal-esperti, kwalunkwe spiża mħallsa lix-xhieda, tat-traduzzjonijiet, eċċ., iżda mhux l-ispejjeż tal-avukati.

L-imħallef jista' jalloka somma f'daqqa lill-parti rebbieħa maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż imġarrba minħabba l-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat. Dan huwa partikolarment il-każ meta jkun inekwu li parti waħda titħalla ġġarrab spejjeż li ġarrbet u li ma humiex inklużi bħala kostijiet; l-imħallef jista' jordna lill-parti l-oħra tagħmel tali ħlas kif iqis xieraq l-imħallef.

Id-deċiżjoni li jingħata ħlas, flimkien mal-ammont tad-deċiżjoni, hija fid-diskrezzjoni tal-imħallef.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Ir-regoli ordinarji japplikaw ukoll f'każijiet ta' ordnijiet ta' ħlas. Is-sentenzi tal-kummissarju tal-ġustizzja jistgħu jiġu appellati meta l-ammont ikkonċernat ikun iktar minn EUR 2,000.

Links relatati

LEGILUX

https://justice.public.lu/fr.html

L-aħħar aġġornament: 05/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Ungerija

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Minbarra l-proċedura speċifikata fir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (u t-Taqsimiet 598 sa 602 tal-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jittrattaw kwalunkwe kwistjoni mhux stabbilita minn dan ir-Regolament), il-liġi Ungeriża fis-seħħ ma kellhiex proċedura speċjali applikabbli għal pretensjonijiet żgħar mill-1 ta' Jannar 2018. Pretensjonijiet żgħar kienu rregolati mill-Att III tal-1952 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; madankollu, dan l-Att tħassar bl-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, b'effett mill-1 ta' Jannar 2018. Dan ifisser li mill-1 ta' Jannar 2018 ma kien hemm l-ebda regoli speċifiċi applikabbli għal pretensjonijiet żgħar fil-proċedura ċivili Ungeriża. Konsegwentement, ir-regoli ġenerali japplikaw għall-infurzar ta' pretensjonijiet żgħar. Madankollu, il-proċedimenti li jinbdew qabel l-1 ta' Jannar 2018 jiġu ttrattati skont l-Att III tal-1952 ta' qabel dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Għalhekk l-informazzjoni li ġejja hija rilevanti biss għall-kawżi li għadhom pendenti li nbdew qabel l-1 ta' Jannar 2018.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura għal pretensjonijiet żgħar hija disponibbli fi proċedimenti għall-irkupru ta' pretensjonijiet li ma jaqbżux il-HUF 1 miljun, li saru kontenzjużi wara oppożizzjoni għal ordni ta' ħlas, jew li jsegwu proċedura ta' ordni ta' ħlas, jiġifieri meta

a) rikors għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas jiġi miċħud min-nutar pubbliku *ex officio* u sussegwentement ir-rikorrent iressaq kawża quddiem il-qorti sabiex din il-pretensjoni tiġi eżegwita;

b) il-proċedura ta' ordni ta' ħlas tintemm min-nutar pubbliku permezz ta' digriet u sussegwentement ir-rikorrent iressaq kawża quddiem il-qorti sabiex jeżegwixxi l-pretensjoni.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedura hija applikata mill-qrati distrettwali.

1.3 Formoli

Ebda formola mhi pprovduta għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet li jniedu l-proċedimenti, iżda għall-proċeduri għal ordnijiet ta' ħlas qabel tali applikazzjonijiet – li huma fil-kompetenza tan-nutara tal-liġi ċivili – hija disponibbli formola fis-sit web tal-Kamra Ungeriża tan-Nutara tad-Dritt Ċivili u fl-uffiċċji tan-nutara.

1.4 Assistenza

Hija disponibbli assistenza. Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-drittijiet tagħhom, persuni fiżiċi li d-dħul u l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom ma jippermettulhomx li jħallsu l-ispejjeż tal-proċedimenti għandhom, fuq talba tagħhom, ikunu kompletament jew parzjalment eżentati mill-ħlas ta' dawn l-ispejjeż. Skont l-Att dwar il-Miżati, il-partijiet jistgħu wkoll ikunu intitolati għal konċessjonijiet fir-rigward ta' xi tariffi tal-qorti (eżenzjoni mit-tariffi jew id-dritt li jiddifferuhom), u persuni fil-bżonn huma wkoll intitolati li jimpjegaw assistent ġuridiku jew avukat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Għajnuna Ġuridika jekk ikun meħtieġ biex jinfurzaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Fi proċeduri li jkunu saru kontenzjużi wara oppożizzjoni għal ordni ta' ħlas, il-qorti tinnotifika lill-konvenut bil-fatti u bil-provi ppreżentati mir-rikorrent mhux aktar tard miċ-ċitazzjoni għas-seduta. Il-parti tista' tressaq provi sa mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata tas-seduta. Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, il-parti tista' tipprovdi evidenza waqt il-proċedimenti jekk il-parti opposta tagħti l-approvazzjoni tagħha jew jekk il-parti tinvoka fatti jew provi, deċiżjonijiet finali tal-qrati jew deċiżjonijiet amministrattivi oħra fil-preżentazzjoni tagħha ta' evidenza li, għal raġunijiet li ma jkunux attribwibbli lill-parti, ikunu saru magħrufa lilha wara l-iskadenza standard stabbilita għall-forniment ta' evidenza, jew li kienet informata dwarhom wara din id-data ta' skadenza għal raġunijiet li ma jkunux attribwibbli lilha, u jekk il-parti tipprovdi provi suffiċjenti sabiex issostni din il-pretensjoni.

Jekk isiru bidliet fl-applikazzjoni jew titressaq kontropretensjoni, il-parti tista' tipprovdi evidenza rilevanti meta jsiru l-bidliet (titressaq il-kontropretensjoni), filwaqt li fil-każ ta' oppożizzjonijiet għal pretensjonijiet ta' tpaċija, l-evidenza relatata mal-pretensjoni ta' tpaċija tista' tiġi pprovduta simultanjament mal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni. Il-qorti trid tinjora kull prova mressqa b'mod li jmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet. Ir-regoli ġenerali tal-evidenza japplikaw fl-aspetti l-oħra kollha.

1.6 Proċedura bil-miktub

Il-Qorti tagħmel ukoll seduta.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Il-kontenut tas-sentenzi huwa rregolat mir-regoli applikabbli b'mod ġenerali, bil-kundizzjoni li l-partijiet iridu jkunu pprovduti b'informazzjoni wara l-parti operattiva tas-sentenza dwar l-elementi li jridu jiġu inklużi fl-appell u l-konsegwenzi ġuridiċi jekk dawk l-elementi jitħallew barra.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Bħala regola ġenerali, japplika l-prinċipju ta' "min jitlef iħallas".

1.9 Il-possibilità ta' appell

Il-possibbiltà ta' appell hija limitata f'numru ta' aspetti, u għalhekk huwa tal-akbar importanza li tista' tiġi invokata biss referenza għal ksur tar-regoli tal-proċedura tal-ewwel istanza jew applikazzjoni ħażina tal-liġi li sservi bħala bażi għall-valutazzjoni tal-merti tal-kawża. Ir-regoli ġenerali japplikaw għall-preżentazzjoni ta' appelli u għal-limitu ta' żmien stabbilit għall-appelli, jiġifieri għandhom jitressqu fil-qorti li ġġib ir-riżoluzzjoni fl-ewwel istanza fi żmien 15-il jum min-notifika tas-sentenza u jiġu ġġudikati mill-qorti reġjonali kompetenti.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Malta

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Il-proċedura speċifika għal talbiet żgħar hija rregolata mill-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar) kif ukoll mil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 380.01, 380.02 u 380.03.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Dan it-tribunal [Tribunal għal Talbiet Żgħar] għandu ġuriżdizzjoni biss biex jisma' u jiddeċiedi dwar talbiet ta' flus li ma jaqbżux l-ammont ta' EUR 5 000.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedimenti jibdew meta l-parti li tagħmel it-talba timla l-formola neċessarja, ppreżenta t-talba tagħha fir-Reġistru tat-Tribunal, tħallas id-dritt u titlob lit-Tribunal jinnotifika lill-konvenut bit-talba. Il-konvenut imbagħad ikollu tmintax-il jum min-notifika b'talba biex jippreżenta r-risposta tiegħu. Huwa jista' jagħmel kontrotalba wkoll. Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħaddieħor li jħallas it-talba tal-attur, huwa għandu jindika min hi dik il-persuna. Imbagħad, ir-Reġistratur għandu jinnotifika lill-partijiet bid-data u bil-ħin tas-smigħ. Il-ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem it-Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali. Il-ġudikatur għandu jiżgura li każ għandu, kemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda. Huwa għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xhieda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xhieda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-każ li jkun qed jittratta. Huwa għandu jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jagħtu l-parir espert tagħhom. Huwa għandu jkollu l-istess setgħa daqs maġistrat li joqgħod fil-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza ċivili tagħha u b'mod partikolari għandu jkun jista' jħarrek ix-xhieda u jamministralhom il-ġurament.

1.3 Formoli

Il-parti li tagħmel it-talba għandha timla l-formola għat-talba li hemm fl-Ewwel Skeda tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 380.01 (Regoli dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar). Il-konvenut għandu jagħmel ir-risposta tiegħu billi jimla formola wkoll, li tinsab ukoll fl-ewwel Skeda tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja msemmija hawn fuq.

1.4 Assistenza

Il-partijiet jistgħu jkunu assistiti minn kwalunkwe persuna: dan ma jridx ikun bilfors avukat jew prokuratur legali.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-partijiet jistgħu jippreżentaw il-provi bil-fomm, f'forma dokumentarja jew iż-żewġ tipi flimkien. Xhud jista' jitħarrek — mill-inqas tlett ijiem qabel id-data meta x-xhud ikun meħtieġ li jixhed — biex jidher quddiem it-Tribunal f'data speċifika u f'ħin speċifiku biex jagħti x-xhieda tiegħu jew iġib miegħu xi dokument. Jekk xhud li jkun ġie debitament imħarrek jonqos milli jidher waqt seduta, it-Tribunal jista' jordna li dak ix-xhud jinġieb b'arrest għal seduta li ssir f'data oħra.

1.6 Proċedura bil-miktub

It-talba u r-risposta għaliha jsiru bil-miktub. Il-provi jistgħu jkunu dokumentarji. Madankollu, id-dehra quddiem it-Tribunal fid-dati stabbiliti minnu hija obbligatorja.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Fid-deċiżjoni tiegħu, il-ġudikatur għandu jelenka d-dettalji ewlenin li jkun qed jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqhom. Fl-istess deċiżjoni, huwa għandu wkoll jiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

F'kull deċiżjoni, il-ġudikatur għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż li xi waħda mill-partijiet ikollha tbati. Sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jitolbu xorta oħra, il-parti li titlef tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra li l-każ ikun inqata' favuriha. L-ispejjeż ikunu limitati għan-nefqiet effettivi li jkunu saru b'mod dirett dwar il-każ mill-parti li l-każ ikun inqata' favuriha. Fil-każ ta' talba vessatorja jew frivola, it-Tribunal jista' jordna lill-parti li tkun għamlitha biex tħallas lill-konvenut penali ta' mhux inqas minn EUR 250 u mhux iżjed minn EUR 1 250, u din il-penali tkun dovuta bħala dejn ċivili.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Kull appell minn deċiżjoni tat-Tribunal irid jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Qrati b'rikors li jsir fil-Qorti tal-Appell fil-kompetenza inferjuri tagħha, fi żmien għoxrin jum mid-data meta l-Ġudikatur ikun ta d-deċiżjoni tiegħu.

L-aħħar aġġornament: 04/10/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Olanda

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Il-proċedura għal talbiet żgħar hija l-proċedura permezz ta' ċitazzjoni fis-sezzjoni sub distrettwali tal-qorti (*sector kanton van de rechtbank*). Din hija l-proċedura ordinarja permezz ta' ċitazzjoni, b'simplifikazzjoni tal-proċedura. Jekk il-każ jinstema fis-sezzjoni sub-distrettwali tal-qorti mhemmx għalfejn tqabbad avukat għaliex tista' tirrappreżenta lilek innifsek.

Il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tintuża wkoll f'każijiet transfruntiera fl-UE. Tista' tuża l-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar jekk għandek tirċievi flus mingħand:

kumpanija oħra;

organizzazzjoni;

klijent.

Fil-liġi tan-Netherlands, hemm Att li jimplimenta r-Regolament tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (Att tad-29 ta' Mejju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-qorti sub distrettwali tisma':

kawżi dwar talbiet sa valur massimu ta' EUR 25 000;

kawżi marbuta ma' talbiet ta' valur mhux determinat, jekk il-valur x'aktarx ma jaqbiżx EUR 25 000.

Barra minn hekk, l-imħallef tal-qorti sub distrettwali jiddeċiedi kawżi li jikkonċernaw il-liġi industrijali, kirjiet, kuntratti ta' bejgħ lil konsumatur u kuntratti ta' kreditu lill-konsumatur, appelli mill-multi tat-traffiku u reati minuri. Il-qorti tisma' wkoll każijiet dwar l-amministrazzjoni, it-tutela, il-kurazija u r-rinunzja jew aċċettazzjoni ta' wirt. Ikklikkja hawnhekk għal aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' taħrik fil-qorti sub distrettwali.

Il-qorti sub distrettwali tisma wkoll il-kawżi dwar talbiet żgħar Ewropej. Il-valur massimu għall-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar huwa stabbilit mir- Regolament (KE) Nru 861/2007 fis-somma ta' EUR 5,000.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

M'hemmx proċedura speċjali tal-qorti sub distrettwali. Fil-prinċipju, ir-regoli għall-proċedura biċ-ċitazzjoni japplikaw kemm għall-qorti distrettwali kif ukoll is-sezzjoni sub distrettwali tagħha. Differenza importanti hija li fil-kawżi quddiem il-qorti sub distrettwali, il-partijiet għandhom id-dritt jiddefendu l-kawża huma stess, filwaqt li għal kawżi oħra (quddiem il-qorti distrettwali), il-partijiet għandhom bżonn avukat. Ara l-punt 1.4 iktar l'isfel Barra minn hekk, fis-sezzjoni sub distrettwali l-kawżi jistemgħu minn imħallefuniku, jiġifieri minn imħallef presedenti wieħed.

Ir-regoli dwar il-proċedura b'ċitazzjoni japplikaw ukoll għat-talbiet żgħar Ewropej.

1.3 Formoli

Il-proċedimenti quddiem il-qorti sub distrettwali normalment jibdew b'ċitazzjoni. L-aktar dikjarazzjonijiet importanti fiċ-ċitazzjoni huma l-pretensjoni (it-talba nnifisha) u r-raġunijiet warajha (il-fatti u l-liġi li fuqhom hija bbażata l-pretensjoni).

Xi ftit partikolaritajiet tal-proċedimenti tal-qorti sub distrettwali huma:

il-konvenut jitħarrek quddiem il-qorti distrettwali A, iżda jidher quddiem l-imħallef tal-qorti subdistrettwali fis-sede prinċipali tal-qorti A jew f'sede speċifika tal-qorti sub distrettwali A.

jekk għall-proċedimenti r-rikorrent ikun rappreżentat minn rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz ta' dan ir-rappreżentat iridu jitniżżlu fiċ-ċitazzjoni.

Talba skont il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar ssir bil- formola A. Ir-rikors irid isir lill-qorti li għandha ġuriżdizzjoni.

1.4 Assistenza

F'kawżi quddiem il-qorti sub distrettwali, l-partijiet jistgħu jiddefendu l-kawża huma stess. Dan ifisser illi m'hemmx l-obbligu ta' rappreżentanza minn avukat. L-għajnuna mogħtija minn rappreżentant awtorizzat, li m'hemmx għalfejn ikun avukat, hija possibbli wkoll. Dwar ir-rimborż tal-ispejjeż għall-assistenza legali ta' avukat, ara wkoll il-punt 1.8 hawn taħt.

Fil-proċedura Ewropea, bl-istess mod, il-partijiet ma għandhomx għalfejn jiġu rappreżentati minn avukat jew minn konsulent legali ieħor.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Japplikaw ir-regoli normali dwar il-provi. Skont il-liġi Netherlandiża dwar il-provi, l-imħallef huwa liberu li jevalwa l-provi edotti. L-Artikolu 9 tal-imsemmi Regolament (KE) Nru 861/2007 jirregola l-kumpilazzjoni tal-provi fil-proċedura Ewropea.

1.6 Proċedura bil-miktub

Hemm regoli nazzjonali ta' proċedura għar-rwol fil-qasam ċivili tas-sezzjonijiet sub distrettwali (*Landelijk Procesreglement voor rolzaken kanton*). Id-dokumenti bil-miktub jistgħu jiġu ppreżentati fir-reġistru tal-qorti distrettwali qabel id-data tal-kawża, iżda wkoll fis-seduta ta' smigħ. Id-dikjarazzjonijiet u r-risposti jistgħu jiġu ppreżentati oralment fil-proċedimenti quddiem il-qorti sub distrettwali. Il-proċedura Ewropea hija proċedura bil-miktub, għalkemm tista' ssir seduta ta' smigħ jekk l-imħallef iqisha neċessarja jew jekk hekk parti titlob li ssir.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenza għandu jkun fiha:

l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet u tar-rappreżentanti awtorizzati jew avukati tagħhom;

Il-fehmiet espressi tal-partijiet;

kif miexja l-proċedura;

il-konklużjoni taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

ir-raġunijiet għad-deċiżjoni, bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet tal-imħallef;

id-deċiżjoni finali tal-imħallef;

l-isem tal-imħallef;
It-tqassim tal-ispejjeż;
id-data tal-għotja tas-sentenza.
L-imħallef jiffirma s-sentenza.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Jekk il-kawża titressaq quddiem qorti sub distrettwali, din tista' tinvolvi dawn l-ispejjeż: it-tariffa tal-qorti għall-preżentata, it-tqassim tal-ispejjeż ordnati mill-qorti u l-ispejjeż għall-assistenza legali.
It-tariffa tal-qorti għall-preżentata titħallas meta' l-kawża titressaq quddiem il-qorti. L-ammont jiddependi min-natura tal-każ. Fil-prattika, l-avukat tiegħek iħallas dan l-ammont bil-quddiem u mbagħad iżommlok tagħha aktar tard. L-imħallef jista' jordna lill-parti telliefa biex tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra. Jekk ħadd mill-partijiet ma jirbaħ il-kawża għal kollox, kulħadd iħallas l-ispejjeż tiegħu. L-ispejjeż ordnati mill-qorti jistgħu jinkludu l-ispejjeż għall-assistenza legali, kif ukoll l-ispejjeż tax-xhieda, l-esperti, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza, l-ispejjeż tal-estratti u spejjeż l-oħra barra mill-qorti.
Skont il-leġiżlazzjoni Netherlandiża, dawk il-persuni b'inqas mezzi biex iħallsu ġieli jkollhom il-possibbiltà li jingħataw kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-assistenza legali. L-assistenza legali sussidjata mhix possibbli għall-kawżi kollha quddiem il-qrati sub distrettwali kollha. Jekk l-assistenza legali sussidjata mhix possibbli, il-partijiet fil-kawża jħallsu wkoll kontribuzzjoni propja għall-ispejjeż tal-assistenza legali, skont is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Rikors għal kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-assistenza legali jsir mill-avukat lill-Bord għall-Għajnuna Legali (*Raad voor rechtsbijstand*). Dan huwa regolat mill-Att dwar l-Għajnuna Legali (*Wet op de Rechtsbijstand*). Il-Kapitolu III A ta' dan l-Att jistabbilixxi r-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna legali f'kawżi transfruntiera fl-UE.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Appell kontra s-sentenzi tas-sezzjoni sub distrettwali tal-qorti jista' jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tal-appell. L-appell huwa possibbli biss jekk it-talba taqbeż EUR 1 750. L-appell jrid isir fi żmien tliet xhur mid-data tal-għotja tas-sentenza. Jista' jsir appell minn deċiżjoni tal-qorti sub distrettwali fil-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

L-aħħar aġġornament: 10/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Awstrija

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Ma teżisti l-ebda proċedura għal talbiet żgħar, bħala tali fid-dritt nazzjonali Awstrijak. Madankollu, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak jipprevedi proċeduri simplifikati jew regoli proċedurali speċifiċi f'ċerti materji li jinġiebu quddiem il-Qrati Distrettwali.
Uħud minn dawn ir-regoli proċedurali speċifiċi japplikaw biss għal talbiet żgħar sa limitu ta' EUR 1,000 (ara l-punt 1.5) jew Euro 2,700 (ara wkoll il-punt 1.9).

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Ir-regoli speċifiċi għal talbiet żgħar fid-dritt proċedurali Awstrijak huma obbligatorji u l-partijiet ma jistgħux joħorġu minnhom.
Għalhekk, la l-Qorti u lanqas il-partijiet ma jistgħu jittrasferixxu t-talba għal proċedura "ordinarja".

1.3 Formoli

Peress li bħala tali l-Awstrija m'għandhiex proċedura għal talbiet żgħar, lanqas ma hemm formoli speċifiċi għal talbiet bħal dawn.

1.4 Assistenza

Ir-rappreżentanza legali mhijiex obbligatorja fl-Awstrija għal ammonti ta' tilwim li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 5.000. Bħala prinċipju, l-imħallef għandu jipprovdi assistenza lill-partijiet mingħajr rappreżentanza legali, jiġifieri għandu jinformahom dwar id-drittijiet u l-obbligi proċedurali tagħhom u dwar il-konsegwenzi legali tal-azzjonijiet u l-omissjonijiet tagħhom. Il-partijiet mingħajr rappreżentanza legali jistgħu wkoll jirreġistraw it-talbiet tagħhom oralment quddiem il-Qorti Distrettwali kompetenti jew il-Qorti Distrettwali tal-post tar-residenza tagħhom. Jekk is-sottomissjoni bil-miktub magħmula minn parti mingħajr rappreżentanza legali ma tkunx adegwata, l-imħallef għandu jipprovdi lill-parti bl-ispjegazzjonijiet u l-istruzzjonijiet rilevanti. L-imparzjalità tal-imħallef m' għandhiex tkun ristretta minħabba f'dan.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

F'kawżi b'valur ta' EUR 1,000 jew inqas, il-Qorti tista' tinjora l-evidenza pprovduta mill-parti jekk kjarifika sħiħa taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha toħloq diffikultajiet sproporzjonati. Madankollu, hawnhekk ukoll l-imħallef irid jagħmel deċiżjoni mhux arbitrarja in bona fede, abbażi tal-eżitu tal-proċedimenti b'mod ġenerali. Id-Deċiżjoni għandha tkun suġġetta għal reviżjoni fl-istadji suċċessivi tal-appell.

1.6 Proċedura bil-miktub

Il-proċedura esklużivament bil-miktub mhijiex permessa taħt il-liġi Awstrijaka. Pereżempju, fid-dritt proċedurali ċivili tal-Awstrija, bis-saħħa tal-prinċipju ta' immedjatezza (*sachlicher Unmittelbarkeitsgrundsatz)* evidenza diretta tal-fatti trid tingħata preferenza fuq sempliċi sorsi indiretti ta' evidenza; testimonjanzi bil-miktub ippreżentati fil-forma ta' dokumenti huma inammissibbli.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak, jekk l-għoti ta' sentenza jsir oralment, ir-rekwiżiti li japplikaw għall-kopja bil-miktub huma inqas stretti. Dan japplika irrispettivament mill-valur tat-talba. Jekk sentenza tkun ingħatat bil-fomm fil-preżenza taż-żewġ partijiet u ma tkunx ġiet appellata fi żmien debitu minn l-ebda waħda mill-partijet, il-qorti tista' toħroġ "sentenza mqassra " li tkun limitata għar-raġunijiet prinċipali tad-deċiżjoni.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Skont il-liġi Awstrijaka, ir-rimborż tal-ispejjeż fi proċedimenti ċivili huwa, fil-prinċipju, ugwali għal-livell tas-suċċess. Kemm it-tariffi tal-Qorti kif ukoll it-tariffi legali huma marbuta direttament mal-valur tat-talba, li jfisser li l-pretensjonijiet żgħar ġeneralment jirriżultaw fi spejjeż tal-Qorti jew tariffi legali aktar baxxi. Billi l-ispejjeż huma stabbiliti fl-atti u r-regolamenti fil-forma ta' tariffi, il-piż tal-ispejjeż jista' jinżamm 'l isfel għal talbiet ta' valur baxx. Madankollu, ma hemmx regoli speċifiċi dwar l-ispejjeż għal tali talbiet.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Il-liġi Awstrijaka tippermetti biss drittijiet limitati ta' appell fi proċedimenti ta' talbiet żgħar. L-appelli fi proċedimenti fuq talbiet sa EUR 2,700 fl-ewwel Istanza huma permessi biss fil-każ ta' validazzjoni legali skorretta jew minħabba invalidità (żbalji proċedurali serji ħafna). Mhuwiex possibbli li wieħed jopponi żbalji proċedurali serji oħra. Lanqas ma jista' wieħed jopponi kostatazzjonijiet skorretti tal-fatti li jkunu saru mill-Qorti tal-Ewwel Istanza (abbażi, pereżempju ta' valutazzjoni skorretta tal-evidenza). Fil-bqija tal-kawżi, japplikaw ir-regoli li jirregolaw il-proċedura "ordinarja".

L-aħħar aġġornament: 05/06/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni

Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Polonja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fil-liġi Pollakka teżisti proċedura simplifikata. Hija regolata mill-Artikolu 5051 sa 50514 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.
Il-proċedura simplifikata tinvolvi simplifikazzjoni u titjib tal-proċedimenti marbuta mal-provi u fl-appell billi jiġu mħaffa u ssimplifikati l-proċeduri tal-qorti u bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti formali aktar stretti għall-partijiet sabiex jaġixxu b'mod aktar dixxiplinat meta jieħdu xi azzjoni.
Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Pollakk jinkorpora l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Il-Proċedura ġiet stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar bl-għan illi jiġu simplifikati l-proċedimenti ċivili u kummerċjali. Ir-Regolament jiġi applikat fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka. Huwa kien traspost fil-liġi Pollakka mill-Artikolu 50521 sa 50527a tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura simplifikata tintuża fil-każijiet li ġejjin li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati distrettwali (sądy rejonowe):
talbiet kuntrattwali, jekk il-valur tat-talba ma jaqbiżx PLN 20,000 u, għal talbiet taħt garanzija jew garanziji ta' kwalità jew talbiet minħabba l-inkompatibilità tal-oġġetti tal-konsum ma' kuntratt ta' bejgħ lil konsumatur, jekk il-valur tas-suġġett tal-kuntratt ma jaqbiżx dak l-ammont;
talbiet għall-ħlas tal-kera ta' postijiet ta' abitazzjoni u t-tariffi pagabbli mill-kerrejja kif ukoll it-tariffi għall-użu ta' abitazzjoni f'kooperattiva tad-djar, irrispettivament mill-valur tat-talba.
Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema (Sąd Najwyższy), it-talbiet għall-inadempjenza jew prestazzjoni inadegwata ta' obbligu għandhom jiġu kkunsidrati skont il-proċedura simplifikata jekk il-valur tat-talba ma jaqbiżx PLN 20,000. Jekk ir-rikorrent qiegħed jitlob ammont inqas minn PLN 20,000 illi jikkostitwixxi il-fdal ta' talba li diġà ġiet sodisfatta b'ammont ta' aktar minn PLN 20,000, din it-talba wkoll tiġi kkunsidrata skont il-proċedura simplifikata. Il-fraži "skont il-kuntratti" tfisser illi t-talbiet minħabba atti illegali, arrikkiment indebitu u l-eżistenza ta' sjieda ta' propjetà, koproprjetà jew il-komunità tad-drittijiet jew l-eżistenza ta' drittijiet ta' propjetà oħra li l-akkwist jew eżerċizzju tagħhom jagħti lok għal obbligu ta' ħlas ma jistgħux jinstemgħu skont il-proċedura simplifikata. Lanqas it-talbiet minħabba atti illegali minbarra l-kuntratti ma jistgħu jinstemgħu skont din il-proċedura: atti illegali unilaterali, aġenzija mingħajr awtorizzazzjoni, il-*legitima portio* u l-obbligi ġejjin minn deċiżjoni amministrattiva jew direttament mid-dispożizzjonijiet tal-liġi.
Il-proċedura simplifikata tista' tiġi applikata f'każijiet li jinvolvu persuni fiżiċi u ġuridiċi jew negozji, impjegati u impjegaturi. L-applikazzjoni tal-proċedura mhix limitata mit-tip ta' entità. Dan ifisser illi l-kwistjonijiet ekonomiċi jew dwar il-persunal jistgħu jiġu kkunsidrati skont il-proċedura simplifikata.
Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati distrettwali u reġjonali ('*sądy okręgowe*') u l-uffiċjali tal-ġustizzja skont il-ġuriżdizzjoni territorjali kif speċifikat fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Artikolu 16 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) moqri flimkien mal-Artikoli 17 u 505 (22) tiegħu).
Skont id-Direttiva msemmija hawn fuq, it-talbiet żgħar huma talbiet f'materji ċivili u kummerċjali (inklużi kwistjonijiet tal-konsumatur) u każijiet fejn il-valur tat-talba, minbarra l-interessi u l-ispejjeż, ma jaqbżux EUR 5,000 (meta tasal il-formola tat-talba mill-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni).

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Skont l-Artikolu 5053, kwalunkwe proċediment skont il-proċedura simplifikata jista' jikkonċerna biss talba waħda. Diversi talbiet jistgħu jingħaqdu f'talba waħda biss jekk jirriżultaw mill-istess kuntratt jew kuntratti tal-istess tip. Jekk diversi talbiet jingħaqdu illegalment f'talba waħda, l-imħallef presedenti jordna illi t-talba tintbagħat lura skont l-Artikolu 1301 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Jekk ir-rikorrent qiegħed jitlob biss parti mit-talba, il-każ jiġi kkunsidrat skont il-proċedura simplifikata jekk din il-proċedura tkun xierqa għat-talba kollha li tirriżulta mill-fatti invokati mir-rikorrent. It-talbiet ma jistgħux jinbidlu skont il-proċedura simplifikata. Il-kontrotalbiet u t-tpaċijiet huma permessi jekk it-talbiet jikkwalifikaw għall-proċedura simplifikata. Intervent primarju, sekondarju, avviżi lil partijiet terzi u tibdiliet tal-partijiet mhumiex permessi.
Il-kawżi jinstemgħu skont il-proċedura simplifikata irrispettivament mix-xewqat tal-partijiet, li jfisser illi din il-proċedura hija obbligatorja.

1.3 Formoli

Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, (l-Artikolu 5052 moqri flimkien mal-Artikolu 125(2)), it-talbiet kollha, inklużi l-pretensjonijiet, ir-risposti, ir-rikorsi għall-oppożizzjoni ta' sentenzi mogħtija b'kontumaċja jew ta' talbiet li fihom provi matul il-proċedura simplifikata, għandhom jiġu ppreżentati fuq formoli uffiċjali.
Il-formoli uffiċjali huma disponibbli mill-uffiċji muniċipali, mir-reġistru tal-qrati u mis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja (http://bip.ms.gov.pl/pl/formularze). In-nuqqas ta' użu tal-formola rikjesta jikkostitwixxi irregolarità formali.
Skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Artikolu 130 tiegħu), jekk talba li kellha tiġi ppreżentata fuq formola uffiċjali ġiet ippreżentata mod ieħor jew ma tistax tiġi pproċessata għaliex ma ġewx issodisfati kundizzjonijiet formali oħra, l-imħallef presedenti jitlob lil dik il-parti biex tikkoreġi l-irregolaritajiet fi żmien ġimgħa u tibagħtilha t-talbiet. Rikjesta għall-korrezzjoni tal-irregolaritajiet għandha tispeċifika l-irregolaritajiet kollha fit-talba. Jekk il-parti mitluba tagħmel dan tonqos u jiskadi ż-żmien jew terġa' tippreżenta talba irregolari, l-imħallef presedenti jordna r-ritorn tat-talba.
Skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, hemm erba' formoli standard, mehmuża bħala annessi mar-Regolament msemmija hawn fuq. Dawn huma: formola għat-talba, formola għal rikjesta mill-qorti jew tribunal biex timtela jew tiġi korretta l-formola tat-talba, formola għar-risposta u ċertifikat li jikkonċerna s-sentenzi mogħtija skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

1.4 Assistenza

Il-prinċipju tal-konċentrazzjoni tal-provi japplika fil-proċedura simplifikata. Il-qorti ma tikkunsidrax id-dikjarazzjonijiet u l-allegazzjonijiet magħmula mill-partijiet u tordna l-provi ppreżentati minnhom wara li tiġi ppreżentata talba, kontrotalba jew rikors għat-tħassir ta' sentenza mogħtija b'kontumaċja jew wara l-konklużjoni tal-ewwel seduta ta' smigħ (sistema ta' preklużjoni), sakemm il-parti ma turix illi ma setgħetx jew ma kellhiex għalfejn tippreżentahom aktar kmieni (diskrezzjoni tal-imħallef). Dan jista' jkun dovut għall-ħeffa tal-proċedura simplifikata. Jekk il-qorti tikkonkludi illi huwa impossibbli jew diffiċli ħafna li jiġi ppruvat l-ammont ta' talba, hija tista' tispeċifika ammont xieraq fis-sentenza fid-diskrezzjoni tagħha, wara li tkun ikkunsidrat il-fatti kollha tal-każ. Jekk il-qorti tikkonkludi illi l-każ huwa partikolarment kumpless jew għandha bżonn għarfien speċifiku biex issolvih, il-każ jiġi eżaminat skont il-proċedura tas-soltu. Il-qorti tista' ssejjaħ għax-xhieda u persuni oħra bil-mod li hija tikkunsidra l-aktar effiċjenti biex tnaqqas l-ispejjeż tal-proċedura simplifikata. Sabiex tħaffef il-proċedura simplifikata, l-opinjoni tal-esperti ma jitqisux ammissibbli (l-Artikolu 5056). Sabiex tħaffef il-proċedura simplifikata, l-opinjoni tal-esperti ma jitqisux ammissibbli (l-Artikolu 5056 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-prinċipju tal-konċentrazzjoni tal-provi japplika fil-proċedura simplifikata. Il-qorti ma tikkunsidrax id-dikjarazzjonijiet u l-allegazzjonijiet magħmula mill-partijiet u tordna l-provi ppreżentati minnhom wara li tiġi ppreżentata talba, kontrotalba jew rikors għat-tħassir ta' sentenza mogħtija b'kontumaċja jew wara l-konklużjoni tal-ewwel seduta ta' smigħ (sistema ta' preklużjoni), sakemm il-parti ma turix illi ma setgħetx jew ma kellhiex għalfejn tippreżentahom aktar kmieni (diskrezzjoni tal-imħallef). Dan jista' jkun dovut għall-ħeffa tal-proċedura simplifikata. Jekk il-qorti tikkonkludi illi huwa impossibbli jew diffiċli ħafna li jiġi ppruvat l-ammont ta' talba, hija tista' tispeċifika ammont xieraq fis-sentenza fid-diskrezzjoni tagħha, wara li tkun ikkunsidrat il-fatti kollha tal-każ. Jekk il-qorti

tikkonkludi illi l-każ huwa partikolarment kumpless jew għandha bżonn għarfien speċifiku biex issolvih, il-każ jiġi eżaminat skont il-proċedura tas-soltu. Il-qorti tista' ssejjaħ għax-xhieda u persuni oħra bil-mod li hija tikkunsidra l-aktar effiċjenti biex tnaqqas l-ispejjeż tal-proċedura simplifikata. Sabiex tħaffef il-proċedura simplifikata, l-opinjoni tal-esperti ma jitqisux ammissibbli (l-Artikolu 5056).

1.6 Proċedura bil-miktub

Bħala regola ġenerali, il-proċedura simplifikata hija proċedura bil-miktub. Il-maġġoranza tar-rikorsi mill-partijiet għandhom jiġu ppreżentati fuq formoli speċjali uffiċjali. Madankollu, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat ukoll oralment skont il-proċedura simplifikata. Parti għall-kawża tista' titlob sabiex ir-raġunijiet ta' sentenza jingħataw eżatt wara li tingħata s-sentenza (l-Artikolu 5058). Parti għall-kawża li tkun preżenti għas-seduta li fiha tingħata s-sentenza tista' tirrinunzja għad-dritt ta' appell tagħha permezz ta' dikjarazzjoni mogħtija wara li tingħata s-sentenza. Jekk il-partijiet eliġibbli kollha jirrinunzjaw għad-dritt ta' appell, is-sentenza ssir finali u vinkolanti.

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija proċedura bil-miktub (l-Artikolu 125(2), moqri flimkien mal-Artikolu 505(21) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Jekk il-qorti tikkonkludi illi l-kawża hija partikolarment kumplessa jew li għandha bżonn għarfien speċifiku biex issolviha, imbagħad, skont l-Artikolu 5057 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-każ jista' jiġi eżaminat minn dik il-qorti skont il-proċedura tas-soltu. F'dak il-każ, ma titħallas l-ebda tariffa addizzjonali. Il-kawża tiġi eżaminata mill-qorti li semgħetha l-ewwel, skont proċedura xierqa li mhix il-proċedura simplifikata. Deċiżjoni tal-qorti skont l-Artikolu 5057 għandha tingħata matul is-seduta ta' smigħ bħala deċiżjoni li ma hemmx appell minnha.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ir-rikorrenti jridu jħallsu tariffa biex jippreżentaw talba skont il-proċedura simplifikata, kif inhu l-każ skont il-proċedura tas-soltu. Madankollu, it-tariffi għal talbiet skont il-proċedura simplifikata huma regolati minn regoli differenti, prinċipalment l-Artikolu 28 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (Kawżi Ċivili) tat-28 ta' Lulju 2005. L-Artikolu jipprevedi tariffa b'rata unika, skont l-ammont tat-talba jew tas-suġġett tal-kuntratt. It-tariffi li ġejjin iridu jitħallsu għall-ammonti li ġejjin:

sa massimu ta' PLN 2 000: tariffa ta' PLN 30;

bejn PLN 2 000 u PLN 5 000: tariffa ta' PLN 100;

bejn PLN 5 000 u PLN 7 500: tariffa ta' PLN 250;

aktar minn PLN 7 500: tariffa ta' PLN 300.

Skont il-proċedura simplifikata, l-ispejjeż jitqassmu bejn il-partijiet skont ir-regoli ġenerali previsti fl-Artikoli 98 sa 110 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Skont l-Artikolu 98 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-parti telliefa trid tħallas l-ispejjeż assoċjati mas-segwitu tad-drittijiet u tad-difiża lill-parti l-oħra. Il-qorti talloka l-ispejjeż f'kull sentenza li tikkonkludi każ f'istanza partikolari.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Is-sentenzi mogħtija skont ir-Regolament jistgħu jiġu appellati fil-qorti tal-appell. Jekk is-sentenza tingħata mill-qorti distrettwali, l-appell jiġi ppreżentat permezz ta' dik il-qorti quddiem il-qorti reġjonali, u jekk is-sentenza tingħata mill-qorti reġjonali, l-appell jiġi ppreżentat permezz ta' dik il-qorti lill-qorti tal-appell (‘*sąd apelacyjny*’) (l-Artikoli 367 u 369 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, moqrija flimkien mal-Artikoli 505(26) u (27) tiegħu).

Jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament, il-qorti tagħti sentenza b'kontumaċja. L-intimat jista' jappella s-sentenza mogħtija b'kontumaċja quddiem il-qorti li tat dik is-sentenza. Jekk l-eżitu tal-kawża ma jkunx pożittiv, ir-rikorrent jista' jappella skont ir-regoli ġenerali (l-Artikoli 339(1), 342 u 344(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 11/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pt ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Talbiet żgħar - Portugall

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Hemm żewġ proċeduri speċifiċi fil-liġi nazzjonali għat-talbiet iż-żgħar (previsti fid-Digriet Amministrattiv Nru 269/98):

azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn kuntratt, li tikkonsisti minn proċedura ta' dikjarazzjoni rapida u simplifikata;

ordni għal ħlas, li hija miżura li tattribwixxi s-setgħa ta' titolu eżekuttiv lil talba relatata man-nonkonformità ma' djun li jinvolvu ammonti żgħar.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Iż-żewġ proċeduri speċjali msemmija hawn fuq japplikaw meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

ikun involut obbligu finanzjarju (obbligu ta' ħlas bi flus kontanti)

dan l-obbligu jkun oriġina f'kuntratt

is-somma ma taqbiżx il-EUR 15 000.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

L-ilmentatur jista' jagħżel mill-proċeduri msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija 1.

1.3 Formoli

Fl-azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn kuntratt, it-talba u n-nota tal-eċċezzjonijiet ma hemmx għalfejn jiġu ppreżentati f' dokumenti proċedurali, fi kliem ieħor, is-sottomissjonijiet ma hemmx għalfejn jiġu nnumerati skont l-artikolu. Meta jiġu ppreżentati permezz tar-rappreżentanza legali, dawn iridu jintbagħtu b'mod elettroniku bl-użu ta' formoli speċifiċi pprovduti apposta mis-sistema ta' appoġġ tal-kompjuter għall-qrati, sakemm ir-rappreżentant ma jinvokax raġunijiet leġittimi biex din is-sistema ma tintużax. Meta jiġu ppreżentati mill-partijiet stess, il-formola speċjali ma tkunx meħtieġa u dawn jistgħu jintbagħtu lill-qorti bil-posta rreġistrata jew bil-faks.

Ordni għal ħlas trid tiġi ppreżentata fuq formola speċifika meħuda minn https://www.citius.mj.pt/Portal/consultas/Injuncoes/Injuncoes.aspx. L-użu ta' din il-formola huwa obbligatorju, irrispettivament minn jekk jiġux ippreżentati mill-parti direttament jew permezz ta' rappreżentant.

Meta tiġi ppreżentata minn rappreżentant legali, il-formola tal-ordni għal ħlas trid tintbagħat b'mod elettroniku permezz tas-sistema ta' appoġġ tal-kompjuter għall-qrati (sakemm ir-rappreżentant ma jinvokax raġunijiet leġittimi biex din is-sistema ma tintużax). Meta jiġu ppreżentati direttament mill-parti, il-formola tal-ordni għal ħlas tista' tingħata fuq karta.

1.4 Assistenza

L-iskema ta' għajnuna legali tapplika għaż-żewġ proċeduri (eż. il-ħatra ta' rappreżentant legali, il-ħlas tad-drittijiet tar-rappreżentant legali, il-ħlas tat-tariffi ġudizzjarji u ħlasijiet relatati oħrajn).

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Fl-azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn kuntratt, il-preżentazzjoni tal-provi tkun kif ġej:

il-provi jiġu ppreżentati waqt is-seduta;

jekk it-talba ma tkunx taqbeż il-EUR 5 000, kull parti tista' ttella' sa tliet xhieda. Fil-każijiet l-oħra kollha, jistgħu jittellgħu sa ħames xhieda. Fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet ta' hawn fuq, parti ma tistax tippreżenta aktar minn tliet xhieda għal kull wieħed mill-fatti inkwistjoni;

f'talbiet li ma jaqbżux il-EUR 5 000 meta l-partijiet ma jkollhomx rappreżentazzjoni legali jew ir-rappreżentant legali ma jidhirx, ix-xhieda jiġu interrogati mill-imħallef;

provi esperti jiġu pprovduti dejjem minn espert wieħed;

l-imħallef jista' jitlob aktar provi li jqis li jkunu indispensabbli għal deċiżjoni xierqa. F'każijiet bħal dawn, is-smigħ jista' jiġi sospiż fil-ħin li l-imħallef iħoss li jkun konvenjenti u tiġi ffissata data għall-kontinwazzjoni. Is-sentenza trid tingħalaq fi żmien 30 jum.

Ordnijiet għal ħlas:

jekk konvenut innotifikat ma jikkontestax ordni għal ħlas, ma jkunx hemm bżonn li jiġu ppreżentati provi u l-iskrivan tal-qorti kompetenti jehmeż dan li ġej mal-ordni għal ħlas – "*Dan id-dokument għandu forza legali";*

jekk ordni għal ħlas tiġi kkontestata, issegwi l-forma ta' azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt u tapplika l-proċedura assoċjata għall-preżentazzjoni tal-provi;

jekk ikun impossibbli li l-konvenut jiġi nnotifikat, l-ordni għal ħlas tiġi ttrattata bħala każ ordinarju jekk l-attur ikun esprima din ix-xewqa; inkella, l-iskrivan jirritorna l-ordni għal ħlas lill-attur.

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk il-konvenut ikun ġie nnotifikat u ma jikkontestax ordni għal ħlas, il-proċedura kollha tkun bil-miktub.

Fil-każ ta' azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn kuntratt, meta x-xhieda jkollhom jippreżentaw provi, dan jistgħu jagħmluh bil-miktub jekk l-għarfien tal-fatti tagħhom kien miksub b'riżultat tat-twettiq ta' dmirijiethom.

F'dawn il-każijiet, it-testimonjanza tkun bil-miktub, iddatata u ffirmata mix-xhud, b'indikazzjoni tal-azzjoni li tirreferi għaliha, il-fatti kif inhuma magħrufa u r-raġunijiet għaliex ix-xhud għandu dan l-għarfien.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

F'azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn kuntratt fejn ikun hemm smigħ, is-sentenza tingħata bil-fomm u tiġi ddettata għat-traskrizzjoni, b'raġunijiet li jiġu pprovduti b'mod konċiż.

Meta ordni għal ħlas tiġi milqugħa, fir-realtà ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni, iżda sempliċement li l-iskrivan tal-qorti jehmeż it-titolu eżekuttiv magħha.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

L-ispejjeż legali tal-parti rebbieħa jitħallsu mill-parti telliefa, fuq skala dixxendenti bbażata fuq il-piż tat-telfa. Il-parti rebbieħa tista' tikseb rimborż totali jew parzjali tal-ispejjeż li ġejjin: it-tariffi tal-qorti li jkunu diġà tħallsu; l-ispejjeż imġarrba mill-parti fil-produzzjoni tal-provi meta ma kinitx dik il-parti li talbet dawk il-provi jew dawk il-provi ma ntużawx; ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni u n-nefqa mġarrba mill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni (eż. biex tiġi nnotifikata ċ-ċitazzjoni lill-konvenut minn uffiċjal tal-eżekuzzjoni); id-drittijiet tal-avukat u l-ispejjeż imġarrba minn dak l-avukat.

L-ammonti li jridu jiġu rimborżati jridu jiġu indikati f'nota ta' spjegazzjoni. Din in-nota trid tintbagħat mill-parti intitolata għar-rimborż lill-qorti, lill-parti telliefa u lill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni, meta jkun applikabbli, fi żmien ħamest ijiem wara li d-deċiżjoni ssir finali.

In-nota ta' spjegazzjoni jrid ikun fiha l-informazzjoni li ġejja:

isem il-parti, in-numru tal-kawża u isem ir-rappreżentanza legali jew l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni;

indikazzjoni tal-ammonti mħallsin mill-parti għat-tariffi tal-qorti;

indikazzjoni tal-ammonti mħallsin mill-parti għan-nefqa diġà mġarrba mill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni;

indikazzjoni tal-ammonti mħallsin għad-drittijiet tar-rappreżentant legali jew tal-uffiċjal tal-eżekuzzjoni;

indikazzjoni tal-ammont li jrid jiġi rċevut.

Bħala regola ġenerali, l-ispejjeż tal-parti rebbieħa jitħallsu direttament mill-parti telliefa, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Id-deċiżjonijiet mogħtija f'azzjoni speċjali għall-konformità mal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn kuntratt jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' appell ippreżentat quddiem qorti tal-appell, sakemm is-somma inkwistjoni taqbeż il-EUR 5 000 u d-deċiżjoni kkontestata tkun sfavorevoli għall-attur b'valur ogħla minn EUR 2 500.

Din tkun fil-forma ta' appell ordinarju. Minbarra dawn, jeżistu u japplikaw ukoll regoli relatati ma' appelli straordinarji previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

B'ordni għal ħlas, l-ilmenti jridu jiġu ppreżentati lill-imħallef fir-rigward ta' ċaħda ta' ordni ta' talba għal ħlas u ċaħda ta' tgħaqqid magħha ta' titolu eżekuttiv imwettqa mill-iskrivan tal-qorti.

Ħoloq utli:

Id-Digriet Amministrattiv Nru 269/98 tal-1 ta' Settembru 1998 jista' jiġi kkonsultat fuq http://www.pgdlisboa.pt/leis/lei_mostra_articulado.php?nid=574&tabela=leis

Il-portal tal-Ministeru tal-Ġustizzja Citius jista' jiġi kkonsultat fuq https://www.citius.mj.pt/.

Twissija

Il-punt ta' Kuntatt Ċivili tan-NĠE, il-qrati jew entitajiet u awtoritajiet oħrajn mhumiex marbutin bl-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva. It-testi legali rilevanti fis-seħħ iridu jinqraw bis-sħiħ ukoll peress li jkunu setgħu saru xi bidliet li jkunu għadhom ma ġewx inklużi f'din l-iskeda informattiva.

L-aħħar aġġornament: 05/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna ro ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Talbiet żgħar - Rumanija

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

L-Artikoli 1026-1033 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2013, jirregolaw b'mod speċifiku din il-**proċedura ta' talbiet żgħar**.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

L-Artikolu 1025 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid **jgħid illi** l-valur tat-talba, mingħajr interessi, spejjeż tal-kawża u dħul anċillari ieħor, ma għandux jaqbeż l-ammont ta' RON 10 000 dakinhar tal-preżentata l-qorti.
Rigward il-kamp ta' applikazzjoni tagħha (*ratione materiae*), **il- proċedura għal talbiet żgħar ma tistax tiġi applikata** f'materji fiskali, doganali jew amministrattivi jew fir-rigward tar-responsabbiltà tal-Istat għall-azzjonijiet jew omissjonijiet fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi. Bl-istess mod, il-proċedura ma tapplikax għal talbiet li jirrigwardaw: l-istatus ta' miżżewwġin jew il-kapaċità ta' persuni fiżiċi; id-drittijiet ta' propjetà ġejjin minn relazzjonijiet familjari; is-suċċessjoni; l-falliment, l-arranġamenti mal-krediturі, il-proċeduri li jinvolvu l-istralċ ta' kumpaniji falluti u ta' persuni ġuridiċi oħra jew proċeduri simili oħra; l-assigurazzjoni soċjali; il-liġi industrijali; il-kiri ta' assi immobbli, ħlief għal proċedimenti li jinvolvu d-dejn u l-pagament tal-flus; l-arbitraġġ; il-ksur tad-dritt għall-privatezza jew tad-drittijiet rigward il-personalità.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid, il-**proċedura għal talbiet żgħar għandha natura alternattiva**. Ir-rikorrent jista' jagħżel bejn **il- proċedura għal talbiet żgħar** u l-proċedura ordinarja tal-qorti. Jekk ir-rikorrent ikun deher quddiem il-qorti biex jippreżenta t-talba tiegħu, din tiġi solvuta skont il-proċedura ordinarja, sakemm, mhux aktar tard mill-ewwel seduta ta' smigħ, ma jkunux talab b'mod ċar għall-applikazzjoni tal-proċedura speċjali. Meta' talba ma tistax tiġi solvuta skont il-**proċedura għal talbiet żgħar**, il-qorti tista' tinnotifika lir-rikorrent b'dan u jekk huwa ma jirtirax it-talba tiegħu, din tiġi solvuta skont il-liġi ordinarja. Il-qorti kompetenti tal-ewwel istanza li ssolvi l-każ hija l-qorti distrettwali. Il-kompetenza territorjali hija stabbilita skont il-liġi ordinarja.

1.3 Formoli

L-ordni Nru 359/C tad-29 ta' Jannar 2013 tal-Ministeru tal-Ġustizzja li japprova l-formoli użati fil-proċedura għal talbiet żgħar pprovduti mill-Artikoli 1025-1032 tal-Liġi Nru 134/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi formola standard obbligatorja għall-proċedura għal talbiet żgħar. Il-formoli standard huma: Il-formola ta' applikazzjoni, il-formola li temenda u/jew tikkoreġi l-formola ta' applikazzjoni, u l-formola għar-risposta.

1.4 Assistenza

Din tingħata fil-limiti tar-rwol attiv eżerċitat mill-imħallef, mhux speċifikament għal dan it-tip ta' każ.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-qorti tista' taċċetta wkoll forom oħra ta' provi minbarra s-sottomissjonijiet tal-partijiet. Madankollu, il-provi l-oħra li huma għaljin wisq biex jiġu ġestiti meta mqabbla mal-valur tat-talba jew tal-kontrotalba ma jiġux aċċettati.

1.6 Proċedura bil-miktub

L-Artikolu 1028 u ff. tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jgħid illi r-rikorrent jibda proċedura għal talbiet żgħar meta' jimla l-formola ta' applikazzjoni u jissottomettiha jew jibgħata lill-qorti kompetenti bil-posta jew b'mezzi oħra li jassiguraw it-trażmissjoni u r-rikonoxximent tal-irċevuta. Il-kopji tas-sottomissjonijiet illi r-rikorrent beħsiebu juża wkoll jiġu sottomessi jew mibgħuta mal-formola ta' applikazzjoni. Jekk l-informazzjoni mogħtija mir-rikorrent mhix ċara jew xierqa biżżejjed, jew jekk il-formola ta' applikazzjoni ma ġietx mimlija kif suppost, il-qorti toffri lir-rikorrent il-possibiltà li jimliha jew jikkoreġiha jew li jissottometti informazzjoni jew dokumenti addizzjonali, ħlief f'każijiet fejn it-talba hija manifestament infondata jew inammissibbli. Talba tiġi miċħuda jekk hija manifestament infondata jew inammissibbli. Jekk ir-rikkorent ma jimlix jew ma jikkoreġix il-formola ta' applikazzjoni fiż-żmien indikat mill-qorti, it-talba tiġi miċħuda.
Il-proċedura għal talbiet żgħar hija proċedura bil-miktub u sseħħ kollha hemm hi fl-awla tal-qorti. Il-qorti tista' tordna lill-partijiet biex jidhru l-qorti jekk hija tqis illi l-preżenza tagħhom hija meħtieġa jew fuq talba ta' kull waħda mill-partijiet. Il-qorti tista' tirrifjuta din it-talba meta tqis illi ma hemmx bżonn ta' seduti orali minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ. Ir-raġunijiet għar-rifjut jingħataw bil-miktub u ma jistgħux jiġu appellati.
Wara li tkun irċeviet formola ta' applikazzjoni mimlija kif suppost, il-qorti tibgħat il-formola għar-risposta lill-intimat, flimkien ma' kopja tal-formola ta' applikazzjoni u kopji tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent. L-intimat irid jissottometti l-formola għar-risposta mimlija kif suppost fi żmien 30 ġurnata min-notifika tad-dokumenti, kif ukoll kopji tad-dokumenti li beħsiebu juża. L-intimat jista' jwieġeb b'kull mezz xieraq ieħor, mingħajr ma juża l-formola għar-risposta. Il-qorti immedjatament tinnotifika lir-rikorrent bil-kopji tar-risposta tal-intimat, bil-kontrotalba, jekk tapplika, u bis-sottomissjonijiet tal-intimat. Jekk l-intimat ippreżenta kontrotalba, ir-rikorrent irid jissottometti l-formola għar-risposta mimlija kif suppost jew iwieġeb b'kull mezz ieħor fi żmien 30 ġurnata mid-data tan-notifika. Kontrotalba, li ma tistax tiġi kkunsidrata f'din il-proċedura, titneħħa mill-bqija tad-dokumenti u tiġi trattata skont il-liġi ordinarja. Il-qorti tista' titlob lill-partijiet biex jipprovdu aktar informazzjoni matul iż-żmien iffissat għal dan il-għan, li ma jistax jaqbeż 30 ġurnata mid-data tal-wasla tar-risposta tal-intimat jew fejn applikabbli, tar-rikorrent. Jekk il-qorti tkun iffissat perjodu ta' żmien għall-partijiet biex jidhru quddiem il-qorti, huma jridu jiġu nnotifikati b'ċitazzjoni. Meta l-qorti tkun iffissat perjodu ta' żmien għat-tlestija ta' pass proċedurali, hija tinnotifika lill-parti interessata bil-konsegwenzi jekk ma tosservax dak il-perjodu.
Il-qorti tagħti s-sentenza tagħha fi żmien 30 ġurnata minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa jew, fejn applikabbli, mis-seduta ta' smigħ. Jekk ma tirċevix l-ebda risposta mill-parti interessata fil-perjodu ta' żmien indikat, hija tagħti s-sentenza fuq it-talba prinċipali jew fuq il-kontrotalba b'rabta mal-atti mehmuża fl-atti tal-kawża. Is-sentenza mogħtija mill-qorti tal-prim'istanza ssir eżekuttiva mid-data tal-għoti tagħha u tiġi nnotifikata lill-partijiet

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Le.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

L-Artikolu 1031 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jgħid illi l-parti t-telliefa hija responsabbli mill-ispejjeż tal-kawża fuq talba tal-parti l-oħra. Madankollu, il-qorti ma tordnax il-ħlas ta' spejjeż mhux meħtieġa lill-parti r-rebbieħa jew spejjeż li huma sproporzjonati meta' mqabbla mal-valur tat-talba.

1.9 Il-possibilità ta' appell

L-Artikolu 1032 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jipprovdi illi s-sentenza tal-qorti hija soġġetta għal appell quddiem it-tribunal fi żmien 30 ġurnata min-notifika tagħha biss. Jekk ikun hemm raġunijiet, il-qorti tal-appell tista' tissospendi l-eżekuzzjoni jekk titħallas garanzija ta' 10% tal-valur kontestat. Id-deċiżjoni tal-qorti tal-appell tiġi nnotifikata lill-partijiet u hija finali.

L-aħħar aġġornament: 29/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Slovenja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Il-leġiżlazzjoni Slovena għandha proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar, li hija rregolata mill-Kapitolu 30 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (Zakon o pravdnem postopku, ZPP).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Skont id-dispożizzjonijiet taz-ZPP, tilwima dwar talbiet żgħar hija tilwima fejn l-ammont mitlub ma jaqbiżx l-EUR 2 000. F'tilwim kummerċjali, tilwima dwar talbiet żgħar hija tilwima fejn l-ammont mitlub ma jaqbiżx l-EUR 4 000. It-talbiet iż-żgħar ikopru wkoll tilwim fejn it-talba ma tkunx pekunjarja, bir-rikorrent jiddikjara fl-azzjoni li lest jaċċetta somma li ma taqbiżx l-EUR 2 000 (EUR 4 000 f'tilwim kummerċjali) minflok ma t-talba tiġi sodisfatta, u tilwim fejn is-suġġett

tat-talba tkun il-konsenja ta' proprjetà mobbli, fejn l-ammont iddikjarat mir-rikorrent fl-azzjoni ma jkunx jaqbeż l-EUR 2 000 (l-EUR 4 000 f'tilwim kummerċjali). Talbiet żgħar ma jinkludux tilwim dwar proprjetà, tilwim dwar id-drittijiet tal-awtur, tilwim dwar il-ħarsien jew l-użu ta' invenzjonijiet u marki kummerċjali jew id-dritt tal-użu ta' isem kummerċjali, tilwim dwar protezzjoni mill-kompetizzjoni, jew tilwim dwar dħul fi proprjetà bla jedd.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

L-applikazzjoni tal-proċedura hija stabbilita fil-punt 1.1. Proċedura għal talbiet żgħar tinstema' quddiem qorti lokali (okrajno sodišče), ħlief fil-każ ta' tilwim kummerċjali, li jinstema' quddiem qorti distrettwali (okrožno sodišče).

1.3 Formoli

Hemm formoli biss għal proċedura għal talbiet żgħar mibdija minn parti abbażi ta' dokument awtentiku. Formola mimlija tista' tintbagħat b'mezzi elettroniċi fl-indirizz li ġej: https://evlozisce.sodisce.si/esodstvo/index.html. Dan jinvolvi proċedimenti ta' eżekuzzjoni bbażati fuq dokument awtentiku li, wara t-tressiq ta' rikors sostanzjat sew, ikompli bħala oġġezzjoni għal ordni ta' ħlas. Barra minn hekk, ma tħejjew l-ebda formoli bil-quddiem għal proċeduri għal talbiet żgħar sabiex jgħinu lill-partijiet jiffħu kawża.

Għal iktar informazzjoni dettaljata dwar il-possibilitajiet għal tressiq ta' rikorsi b'mezzi elettroniċi, ara t-taqsima "Ipproċessar awtomatiku".

1.4 Assistenza

Il-partijiet jistgħu jitolbu l-għajnuna legali, li tingħatalhom jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Att dwar l-Għajnuna Legali B'Xejn (Zakon o brezplačni pravni pomoči, ZBPP).

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Fi proċeduri għal talbiet żgħar, ir-rikorrent huwa obbligat jiddikjara l-fatti kollha u jippreżenta l-evidenza kollha fl-azzjoni, filwaqt li l-intimat huwa obbligat li jagħmel dan fl-eċċezzjonijiet għad-difiża tiegħu. Kull parti tista' mbagħad tressaq eċċezzjoni preparatorja waħda. Fatti u provi ppreżentati f'eċċezzjonijiet bil-miktub iktar tard jiġu injorati. Il-partijiet għandhom tmint ijiem għall-preżentazzjoni ta' eċċezzjoni għad-difiża u eċċezzjonijiet preparatorji.

1.6 Proċedura bil-miktub

Proċeduri għal talbiet żgħar jinstemgħu fuq bażi ta' rikorsi ġuridiċi magħmula bil-miktub. Il-qorti tista' tillimita ż-żmien u l-ambitu tal-proċedura tal-kumpilazzjoni tal-evidenza u tmexxi dik il-proċedura fid-diskrezzjoni tagħha biex toħloq bilanċ bejn l-għoti ta' protezzjoni adegwata għad-drittijiet tal-partijiet u l-għan li tħaffef il-proċedimenti u żżomm l-ispejjeż baxxi.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Sentenza fi proċedura għal talbiet żgħar titħabbar minnufih wara tmiem is-seduta ewlenija. Sentenza bil-miktub trid tinkludi parti introduttorja, parti operattiva, il-motivazzjoni u l-istruzzjonijiet ġuridiċi. L-imħallef jista' jipproduċi sentenza bil-miktub bil-parti tal-motivazzjonijiet twila jew imqassra.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

L-ispejjeż tal-proċedimenti jkunu deċiżi b'konformità mas-suċċess fil-kawża ta' parti jew oħra – jiġifieri l-parti li titlef il-kawża tkun obbligata tirrimborża l-ispejjeż tal-parti l-oħra.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Il-partijiet jistgħu jappellaw minn sentenza tal-ewwel istanza jew deċiżjoni li ttemm tilwima dwar talbiet żgħar fi żmien tmint ijiem. Sentenza u deċiżjoni jistgħu jkunu kkontestati biss fuq il-bażi ta' ksur serju tad-dispożizzjonijiet ta' proċedura ċivili msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 339 taz-ZPP u ksur tal-liġi sostantiva. Fi proċeduri ta' talbiet żgħar kummerċjali, hija biss il-parti li tkun ħabbret li beħsiebha tappella li tista' tappella s-sentenza. Ma hemm l-ebda proċess ta' reviżjoni f'tilwim ta' talbiet żgħar, u r-raġunijiet biex ikun hemm ordni biex proċedura tiġi ripetuta huma limitati.

Ħoloq relatati

http://www.dz-rs.si/wps/portal/Home/deloDZ/zakonodaja/preciscenaBesedilaZakonov

http://www.sodisce.si/

https://www.uradni-list.si/glasilo-uradni-list-rs

http://www.pisrs.si/Pis.web/

L-aħħar aġġornament: 08/01/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Slovakkja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Ma hemmx proċedura speċifika għal talbiet żgħar, li huma regolati mid-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċedimenti ċivili. Ma jsiru l-ebda seduti ta' smigħ għal talbiet li ma jaqbżux EUR 2 000 u li jeħtieġu biss valutazzjoni sempliċi.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura hija regolata mid-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċedimenti ċivili.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedura tibda permezz ta' mozzjoni, bil-proċedura ordinarja għal kull tip ta' mozzjoni li tibda l-proċedimenti.

1.3 Formoli

Ma huma stipulati l-ebda formoli speċifiċi.

1.4 Assistenza

Il-partijiet jirċievu l-għajnuna skont l-obbligu ġenerali tal-qrati biex javżaw lill-partijiet bid-drittijiet u l-obbligi proċedurali tagħhom f'kull ħin, u li jistgħu jagħżlu avukat jew jikkuntattjaw iċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali (*Centrum právnej pomoci*).

https://www.centrumpravnejpomoci.sk

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-proċedura hija regolata mid-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċedimenti ċivili.

1.6 Proċedura bil-miktub

Dan huwa l-istess bħal fil-każ ta' proċedimenti ċivili oħra.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Dan huwa l-istess bħal fil-każ ta' proċedimenti ċivili oħra.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Dan huwa l-istess bħal fil-każ ta' proċedimenti ċivili oħra.

Il-qorti trebbaħ l-ispejjeż legali tal-kawża lill-parti rebbieħa. Jekk il-parti tirbaħ il-kawża parzjalment, il-qorti trebbaħha l-ispejjeż tal-kawża fuq bażi pro rata jew tiddeċiedi illi l-ebda naħa ma għandha dritt għar-rimborż tal-ispejjeż legali. Jekk waħda mill-partijiet hija responsabbli mit-twaqqif tal-proċedimenti, il-qorti

trebbaħ l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Jekk waħda mill-partijiet hija responsabbli għall-ispejjeż tal-proċedimenti li kieku ma kienux jinqalgħu, il-qorti trebbaħ l-ispejjeż lill-parti l-oħra. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, għal raġunijiet li jistħoqqilhom attenzjoni speċjali, il-qorti tiddeċiedi li ma trebbaħx l-ispejjeż legali.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Parti fil-kawża għandha l-għażla li tappella kontra s-sentenza kif normalment isir għall-proċedimenti ċivili. Appell jista' jitressaq quddiem il-qorti li d-deċiżjoni tagħha qed tiġi kontestata fi żmien 15-il jum wara l-għoti tad-deċiżjoni.

L-aħħar aġġornament: 22/04/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Finlandja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Attwalment, il-leġiżlazzjoni Finlandiża ma tinkludix regolamenti proċedurali skont l-ammont monetarju mitlub mir-rikorrent. Madankollu, tista' tiġi ordnata proċedura ad hoc, skont in-natura tal-kawża. Kawża tgħaddi biss mill-istadji kollha tal-proċedimenti ġudizzjarji normali jekk ikun hemm raġunijiet għal dan u jekk il-partijiet interessati jkunu jixtiequ li jiġri hekk. Pereżempju, kawża tista' tiġi deċiża minn imħallef wieħed, mingħajr l-ebda sessjoni preparatorja orali, jew permezz ta' proċedura kompletament miktuba. Il-kawżi ċivili mhux kontenzjużi għandhom proċedura speċifika għalihom. Għall-ipproċessar ta' pretensjonijiet mhux ikkontestati, ara "Proċedura dwar l-ordni ta' pagament – il-Finlandja" u "Proċessar awtomatiku – il-Finlandja".

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Kif intqal hawn fuq, il-valur monetarju tal-pretensjoni mhuwiex rilevanti. It-tip ta' proċedura li tintuża tiddependi mill-kontenut kwalitattiv tal-kawża.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedimenti tal-kawżi ċivili jinbdew billi jiġi ppreżentat rikors bil-miktub għal ċitazzjoni lill-Qorti Distrettwali (käräjäoikeus). Il-pretensjonijiet mhux ikkontestati jistgħu jiġu introdotti wkoll permezz ta' rikors elettroniku (ara "Proċedura dwar l-ordni ta' pagament – il-Finlandja").

1.3 Formoli

Ma hemm l-ebda formola, apparti dik maħsuba biex wieħed jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jappella kontra deċiżjoni meħuda mill-Qorti Distrettwali. Ċerti Qrati Distrettwali ħolqu xi formoli għal tipi speċifiċi ta' korrispondenza; normalment ikun hemm il-formoli għal rikors jew il-formoli għal risposta. Ma hemm l-ebda obbligu biex jintużaw dawn il-formoli.

Il-pretensjonijiet mhux ikkontestati jistgħu jiġu introdotti permezz ta' formola għal rikors elettroniku (ara "Proċedura dwar l-ordni ta' pagament – il-Finlandja")

1.4 Assistenza

Skont kif ikun meħtieġ, ir-reġistri tal-qrati jistgħu jipprovdu xi pariri fil-qasam proċedurali.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Jekk il-pretensjoni ma tkunx ikkontestata, ma hemmx għalfejn tiġi ppreżentata evidenza. Jekk tintuża proċedura kompletament miktuba, tiġi eżaminata biss l-evidenza miktuba. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċjali li tindika li, f'kawżi ta' talbiet żgħar, ikunu japplikaw regoli speċifiċi għall-ġbir ta' evidenza.

1.6 Proċedura bil-miktub

Kawża tista' tinqata' mingħajr ma jsir smigħ orali, purament abbażi ta' evidenza miktuba. Il-kawżi mhux kontenzjużi dejjem jiġu deċiżi b'dan il-mod. Il-kawżi kkontestati jistgħu jinqatgħu permezz ta' evidenza miktuba biss jekk in-natura tagħhom tkun tali li ma jkunx hemm bżonn ta' smigħ u jekk l-ebda waħda mill-partijiet interessati ma toġġezzjona għall-użu ta' proċedura bil-miktub.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-kontenut tas-sentenzi f'kawżi ta' talbiet żgħar.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Bħala regola ġenerali, il-parti telliefa tkun obbligata tħallas l-ispejjeż legali kollha raġonevoli li kellha ġġarrab il-kontroparti tagħha biex ħadet il-passi neċessarji fil-kwistjoni. Madankollu, l-ammont tal-ispejjeż li għandu jiġi rimborżat f'kawżi relatati ma' pretensjonijiet mhux ikkontestati u mal-kera ta' postijiet residenzjali, huwa soġġett għal-limitu massimu stabbilit. F'dawn il-każijiet, l-ammont massimu tal-ispejjeż li l-intimat li jkun tilef il-kawża jista' jiġi obbligat iħallas lir-rikorrent ikun skont tabella tat-tariffi.

1.9 Il-possibilità ta' appell

In-natura tal-kawża ma tiddeterminax id-dritt għall-appell. Il-proċedura tal-appell hija l-istess għall-kawżi kollha. L-intenzjoni li tiġi appellata d-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali trid tiġi nnotifikata fiż-żmien stipulat, u l-appell jinstema' minn Qorti tal-Appell (*hovioikeus*).

L-aħħar aġġornament: 10/05/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Svezja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Iva, hemm proċedura speċifika għat-talbiet żgħar.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-proċedura speċifika għat-talbiet żgħar tiġi segwita mill-qorti ordinarja tal-prim'istanza (il-qorti distrettwali, *tingsrätt*) meta t-talba tal-attura taqa' taħt ċertu valur ta' limitu. Il-livell limitu attwalment (sa mill-2019) huwa ta' SEK 23,250. Il-valur ta' limitu ma huwiex ammont stabbilit mil-liġi, iżda huwa marbut ma' dak magħruf bħala l-ammont tal-prezz bażi, u dan ifisser li l-valur ta' limitu huwa kkalkulat b'riferiment għax-xejriet fil-prezz.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

L-aċċess għal din il-proċedura ma huwiex ristrett għal ċerti tipi ta' każijiet, bħat-tilwim tal-konsumaturi. Il-kriterji applikabbli huma li l-każ irid ikun kawża ċivili, u li l-valur tat-tilwima jrid ikun taħt il-valur ta' limitu. Il-proċedura ma tistax tintuża f'kawżi tal-familja.

1.3 Formoli

Il-formola tal-applikazzjoni għall-bidu ta' Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija disponibbli fuq is-sit web tal-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali Żvediża (*Dompolsveret*).

1.4 Assistenza

L-għajnuna biex tinbeda proċedura hija disponibbli f'qorti distrettwali. L-awtoritajiet tal-Istat għandhom obbligu ta' servizz ġenerali li huma sanċit fil-liġi. Dan l-obbligu jfisser li l-persuni jistgħu jċemplu lil jew iżuru qorti distrettwali, pereżempju, u jirċievu pariri ġenerali dwar il-proċedura u r-regoli li japplikaw għaliha. L-imħallef presedenti wkoll għandu obbligu biex jiżgura li l-kwistjonijiet kontenzjużi inkwistjoni jiġu ċċarati, u li l-partijiet jispeċifikaw x'qegħdin jippjanaw li

jinvokaw fil-kawża, matul il-preparamenti għal kawża u skont in-natura tagħha. Fil-prattika, l-imħallef iwettaq dmirijietu permezz ta' mistoqsijiet u rimarki addizzjonali.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Ma jeżistux regoli speċjali għal każijiet li jikkonċernaw tilwim li jinvolvi ammonti żgħar. Fi kliem ieħor, jistgħu jiġu ppreżentati kemm provi orali kif ukoll bil-miktub. Id-dikjarazzjonijiet bil-miktub tax-xhieda huma permessi biss f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali. Tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar ir-regoli dwar il-ġbir tal-provi f'kawżi ċivili skont il-liġi Żvediża hawnhekk here.

1.6 Proċedura bil-miktub

Qorti tista' tagħti sentenza purament abbażi ta' proċedimenti bil-miktub. Din l-opportunità tintuża meta l-proċedimenti orali la huma meħtieġa b'referiment għall-investigazzjoni tal-każ u lanqas ma huma mitluba mill-partijiet.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Ma jeżistux regoli speċjali li jirregolaw il-formulazzjoni ta' sentenza f'każijiet li jinvolvu ammonti żgħar. Dan li ġej japplika għall-kawżi ċivili kollha, inklużi s-sentenzi f'kawżi li jinvolvu ammonti żgħar. Is-sentenza trid tingħata bil-miktub u għandha tinkludi din l-informazzjoni li ġejja f'taqsimiet differenti: l-isem tal-qorti u d-data u l-post tal-għoti tas-sentenza, il-partijiet u r-rappreżentanti jew konsulenti tagħhom, il-parti operattiva tas-sentenza, it-talbiet u s-sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivi u ċ-ċirkostanzi li fuqhom huma bbażati, u l-motivazzjoni tas-sentenza, inkluża l-informazzjoni dwar dak li ġie ppruvat fil-kawża.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ir-regoli speċjali dwar l-ispejjeż huma l-aktar fattur speċjali importanti tal-każijiet li jinvolvu ammonti żgħar. Il-parti rebbieħa tal-kawża għandha biss dritt għal kumpens għal konsulenza legali ta' siegħa f'okkażjoni waħda quddiem kull qorti, kif ukoll għat-tariffa tar-rikors, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza b'rabta mas-seduta tal-qorti, il-kostijiet tal-provi li nkisbu mix-xhieda u l-kostijiet tat-traduzzjoni tad-dokumenti. Il-kumpens jingħata biss jekk l-ispejjeż intalbu b'mod raġonevoli sabiex il-parti rebbieħa tkun tista' teżegwixxi d-drittijiet tagħha. Għaldaqstant, ir-remunerazzjoni tar-rappreżentanti ma hijiex ikkumpensata, lil hinn mill-ammont korrispondenti għal siegħa konsulenza legali.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Sentenza mogħtija minn qorti inferjuri tista' tiġi appellata quddiem qorti superjuri.

Irid jinkiseb permess għal appell sabiex il-qorti tal-appell (*hovrätt*) tkun tista' teżamina s-sentenza mill-qorti distrettwali. Il-permess għall-appell jista' jingħata biss jekk ikun importanti għall-applikazzjoni tal-liġi li l-appell jinstema' minn qorti ta' istanza ogħla, jekk ikun hemm raġunijiet biex tiġi emendata l-konklużjoni milħuqa mill-qorti distrettwali jew jekk ikun hemm raġunijiet speċjali oħra għal appell. Parti li tixtieq tappella minn sentenza tal-qorti distrettwali jeħtiġilha tagħmel dan bil-miktub, u l-appell irid jasal quddiem il-qorti distrettwali fi żmien tliet ġimgħat mid-data meta ngħatat is-sentenza.

L-aħħar aġġornament: 22/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - L-Ingilterra u Wales

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Hemm limitu monetarju ta' £10 000 li taħtu hija disponibbli l-proċedura għal talbiet żgħar. Madankollu, is-somma tat-tilwima mhijiex l-uniku fattur li jittieħed inkunsiderazzjoni. Kunsiderazzjonijiet oħra jinkludu t-tip ta' talba u l-ammont u t-tip ta' preparazzjoni meħtieġa biex il-kawża tiġi ttrattata b'mod ġust. F'xi ċirkustanzi, kawżi sempliċi b'valur akbar minn £10000 jistgħu jinstemgħu skont il-proċedura għal talbiet żgħar sakemm kemm l-attur kif ukoll il-konvenut jagħtu l-kunsens tagħhom għaliha.

Minbarra li jikkunsidra l-fehmiet tal-attur u tal-konvenut, l-imħallef iqis il-fatturi li ġejjin meta jiddeċiedi jekk jallokax il-każ għall-proċedura għal talbiet żgħar (magħrufa bħala l-"perkors għal talbiet żgħar") jew jekk għandux jisma' l-kawża taħt il-proċedura tal-qorti ordinarja minflok:

L-ammont tat-tilwima - li normalment jenħtieġ li ma jkunx ta' aktar minn £10000.

It-tip ta' talba - dawn normalment ikunu talbiet minn konsumaturi (eż. beni mibjugħa, beni difettużi jew xogħol tas-sengħa difettuż), talbiet dwar inċidenti, tilwim dwar is-sjieda tal-beni, u tilwim bejn is-sidien u l-inkwilini dwar tiswijiet, depożiti, arretrati tal-kera, u l-bqija, iżda mhux dwar il-pussess.

Meta jiddeċiedi jekk il-kawża jenħtieġx li tiġi allokata għall-perkors għal talbiet żgħar, l-imħallef jikkunsidra l-ammont u t-tip ta' tħejjija meħtieġa sabiex il-kawża tkun tista' tiġi ttrattata kif suppost. L-imħallef iżomm f'moħħu li din il-proċedura hija maħsuba li tkun sempliċi biżżejjed biex in-nies imexxu l-kawżi tagħhom mingħajr l-għajnuna ta' avukat, jekk ikunu jixtiequ. It-talba għandha teħtieġ biss tħejjija minima għas-seduta finali, pereżempju. Kawżi fil-perkors għal talbiet żgħar normalment ma jinvolvux ħafna xhieda jew punti ta' dritt diffiċli.

Jekk it-talba tkun għal anqas minn £10000 iżda tinkludi talba għal korriment personali, jew għal ħsarat f'abitazzjonijiet residenzjali u għad-danni li jirriżultaw mill-ħsarat, il-kawża ma tiġix allokata għall-perkors għal talbiet żgħar sakemm l-ammonti mitluba fir-rigward tad-dannu personali, tal-ħsarat u tad-danni ma jkunux aktar minn £1000 kull waħda.

Fejn kawżi għal aktar minn £10000 jinstemgħu fil-perkors għal talbiet żgħar, japplikaw regoli differenti dwar l-ispejjeż. F'kawżi bħal dawn, il-parti rebbieħa tkun tista' titlob l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-avukat, mingħand il-parti telliefa. Madankollu, dawn l-ispejjeż ma jistgħux ikunu aktar milli kienu jingħataw li kieku l-kawża kienet ittrattata bil-perkors rapidu. Aktar 'il quddiem se tingħata aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż. Aktar tagħrif dwar it-tipi differenti ta' perkorsi huwa disponibbli fil-paġna Kif tipproċedi (How to proceed).

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-kawżi sa £ 10 000 jinstemgħu permezz tal-perkors għal talbiet żgħar, dan mhuwiex awtomatiku. L-imħallef jikkunsidra l-fehmiet tal-partijiet litiganti meta jiddeċiedi dwar il-proċedura li permezz tagħha tinstema' l-kawża. Anke jekk l-ammont tat-tilwima jkun ta' anqas minn £10000, l-imħallef jista' jagħżel li jisma' l-kawża permezz tal-proċedura tal-qorti ordinarja minflok il-proċedura għal talbiet żgħar.

Meta talba tiġi kkontestata (jew difiża) tintbagħat kopja tar-risposta tal-konvenut lill-attur u jekk dan ikun litigant fiżiku, kopja tal-Formola 180 tal-Kwestjonarju dwar il-Gwida (Directions Questionnaire). L-informazzjoni li l-partijiet jipprovdu fil-kwestjonarji tgħin lill-imħallef jiddeċiedi liema jkun l-aktar perkors xieraq għall-kawża. Jekk l-attur iqis li l-kawża hija waħda li jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala talba żgħira fil-perkors għal talbiet żgħar, huwa għandu jindika dan fil-kwestjonarju. Madankollu, anki jekk l-opinjonijiet tal-attur u tal-konvenut jiġu kkunsidrati, huwa l-imħallef li jiddeċiedi għal liema perkors se tiġi allokata l-kawża. Kif deskritt aktar 'il fuq, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jisma' kawża b'valur ta' anqas minn £10000 skont il-proċedura ordinarja. Din id-deċiżjoni tittieħed fil-bidu tal-kawża.

L-imħallef għandu d-diskrezzjoni li jerġa' jalloka l-kawża mill-perkors għal talbiet żgħar għall-proċedura ordinarja jekk jaħseb li dan ikun xieraq. Meta talba tiġi allokata għall-perkors ta' talbiet żgħar u, wara, terġa' tiġi allokata għal perkors ieħor, ir-regoli relatati mal-ispejjeż fil-perkors għal talbiet żgħar ma jibqgħux japplikaw wara li t-talba terġa' tiġi allokata. Ir-regoli dwar l-ispejjeż f'perkors rapidu jew f'diversi perkorsi japplikaw mid-data tal-allokazzjoni mill-ġdid.

1.3 Formoli

Hemm formoli speċifiċi li għandhom jintużaw fil-proċedura għal talbiet żgħar u huwa obbligatorju li dawn jintużaw.

Sabiex jippreżenta talba, l-attur għandu jimla l-Formola N1 li hija disponibbli b'noti dwar il-mili. Ladarba l-attur jimla l-formola, jenħtieġ li jagħmel kopja waħda għalih stess, waħda għall-qorti u waħda għal kull konvenut. Il-qorti tibgħat kopja lil kull konvenut. Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-paġna Kif tipproċedi ("How to proceed").

Kif imsemmi qabel, jekk it-talba tkun difiża l-qorti tibgħat kopja tar-risposta lill-attur u kopja tal-formola N180 lil-litiganti fiżiċi http://formfinder.hmctsformfinder.justice.gov.uk/n180-eng.pdf lill-attur u lill-konvenut(i).

Jekk l-imħallef jiddeċiedi li jalloka l-każ għall-perkors għal talbiet żgħar, il-qorti tibgħat lill-partijiet il-formola N157 (avviż ta' allokazzjoni għall-qorti għal talbiet żgħar) li tipprovdi informazzjoni dwar meta ser issir is-seduta u x'passi għandhom jittieħdu bi tħejjija.

Meta s-somma tat-tilwima tkun akbar minn £10 000 iżda ż-żewġ partijiet ikunu qablu li l-kawża tinstema' permezz tal-proċedura għal talbiet żgħar, il-qorti tibgħat il-Formola N160 (avviż ta' allokazzjoni għall-perkors għal talbiet żgħar (bil-kunsens tal-partijiet)). Din tipprovdi wkoll informazzjoni dwar meta ser issir is-seduta u x'passi għandhom jittieħdu bi tħejjija.

Meta mħallef jiddeċiedi li talba tista' tinstema' biss permezz ta' xhieda bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' seduta, il-qorti tibgħat lill-partijiet il-formola N159 (avviż ta' allokazzjoni għall-perkors għal talbiet żgħar (l-ebda seduta). Din tiddikjara data sa meta l-attur jew il-konvenut irid jgħarraf lill-qorti jekk huwa joġġezzjonax għal deċiżjoni permezz ta' xhieda bil-miktub biss. Jekk xi waħda mill-partijiet toġġezzjona, it-talba tiġi ttrattata f'seduta. L-imħallef jista' jittratta nuqqas ta' risposta bħala kunsens.

Meta parti titlef seduta iżda l-ebda parti ma tkun preżenti jew irrappreżentata f'dik is-seduta il-Formola N244 (avviż ta' rikors) tintuża biex is-sentenza tiġi annullata.

1.4 Assistenza

Il-proċedura għal talbiet żgħar hija mfassla sabiex tkun sempliċi b'tali mod li l-persuni li jirrappreżentaw lilhom infushom (magħrufa bħala "litigants-in-person") ikunu jistgħu jifhmu l-proċedimenti faċilment. Fejn ir-rikorrent jew il-konvenut ikun jirrappreżenta lilu nnifsu, l-imħallef jikkunsidra dan il-fatt u jmexxi l-proċedimenti b'mod li jippermetti lill-persuna li tirrappreżenta lilha nnifisha tifhem dak li jkun għaddej u dak li jkun meħtieġ mill-partijiet mill-aspett ta' proċedura.

Jekk l-attur jew il-konvenut jagħżel li ma jqabbadx avukat, huwa jista' jkun akkumpanjat fis-seduta minn xi ħadd li jista' jitkellem f'ismu. Din il-persuna tissejjaħ rappreżentant mhux espert ("lay representative") u tista' tkun kwalunkwe persuna li jagħżel il-litigant, bħal konjuġi, qarib, ħabib jew ħaddiem li jagħti pariri. Jekk ikun possibbli, ir-rappreżentant mhux espert m'għandux ikun xhud. Ir-rappreżentant mhux espert ma jistax jattendi għas-seduta tal-qorti mingħajr il-persuna li huwa jirrappreżenta, sakemm il-litigant ma jkunx kiseb il-permess tal-qorti sabiex ir-rappreżentant mhux espert ikun jista' jirrappreżenta lil-litigant fl-assenza tiegħu.

L-aġenziji ta' konsulenza jistgħu jsibu diffikultajiet sabiex jirrilaxxaw persunal bl-għan li jaġixxi bħala rappreżentanti mhux esperti f'seduti u, għalhekk, huwa rakkomandat li parti tikkuntattjahom mill-aktar fis jekk tkun teħtieġ l-assistenza tagħhom. L-aġenziji ta' konsulenza jinformaw lill-partijiet dwar jekk jistgħux jipprovdu l-assistenza. Xi rappreżentanti mhux esperti jaf ikunu jridu ħlas u l-litigant irid jara li jkun jaf eżattament kemm dan ser jiswa. L-imħallef jista' jkeċċi lil rappreżentant mhux espert mis-seduta jekk iġib ruħu ħażin.

Il-litigant ikun responsabbli sabiex iħallas it-tariffa tar-rappreżentant mhux espert li jaħtar, anke jekk jirbaħ il-kawża. Għalhekk, jenħtieġ li jikkunsidra jekk l-ammont tat-talba jiġġustifikax din l-ispiża. Barra minn hekk, rappreżentanti mhux esperti li jitolbu ħlas għall-għajnuna jaf ma jkunux parti minn organizzazzjoni professjonali, u jekk il-litigant ma jkunx sodisfatt bl-għajnuna tagħhom, ma jkun hemm l-ebda korp regolatorju jew organizzazzjoni ma' min jilmenta.

Uffiċċju ta' Konsulenza għaċ-Ċittadini (Citizens' Advice Bureau) jew ċentri ta' pariri għall-konsumaturi jistgħu wkoll jipprovdu għajnuna lil-litiganti.

L-Internet jista' jintuża biex tinħareġ it-talba permezz ta' .Money Claim Online. Money Claim Online hija appoġġjata minn help desk, jekk tkun meħtieġa assistenza addizzjonali.

Assistenza addizzjonali hija disponibbli għal-litiganti b'diżabilità. Jekk litigant ikollu diżabilità li tagħmilha diffiċli li jmur il-qorti jew jikkomunika, dan għandu jikkuntattja lill-qorti kkonċernata li tista' tipprovdi assistenza ulterjuri.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-perkors għal talbiet żgħar huwa ħafna aktar informali u ma japplikawx ir-regoli stretti tal-evidenza. Il-perkors għal talbiet żgħar jittratta kawżi aktar sempliċi għal ammonti iżgħar. Għaldaqstant, il-qorti tista' tadotta kwalunkwe metodu ta' proċediment f'seduta li hija tqis li jkun ġust. Il-qorti m'għandhiex l-obbligu li tieħu xhieda bil-ġurament u l-imħallef jista' jagħżel li jillimita l-kontroeżami jekk jidhirlu li dan ikun xieraq. Madankollu, l-imħallef huwa meħtieġ jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu li jillimita l-kontroeżami. L-imħallef jista' jagħżel li jagħmel mistoqsijiet lil kwalunkwe xhud jew lix-xhieda kollha qabel ma jħalli lil kwalunkwe persuna oħra tagħmel dan.

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk l-imħallef iqis li t-talba tista' tiġi ttrattata mingħajr seduta billi tintuża xhieda bil-miktub biss, il-qorti tinnotifika lil-litiganti permezz tal-formola N159 (ara aktar 'il fuq). In-notifika tiddikjara data sa meta l-attur jew il-konvenut irid jgħarraf lill-qorti jekk huwa joġġezzjonax għal deċiżjoni dwar xhieda bil-miktub biss. Jekk xi waħda mill-partijiet toġġezzjona, it-talba tiġi ttrattata f'seduta. L-imħallef jista' jittratta nuqqas ta' risposta bħala kunsens. Jekk l-ebda parti ma toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-imħallef li ma ssir l-ebda seduta, il-kawża tista' tiġi ttrattata bil-miktub biss.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Fl-Ingilterra u Wales is-sentenzi tal-qorti ġeneralment jirreġistraw biss id-deċiżjoni tal-imħallef u kwalunkwe ordni maħruġa għall-partijiet. Madankollu, l-imħallef huwa meħtieġ iniżżel nota tar-raġunijiet ewlenin għas-sentenza tiegħu sakemm din ma tingħatax verbalment u ma tiġix irreġistrata fuq tejp mill-qorti. L-imħallef jista' jagħti r-raġunijiet tiegħu bl-aktar mod konċiż u sempliċi li tippermetti n-natura tal-kawża. Normalment huwa jagħmel dan verbalment waqt is-seduta iżda jista' jagħtihom aktar tard bil-miktub jew waqt seduta li tkun stabbilita sabiex jagħmel dan. Meta l-imħallef jiddeċiedi l-kawża mingħajr seduta, huwa jkun meħtieġ iħejji nota dwar ir-raġunijiet tiegħu u l-qorti tibgħat kopja lil kull parti.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Hemm restrizzjonijiet fuq ir-rimborż tal-ispejjeż. Bħalissa l-parti rebbieħa jaf tkun tista' titlob rimborż għall-ispejjeż li ġejjin:

Kwalunkwe tariffa tal-qorti li tkun ħallset;

Ammont ta' mhux aktar minn £260 għal pariri legali jekk it-talba tkun tinkludi rikors għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni (ordni biex persuna titwaqqaf milli tagħmel xi ħaġa), jew ordni għal eżekuzzjoni speċifika (ordni biex xi ħadd ikun imġiegħed jagħmel xi ħaġa, pereżempju, biex sid jagħmel tiswijiet) u, minbarra dawn il-kategoriji, ma tista' tiġi rkuprata l-ebda spiża legali;

Ammont ta' mhux aktar minn £95 għal kull jum għall-parti rebbieħa, u għal kull xhud li jista' jkollu għal telf ta' qligħ minħabba l-attendenza għas-seduta tal-qorti;

Spejjeż raġonevoli sabiex ikunu koperti vjaġġi addizzjonali u soġġorni mal-lejl għall-parti jew għax-xhieda;

Jekk l-imħallef ikun ta permess għall-użu ta' xhud espert u din il-parti sussegwentement tirbaħ il-kawża tagħha, l-imħallef jista' jgħid lill-parti telliefa tħallas xi ħaġa mill-ispiża. Madankollu, l-imħallef ma jistax jippermetti aktar minn £750 għal kull xhud espert. Dan ma jistax ikopri l-ammont sħiħ tat-tariffi tal-espert, speċjalment jekk l-espert jikteb perizja u jattendi s-seduta tal-qorti;
L-imħallef jista' jordna l-ħlas ta' spejjeż oħrajn minn parti li tkun ġabet ruħha b'mod mhux raġonevoli;
Meta l-valur finanzjarju tat-talba jaqbeż il-limitu għall-perkors għal talbiet żgħar, iżda t-talba tkun ġiet allokata għall-perkors għal talbiet żgħar mill-imħallef, l-ispejjeż jiġu vvalutati skont dan il-perkors, sakemm il-partijiet ma jaqblux li jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż tal-perkors rapidu.
Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq is-sit web tal- Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).

1.9 Il-possibilità ta' appell

Jekk il-parti telliefa tkun tixtieq tappella kontra d-deċiżjoni tal-imħallef, din ikollha bżonn permess biex tagħmel dan. Jekk dik il-parti/litigant jattendu għas-seduta li fiha tittieħed id-deċiżjoni, fl-aħħar tas-seduta jistgħu jitolbu permess lill-imħallef.
Litigant li jixtieq jappella jrid ikollu motivi (jew raġunijiet) xierqa biex jappella. Ma jistax sempliċiment joġġezzjona għad-deċiżjoni ta' mħallef għax jaħseb li tkun ittieħdet deċiżjoni żbaljata.
Jekk il-litigant ikun irid jappella, irid jaġixxi malajr. Iż-żmien li fih il-litigant li jappella irid jippreżenta l-appell tiegħu huwa limitat.
Jekk il-parti telliefa la kienet preżenti u lanqas irrappreżentata fis-seduta, din tista' tippreżenta rikors sabiex is-sentenza mogħtija f'dik is-seduta tiġi annullata u t-talba terġa' tinstema' mill-ġdid.
Din il-parti trid tressaq rikors sa mhux aktar tard minn 14-il jum wara li tirċievi s-sentenza. Hija għandha titlob lill-qorti għal Formola N244 (avviż ta' rikors) sabiex tippreżenta r-rikors.
Il-qorti tgħarraf lill-partijiet meta jridu jiġu l-qorti għas-seduta tar-rikors quddiem imħallef.
L-imħallef jagħti l-annullament ta' sentenza biss jekk:
Il-litigant/parti kellhom raġuni tajba li għaliha
ma attendewx jew ma kinux irrappreżentati fis-seduta; jew
ma tawx avviż bil-miktub lill-qorti;
u l-parti għandha prospett raġonevoli li tirbaħ il-kawża f'seduta ġdida.
Jekk ir-rikors tal-parti jkollu suċċess u s-sentenza tiġi annullata, il-qorti tistabbilixxi seduta ġdida għat-talba. F'każ ta' talba sempliċi, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jittratta l-kawża minnufih wara s-smigħ tar-rikors.

Links relatati

Il-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice)
Indirizzi tal-Qrati (Court addresses)
Medjazzjoni f'tilwim dwar talbiet żgħar

L-aħħar aġġornament: 07/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - L-Irlanda ta' fuq

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fl-Irlanda ta' Fuq hemm Proċedura għal Talbiet Żgħar. Il-qrati għal talbiet żgħar (small claims courts) huma mfassla sabiex jippermettu li ċerti tipi ta' talbiet żgħar jiġu deċiżi b'mod informali fil-qorti tal-kontea (county court), normalment mingħajr il-ħtieġa ta' rappreżentanza legali.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

B'mod ġenerali, il-proċedura għal talbiet żgħar tista' tintuża meta l-ammont ta' flus jew il-valur tal-beni involuti ma jkunx ta' aktar minn £3000. Madankollu, xi tipi ta' talbiet huma esklużi, pereżempju, talbiet li jinvolvu korrimenti personali, libell jew inġurja, legat jew annwalità, sjieda ta' art, proprjetà ta' żwieġ u inċidenti tat-traffiku.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-proċedura hija fakultattiva u, f'ċerti ċirkustanzi, l-imħallef għandu s-setgħa li jittrasferixxi rikors lill-qorti tal-kontea (county court).

1.3 Formoli

Ir-Regoli tal-1981 dwar il-Qorti tal-Kontea tal-Irlanda ta' Fuq [County Court Rules (Northern Ireland) 1981] [S.R.1981 Nru 225] fihom formoli li jenħtieġ li jintużaw matul il-proċedura għal talbiet żgħar. Il-formoli huma stabbiliti għall-bidu tal-proċedimenti, għall-kontestazzjoni tat-talba u għall-aċċettazzjoni tar-responsabbiltà. Hemm ukoll formola sabiex isir rikors għal sentenza fil-kontumaċja kif ukoll formola sabiex is-sentenza tiġi annullata.

1.4 Assistenza

Il-proċedura għal talbiet żgħar hija mfassla sabiex tkun informali. Il-persunal tal-Qorti jkun jista' jgħin fil-mili tal-formoli meħtieġa u fl-ispjegazzjoni tal-proċess. Madankollu, ma jistax joffri pariri legali.
L-Uffiċċju ta' Pariri għaċ-Ċittadini (Citizens' Advice Bureau) jew ċentri ta' pariri għall-konsumaturi jistgħu wkoll ikunu ta' għajnuna għal-litiganti.
Jekk litigant ikollu diżabilità li tagħmilha diffiċli li jitla' l-qorti jew li jikkomunika, jenħtieġ li jikkuntattja lill-Uffiċjal tas-Servizz tal-Klijenti (Customer Service Officer) tal-qorti kkonċernata li jaf ikun jista' jipprovdi assistenza ulterjuri.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-qorti għal talbiet żgħar (small claims court) hija informali u ma japplikawx regoli stretti tal-provi. Għaldaqstant, il-qorti tista' tadotta kwalunkwe metodu ta' proċediment f'seduta li hija tqis li jkun ġust. Il-partijiet kollha, soġġetti għal kull oġġezzjoni legali, iridu jaqblu li jiġu eżaminati mill-imħallef b'ġurament.

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk il-kawża ma tkunx ikkontestata u tkun għal ammont stabbilit, it-talba tista' tiġi ttrattata mingħajr seduta ta' smigħ billi tintuża biss ix-xhieda bil-miktub. Din hija magħrufa bħala sentenza fil-kontumaċja.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Normalment l-imħallef jagħti deċiżjoni verbali filwaqt li jispjega r-raġunijiet tiegħu. Madankollu, huwa jista' jagħżel li jagħti sentenza bil-miktub.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Hemm restrizzjonijiet fuq ir-rimborż tal-ispejjeż. Bħalissa, l-imħallef jista' jordna li jitħallsu l-ispejjeż li ġejjin:
It-tariffi tal-qorti; u
Spejjeż ta' xhieda esperti.
Jekk ikun hemm imġiba mhux raġonevoli minn xi waħda mill-partijiet, l-imħallef jista' jordna l-ħlas tal-ispejjeż kontra dik il-parti. Jekk il-proċedimenti jinfetħu kif suppost fil-qorti tal-kontea (county court), l-imħallef jista' jordna l-ħlas tal-ispejjeż xierqa.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Meta l-parti li titlef kienet preżenti jew rappreżentata fis-seduta, jista' jiġi ppreżentat appell biss billi l-imħallef jintalab jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u b'rikors quddiem il-Qorti Għolja (High Court) għal determinazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-imħallef kinitx korretta fil-liġi.

Meta l-parti li titlef la kienet preżenti u lanqas rappreżentata fis-seduta u l-parti li titlef tikkuntattja lill-uffiċċju għal talbiet żgħar, wara li jkunu ħarġu kwalunkwe digriet jew sentenza, filwaqt li tiddikjara li ma rċivitx ir-rikors jew ma rċivitux minn qabel biżżejjed sabiex tkun tista' twieġeb, jew għal kwalunkwe raġuni oħra hija ma tkunx wieġbet fil-ħin, tingħata l-parir li tippreżenta rikors fejn titlob l-annullament tad-digriet. Il-parti li tirbaħ tintbagħtilha kopja tar-rikors u tiġi mistiedna tippreżenta risposta bil-miktub fi żmien 14-il jum. L-Imħallef, wara li jkun ikkunsidra t-talba u kull risposta, jista' jew:

jiddeċiedi li hemm raġuni valida għan-nuqqas ta' risposta u jista' jannulla s-sentenza mingħajr seduta tal-qorti u jista' jagħti ordni dwar kif għandha tipproċedi l-kawża. Il-partijiet jiġu nnotifikati mill-uffiċċju għal talbiet żgħar dwar kull ordni magħmula mill-Imħallef jew

jistabbilixxi data għas-smigħ tar-rikors sabiex jiġi annullat id-digriet. Il-partijiet jiġu nnotifikati b'din id-data u jiġu mistiedna jattendu. L-uffiċċju għal talbiet żgħar jibgħat ukoll lill-partijiet kopja ta' kull ordni li jagħmel l-Imħallef wara li jkun ittratta rikors ta' dan it-tip.

Bl-istess mod, jekk id-dokumentazzjoni tal-parti li titlef tiġi rritornata lill-uffiċċju għal talbiet żgħar mill-uffiċċju tal-posta u jkun ċar li ma kinitx taf li saret it-talba, l-uffiċċju tal-qorti jitlob lill-Imħallef jirrevoka kwalunkwe digriet li jkun sar u jikkuntattja lill-parti li tirbaħ sabiex tipprovdi informazzjoni addizzjonali, eż. indirizz ġdid għall-intimat.

Ħoloq relatati

Aktar informazzjoni dwar il-proċeduri tista' tinkiseb mis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq (Northern Ireland Courts and Tribunals Service).

Assistenza għal-Litiganti b'Diżabilità

Xi uffiċċji tal-qorti ħatru Uffiċjali tas-Servizz għall-Klijenti li jaf ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna. Jekk ma jkunux jistgħu jgħinu, il-litigant b'diżabilità jista' jikkuntattja liċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar is-Servizz tal-Qorti (Court Service Information Centre) fuq +44 300 200 7812.

L-aħħar aġġornament: 23/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Skozja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fl-Iskozja, qabel it-28 ta' Novembru 2016, il-Qrati tax-Xeriff (Sheriff Courts) kellhom proċedura għal talbiet żgħar li kienet proċedura ssimplifikata li tittratta talbiet monetarji sa limitu ta' £3,000.

Mit-28 ta' Novembru 2016, ġiet introdotta forma ġdida ta' talba magħrufa bħala Proċedura Sempliċi (Simple Procedure).

Il-proċedura li jmiss ta' fuqha tissejjaħ Kawża Sommarja (Summary Cause), li tittratta kawżi sa £5,000 u hija ftit aktar ikkumplikata mill-Proċedura Sempliċi.

Proċedura Sempliċi

Mit-28 ta' Novembru 2016, kull min jagħmel talba li jkollha valur monetarju ta' £5,000 jew anqas li tfittex ħlas, teħid, irkupru ta' pussess ta' proprjetà mobbli, jew ordni sabiex xi ħadd jagħmel xi ħaġa speċifika, jenħtieġ li juża l-Proċedura Sempliċi.

Il-Proċedura Sempliċi hija proċess tal-qorti mfassla sabiex tipprovdi mod rapidu, mhux għali u informali għas-soluzzjoni ta' tilwim meta l-valur monetarju ma jkunx jaqbeż il-£5,000.

Rikorrent jagħmel talba lil-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court). Il-parti li t-talba ssir kontriha tissejjaħ l-intimat. Id-deċiżjoni finali f'talba ssir minn xeriff (sheriff) jew minn xeriff sommarju (summary sheriff). M'għandekx bżonn tuża avukat sabiex tuża l-Proċedura Sempliċi iżda tista' tagħmel dan jekk tixtieq.

Aktar informazzjoni dwar il-Proċedura Sempliċi tista' tinkiseb mis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi (Scottish Courts and Tribunals Service) .

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-Proċedura Sempliċi tieħu post il-proċedura preċedenti għal talbiet żgħar. Tieħu wkoll post il-proċedura ta' Kawża Sommarja (Summary Cause), iżda **biss** meta jkollha x'taqsam ma' azzjonijiet għall-ħlas, għat-teħid jew għall-irkupru tal-pussess ta' proprjetà mobbli, jew ma' azzjonijiet li jordnaw lil xi ħadd sabiex jagħmel xi ħaġa.

Azzjonijiet għal Kawżi Sommarji jistgħu jiġu ppreżentati bħala azzjonijiet ta' sekwestru (actions of furthcoming) (tip ta' azzjoni ppreżentata għall-irkupru ta' flus jew ta' proprjetà), azzjonijiet ta' rendikont u ħlas (count reckoning and payment), irkupru tal-pussess ta' proprjetà li tintiret, konsenja, u manteniment temporanju. Jekk ikun hemm talba alternattiva għall-ħlas, din trid tkun għal anqas minn £5,000.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Azzjoni ppreżentata jew bħala Proċedura Sempliċi jew bħala Kawża Sommarja (Summary Cause) trid issegwi r-regoli tal-qorti, li huma obbligatorji. Dawn jistgħu jinkisbu mis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi.

1.3 Formoli

Hemm formoli speċifiċi għall-istadji kollha tal-Proċedura Sempliċi u tal-Kawża Sommarja (Summary Cause) eż. formola tat-talbiet/ċitazzjoni għall-preżentazzjoni tal-azzjoni, forma ta' deċiżjoni/kopja tad-digriet. Huwa obbligatorju li jintużaw il-formoli, li huma stabbiliti fir-Regoli tal-2016 dwar Proċedura Sempliċi (Simple Procedure Rules 2016) u fir-Regoli tal-2002 dwar Kawża Sommarja (Summary Cause Rules 2002). Dawn il-formoli jinsabu fuq is-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi.

1.4 Assistenza

L-Uffiċċju tal-Iskrivan tax-Xeriff (Sheriff Clerk's Office) jista' jgħin fil-mili tal-formola tat-talba (Formola 3A) u aġenziji ta' konsulenza bħall-Uffiċċju ta' Pariri għaċ-Ċittadini (Citizens Advice Bureau) joffru l-għajnuna wkoll. Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni dwar il-Proċedura Sempliċi, jenħtieġ li jsir kuntatt mal-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court) lokali tar-rikorrent.

Informazzjoni dwar il-Qrati tax-Xeriff (Sheriff Courts) fl-Iskozja tista' tinkiseb mis-sit web Scottish Courts and Tribunals Service.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Is-seduti tal-Proċedura Sempliċi jsiru b'mod informali kemm jippermettu ċ-ċirkustanzi tat-talba. Ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jispjega kwalunkwe terminu jew espressjoni legali li jintużaw. Dokumenti u evidenza oħra jistgħu jiġu ppreżentati lill-qorti u r-regoli sempliċi jistabbilixxu l-proċeduri għal dan l-għan inkluż x'għandu jintbagħat lir-rikorrent jew inkella lill-intimat u kwalunkwe terminu applikabbli għall-preżentata ta' dokumenti jew provi oħra.

1.6 Proċedura bil-miktub

Il-proċedura tkun bil-miktub biss jekk l-azzjoni ma jkollhiex difiża. Madankollu, jekk ikun hemm difiża, il-kawża tista' tkun teħtieġ li wieħed jitla' l-qorti għal seduta jew, inkella, ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jista' jieħu deċiżjoni mingħajr seduta.

Ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jista' jiddeċiedi wkoll li ssir diskussjoni dwar il-ġestjoni tal-kawża. Diskussjoni dwar il-ġestjoni tal-kawża ssir fl-awla tal-qorti jew fi kwalunkwe post ieħor deċiż mix-Xeriff (Sheriff) jew mix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff). Ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jiddeċiedi wkoll kif se ssir id-diskussjoni, pereżempju, permezz ta' vidjokonferenza, awdjokonferenza jew kwalunkwe format ieħor li jagħżel.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Fi tmiem is-seduta, ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jista' jew jieħu deċiżjoni minnufih, jew jista' jieħu ż-żmien għall-kunsiderazzjoni qabel ma jieħu deċiżjoni. Meta x-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jieħu ż-żmien sabiex jikkunsidra deċiżjoni, id-deċiżjoni trid tittieħed fi żmien 4 ġimgħat mid-data tas-seduta.

Meta tittieħed deċiżjoni bil-partijiet preżenti, ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) għandu jispjega r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. Jekk jittieħed iż-żmien sabiex tiġi kkunsidrata d-deċiżjoni, trid titħejja nota li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Normalment ma jkun hemm l-ebda għoti tal-ispejjeż imġarrba f'Talba skont il-Proċedura Sempliċi li fiha l-valur tat-talba jkun ta' £300 jew anqas.

Jekk il-valur ikun akbar minn £300 iżda mhux aktar minn £1500, l-ammont massimu tal-ispejjeż li normalment jista' jingħata mill-qorti lill-parti li tirbaħ ma jistax jaqbeż il-£150.

Jekk il-valur ikun akbar minn £1,500 iżda mhux aktar minn £3,000, l-ammont massimu tal-ispejjeż li normalment jista' jingħata mill-qorti lill-parti li tirbaħ ma jistax jaqbeż l-10% tal-valur tat-talba.

Għal talbiet li l-valur tagħhom ikun bejn £3,001 u £5,000, tapplika b'mod simili r-regola ġenerali li min jitlef iħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ. Jekk parti jkollha avukat, dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu ogħla. Aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż tista' tinkiseb mis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi.

Azzjonijiet tal-Kawża Sommarja (Summary Cause) ma għandhomx l-istess restrizzjonijiet u rendikont tal-ispejjeż normalment jiġi vvalutat mill-Iskrivan tax-Xeriff (Sheriff Clerk), u mbagħad jiġi approvat mix-Xeriff (Sheriff) jew mix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff).

1.9 Il-possibilità ta' appell

Deċiżjoni tal-Proċedura Sempliċi tista' tiġi appellata. Appell quddiem il-Qorti ta' Appell tax-Xeriff (Sheriff Appeal Court) irid isir permezz ta' nota ta' appell fil-Formola 16A u jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tkun ittrattat it-talba tal-Proċedura Sempliċi (Simple Procedure) fi żmien 4 ġimgħat minn meta l-Iskrivan tax-Xeriff (Sheriff Clerk) jibgħat il-Formola tad-Deċiżjoni lill-parti li tirbaħ. Hemm dispożizzjonijiet separati dwar l-appell għall-Kawża Sommarja (Summary Cause) u aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi.

Madankollu, f'każ ta' Proċedura Sempliċi (Simple Procedure) mingħajr difiża, jista' jiġi ppreżentat rikors quddiem il-qorti għall-annullament ta' deċiżjoni tax-Xeriff (Sheriff) jew tax-Xeriff Sommarju (summary Sheriff). Dan jista' jsir f'ċerti ċirkustanzi u r-rikors irid isir permezz tal-Formola 13B. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' annullament ta' deċiżjoni tista' tinkiseb mis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi.

Ħoloq relatati

Is-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi fih ir-Regoli dwar il-Proċedura Ordinarja (Ordinary Procedure), tal-Kawża Sommarja (Summary Cause) u tal-Proċedura Sempliċi (Simple Procedure).

Xeriff Sommarju (Summary Sheriff)

Il-kariga ta' xeriff sommarju (summary sheriff) ġiet stabbilita mill-Att tal-2014 dwar ir-Riforma tal-Qrati tal-Iskozja [Courts Reform (Scotland) Act 2014]. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mis-sit web tal-Ġudikatura tal-Iskozja (Judiciary of Scotland) .

L-aħħar aġġornament: 24/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Talbiet żgħar - Ġibiltà

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

F'Ġibiltà, il-Qorti Suprema (Supreme Court) għandha ġuriżdizzjoni għal talbiet żgħar, magħrufa wkoll bħala l-perkors għat-talbiet żgħar. Hemm limitu monetarju ta' £10000 li f'ammonti anqas minnu tkun disponibbli l-proċedura għal talbiet żgħar. Madankollu, is-somma inkwistjoni mhijiex l-uniku fattur meqjus. Kunsiderazzjonijiet oħra jinkludu t-tip ta' talba u l-ammont u t-tip ta' preparazzjoni meħtieġa sabiex il-kawża tiġi ttrattata kif xieraq. F'xi ċirkustanzi, kawżi sempliċi b'valur akbar minn £10000 jistgħu jinstemgħu skont il-proċedura għal talbiet żgħar sakemm kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat jagħtu l-kunsens tagħhom għaliha.

Minbarra li jqis il-fehmiet tar-rikorrent u tal-intimat, l-imħallef iqis il-fatturi li ġejjin meta jiddeċiedi jallokax il-kawża għall-proċedura għal talbiet żgħar jew jekk, minflok, għandux jisma' l-kawża skont il-proċedura tal-qorti ordinarja:

L-ammont tat-tilwima - li normalment jenħtieġ li ma jkunx ta' aktar minn £10000.

It-tip ta' talba - dawn normalment ikunu talbiet minn konsumaturi (eż. beni mibjugħa, beni difettużi jew xogħol tas-sengħa difettuż), talbiet dwar inċidenti, tilwim dwar is-sjieda tal-beni, u tilwim bejn is-sidien u l-inkwilini dwar tiswijiet, depożiti, arretrati tal-kera, u l-bqija, iżda mhux dwar il-pussess.

Meta jiddeċiedi jekk il-kawża jenħtieġx li tiġi allokata għall-perkors għal talbiet żgħar, l-imħallef jikkunsidra l-ammont u t-tip ta' tħejjija meħtieġa sabiex il-kawża tkun tista' tiġi ttrattata kif suppost. L-imħallef iżomm f'moħħu li din il-proċedura hija maħsuba sabiex tkun sempliċi biżżejjed sabiex in-nies imexxu l-kawżi tagħhom stess mingħajr l-għajnuna ta' avukat, jekk jixtiequ hekk. Jenħtieġ li t-talba tkun teħtieġ biss tħejjija minima għas-seduta finali, pereżempju. Kawżi fil-perkors għal talbiet żgħar normalment ma jinvolvux ħafna xhieda jew punti ta' dritt diffiċli.

Jekk it-talba tkun għal anqas minn £10000 iżda tinkludi talba għal korriment personali, jew għal ħsarat f'abitazzjonijiet residenzjali u għad-danni li jirriżultaw mill-ħsarat, il-kawża ma tiġix allokata għall-perkors għal talbiet żgħar sakemm l-ammonti mitluba fir-rigward tad-dannu personali, tal-ħsarat u tad-danni ma jkunux aktar minn £1000 kull waħda.

Meta kawżi għal aktar minn £10000 jinstemgħu fil-perkors għal talbiet żgħar, japplikaw regoli differenti dwar l-ispejjeż. F'kawżi bħal dawn, il-parti rebbieħa tkun tista' titlob l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-avukat, mingħand il-parti telliefa. Madankollu, dawn l-ispejjeż ma jistgħux ikunu aktar milli kienu jingħataw li kieku l-kawża kienet ittrattata bil-perkors rapidu. Aktar 'il quddiem se tingħata aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-kawżi sa £10000 jinstemgħu permezz tal-perkors għal talbiet żgħar, dan mhuwiex awtomatiku. L-imħallef jikkunsidra l-fehmiet tal-partijiet litiganti meta jiddeċiedi dwar il-proċedura li l-kawża tinstema' permezz tagħha. Anke jekk l-ammont tat-tilwima jkun ta' anqas minn £10000, l-imħallef jista' jagħżel li jisma' l-kawża permezz tal-proċedura tal-qorti ordinarja minflok il-proċedura għal talbiet żgħar.

Meta talba tiġi kkontestata (jew difiża), ir-rikorrent tintbagħatlu kopja tad-difiża tal-intimat. Il-partijiet għandhom jippreżentaw ukoll Kwestjonarju dwar l-Allokazzjoni ("Allocation Questionnaire"). L-informazzjoni li l-partijiet jipprovdu fil-kwestjonarju tgħin lill-imħallef jiddeċiedi liema jkun l-aktar perkors xieraq

għall-kawża. Jekk il-partijiet iqisu li l-kawża tkun waħda li jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala talba żgħira fil-perkors għal talbiet żgħar, jenħtieġ li jindikaw hekk fil-kwestjonarju. Madankollu, għad li l-opinjonijiet tar-rikorrent u tal-intimat jiġu kkunsidrati, huwa l-imħallef li jiddeċiedi għal liema perkors se tiġi allokata l-kawża. Kif deskritt aktar 'il fuq, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jisma' kawża b'valur ta' anqas minn £10000 skont il-proċedura ordinarja. Din id-deċiżjoni tittieħed fil-bidu tal-kawża.

L-imħallef għandu d-diskrezzjoni li jerġa' jalloka l-kawża mill-perkors għal talbiet żgħar għall-proċedura ordinarja jekk jaħseb li dan ikun xieraq. Meta talba tiġi allokata għall-perkors ta' talbiet żgħar u, wara, terġa' tiġi allokata għal perkors ieħor, ir-regoli relatati mal-ispejjeż fil-perkors għal talbiet żgħar ma jibqgħux japplikaw wara li t-talba terġa' tiġi allokata. Ir-regoli dwar l-ispejjeż f'perkors rapidu jew f'diversi perkorsi japplikaw mid-data tal-allokazzjoni mill-ġdid.

1.3 Formoli

Hemm formoli speċifiċi li għandhom jintużaw fil-proċedura għal talbiet żgħar u huwa obbligatorju li dawn jintużaw.

Sabiex jippreżenta talba, ir-rikorrent irid jimla l-Formola N1 li hija disponibbli b'noti dwar il-mili kemm għar-rikorrent kif ukoll għall-intimat. Ladarba r-rikorrent jimla l-formola, jenħtieġ li jagħmel kopja waħda għalih stess, waħda għall-qorti u waħda għal kull intimat. Il-qorti tibgħat kopja lil kull intimat. Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-paġna dwar Kif Tiftaħ Kawża l-Qorti ("Bringing a Case to Court").

Kif intqal aktar 'il fuq, jekk it-talba tiġi difiża, il-qorti tibgħat kopja tad-difiża lir-rikorrent u l-kwestjonarji dwar l-allokazzjoni liż-żewġ partijiet.

Jekk l-imħallef jiddeċiedi li jalloka l-każ għall-perkors għal talbiet żgħar, il-qorti tibgħat lill-partijiet il-formola N157 (avviż ta' allokazzjoni għall-qorti għal talbiet żgħar) li tipprovdi informazzjoni dwar meta tkun ser issir is-seduta u x'passi għandhom jittieħdu bi tħejjija.

Meta s-somma tat-tilwima tkun akbar minn £10000 iżda ż-żewġ partijiet ikunu qablu li l-kawża tinstema' permezz tal-proċedura għal talbiet żgħar, il-qorti tibgħat il-formola N160 (l-avviż ta' allokazzjoni għall-perkors għal talbiet żgħar (bil-kunsens tal-partijiet)). Din tipprovdi wkoll informazzjoni dwar meta tkun ser issir is-seduta u x'passi għandhom jittieħdu bi tħejjija.

Meta mħallef jiddeċiedi li talba tista' tinstema' biss permezz ta' xhieda bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' seduta, il-qorti tibgħat lill-partijiet il-formola N159 (avviż ta' allokazzjoni għall-perkors għal talbiet żgħar (l-ebda seduta). Din tiddikjara data sa meta r-rikorrent jew l-intimat għandu jgħarraf lill-qorti jekk joġġezzjonax għal deċiżjoni permezz ta' xhieda bil-miktub biss. Jekk xi waħda mill-partijiet toġġezzjona, it-talba tiġi ttrattata f'seduta. L-imħallef jista' jittratta nuqqas ta' risposta bħala kunsens.

Meta parti titlef seduta iżda l-ebda parti ma tkun preżenti jew irrappreżentata f'dik is-seduta, tintuża l-formola N244 (notifika ta' applikazzjoni) sabiex tiġi annullata s-sentenza.

1.4 Assistenza

Il-proċedura għal talbiet żgħar hija mfassla sabiex tkun sempliċi b'tali mod li l-persuni li jirrappreżentaw lilhom infushom (magħrufa bħala "litigants-in-person") ikunu jistgħu jifhmu l-proċedimenti faċilment. Meta r-rikorrent jew l-intimat ikun jirrappreżenta lilu nnifsu, l-imħallef jikkunsidra dan il-fatt u jmexxi l-proċedimenti b'mod li jippermetti lill-persuna li tirrappreżenta lilha nnifisha tifhem dak li jkun għaddej u dak li jkun meħtieġ mill-partijiet mill-aspett ta' proċedura.

Jekk ir-rikorrent jew l-intimat jagħżel li ma jqabbadx avukat, dan jista' jkun akkumpanjat fis-seduta minn xi ħadd li jista' jitkellem f'ismu. Din il-persuna tissejjaħ "rappreżentant mhux espert" (lay representative) u tista' tkun kwalunkwe persuna li jagħżel il-litigant, bħal konjuġi, qarib, ħabib jew ħaddiem li jagħti l-pariri. Jekk ikun possibbli, jenħtieġ li r-rappreżentant mhux espert ma jkunx xhud. Ir-rappreżentant mhux espert ma jistax jattendi għas-seduti tal-qorti mingħajr il-persuna li huwa jirrappreżenta, sakemm il-litigant ma jkunx kiseb il-permess tal-qorti sabiex ir-rappreżentant mhux espert ikun jista' jirrappreżenta lil-litigant fl-assenza tiegħu.

L-aġenziji ta' konsulenza jistgħu jsibu diffikultajiet sabiex jirrilaxxaw persunal bl-għan li jaġixxi bħala rappreżentant mhux espert f'seduti u, għalhekk, huwa rakkomandat li parti tikkuntattjahom mill-aktar fis jekk tkun teħtieġ l-assistenza tagħhom. L-aġenziji ta' konsulenza jinformaw lill-partijiet dwar jekk jistgħux jipprovdu l-assistenza. Xi rappreżentanti mhux esperti jaf ikunu jridu ħlas u l-litigant irid jara li jkun jaf eżattament kemm se jkollu jħallas. L-imħallef jista' jkeċċi lil rappreżentant mhux espert mis-seduta jekk iġib ruħu ħażin.

Il-litigant ikun responsabbli sabiex iħallas it-tariffa tar-rappreżentant mhux espert li jaħtar, anke jekk jirbaħ il-kawża. Għalhekk, jenħtieġ li jikkunsidra jekk l-ammont tat-talba jiġġustifikax din l-ispiża. Barra minn hekk, rappreżentanti mhux esperti li jitolbu ħlas għall-għajnuna jaf ma jkunux parti minn organizzazzjoni professjonali, u jekk il-litigant ma jkunx sodisfatt bl-għajnuna tagħhom, ma jkun hemm l-ebda korp regolatorju jew organizzazzjoni ma' min jilmenta.

Assistenza addizzjonali hija disponibbli għal-litiganti b'diżabilità. Jekk litigant ikollu diżabilità li tagħmilha diffiċli li jitla' l-qorti jew li jikkomunika, jenħtieġ li jikkuntattja lill-qorti kkonċernata li jaf tkun tista' tipprovdi assistenza ulterjuri.

1.5 Regoli dwar is-smigħ tal-provi

Il-perkors għal talbiet żgħar huwa ħafna aktar informali u ma japplikawx regoli stretti tal-evidenza. Il-perkors għal talbiet żgħar jittratta kawżi aktar sempliċi għal ammonti iżgħar. Għaldaqstant, il-qorti tista' tadotta kwalunkwe metodu ta' proċediment f'seduta li tqis li jkun ġust. Il-qorti ma għandhiex l-obbligu li tieħu xhieda bil-ġurament u l-imħallef jista' jagħżel li jillimita l-kontroeżami jekk jidhirlu li dan ikun xieraq. Madankollu, l-imħallef meħtieġ jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu li jillimita l-kontroeżami. L-imħallef jista' jagħżel li jagħmel mistoqsijiet lil kwalunkwe xhud jew lix-xhieda kollha qabel ma jħalli lil kwalunkwe persuna oħra tagħmel hekk hi.

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk l-imħallef iqis li t-talba tista' tiġi ttrattata mingħajr seduta billi tintuża xhieda bil-miktub biss, il-qorti tinnotifika lil-litiganti permezz tal-formola N159 (ara aktar 'il fuq). In-notifika tiddikjara data sa meta r-rikorrent jew l-intimat irid jgħarraf lill-qorti jekk joġġezzjonax għal deċiżjoni dwar xhieda bil-miktub biss. Jekk xi waħda mill-partijiet toġġezzjona, it-talba tiġi ttrattata f'seduta. L-imħallef jista' jittratta nuqqas ta' risposta bħala kunsens. Jekk l-ebda parti ma toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-imħallef li ma ssir l-ebda seduta, il-kawża tkun tista' tiġi ttrattata bil-miktub biss.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

F'Ġibiltà, is-sentenzi tal-qorti ġeneralment jirreġistraw biss id-deċiżjoni tal-imħallef u kwalunkwe ordni maħruġa għall-partijiet. Madankollu, l-imħallef meħtieġ iniżżel nota tar-raġunijiet ewlenin għas-sentenza tiegħu sakemm din ma tingħatax oralment u ma tiġix irreġistrata fuq tejp mill-qorti. L-imħallef jista' jagħti r-raġunijiet tiegħu bl-aktar mod konċiż u sempliċi li tippermetti n-natura tal-kawża. Normalment dan jagħmlu verbalment waqt is-seduta iżda jista' jagħtihom aktar tard bil-miktub jew waqt seduta li tkun stabbilita sabiex jagħmel dan. Meta l-imħallef jiddeċiedi l-kawża mingħajr seduta, l-imħallef ikun meħtieġ iħejji nota dwar ir-raġunijiet tiegħu u l-qorti tibgħat kopja lil kull parti.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Hemm restrizzjonijiet fuq ir-rimborż tal-ispejjeż. Bħalissa l-parti rebbieħa jaf tkun tista' titlob rimborż għall-ispejjeż li ġejjin:

Kwalunkwe tariffa tal-qorti li tkun ħallset;

Ammont ta' mhux aktar minn £260 għal pariri legali jekk it-talba tkun tinkludi rikors għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni (ordni sabiex persuna titwaqqaf milli tagħmel xi ħaġa), jew ordni għal eżekuzzjoni speċifika (ordni sabiex xi ħadd ikun imġiegħel jagħmel xi ħaġa, pereżempju, sid sabiex jagħmel it-tiswijiet) u, minbarra dawn il-kategoriji, ma tista' tiġi rkuprata l-ebda spiża legali;

Ammont ta' mhux aktar minn £90 għal kull jum għall-parti rebbieħa, u kull xhud li jista' jkollu għal telf ta' qligħ minħabba l-attendenza għas-seduta tal-qorti;

Spejjeż raġonevoli sabiex ikunu koperti vjaġġi addizzjonali u soġġorni mal-lejl għall-parti jew għax-xhieda;

Jekk l-imħallef ikun ta permess għall-użu ta' xhud espert u dik il-parti sussegwentement tirbaħ il-kawża tagħha, l-imħallef jista' jgħid lill-parti telliefa tħallas xi ħaġa mill-ispiża. Madankollu, l-imħallef ma jistax jippermetti aktar minn £200 għal kull xhud espert. Dan ma jistax ikopri l-ammont sħiħ tat-tariffi tal-espert, speċjalment jekk l-espert jikteb perizja u jattendi s-seduta tal-qorti;
L-imħallef jista' jordna l-ħlas ta' spejjeż oħrajn minn parti li tkun ġabet ruħha b'mod mhux raġonevoli;
Meta l-valur finanzjarju tat-talba jaqbeż il-limitu għall-perkors għal talbiet żgħar, iżda t-talba tkun ġiet allokata għall-perkors għal talbiet żgħar mill-imħallef, l-ispejjeż jiġu vvalutati skont dan il-perkors, sakemm il-partijiet ma jaqblux li jenħtieġ li jkunu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż tal-perkors rapidu.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Jekk il-parti li titlef tkun tixtieq tappella kontra d-deċiżjoni tal-imħallef, din ikollha bżonn permess biex tagħmel hekk. Jekk dik il-parti/litigant jattendi għas-seduta li fiha tittieħed id-deċiżjoni, fl-aħħar tas-seduta jistgħu jitolbu permess lill-imħallef.
Litigant li jixtieq jappella jrid jkollu motivazzjonijiet (jew raġunijiet) xierqa sabiex jappella. Ma jistax sempliċiment joġġezzjona għad-deċiżjoni ta' mħallef għaliex huwa jaħseb li tkun ittieħdet deċiżjoni żbaljata.
Jekk litigant ikun irid jappella, irid jaġixxi malajr. Iż-żmien li fih il-litigant li jappella jrid jippreżenta l-appell tiegħu huwa limitat.
Jekk il-parti li titlef la kienet preżenti u lanqas rappreżentata fis-seduta, din tista' tapplika sabiex tiġi annullata s-sentenza maqtugħa f'dik is-seduta u sabiex terġa' tinstema' t-talba.
Din il-parti trid tippreżenta rikors sa mhux aktar tard minn 14-il jum wara li tirċievi s-sentenza. Jenħtieġ li titlob mingħand il-qorti l-Formola N244 (notifika ta' rikors) sabiex tippreżenta r-rikors.
Il-qorti tgħarraf lill-partijiet dwar meta jridu jitilgħu l-qorti għas-smigħ tar-rikors quddiem imħallef.
L-imħallef jilqa' talba sabiex is-sentenza tiġi annullata biss jekk:
Il-litigant/il-parti jkollhom raġuni tajba għaliex
ma attendewx jew ma kinux rappreżentati fis-seduta; jew
ma avżawx bil-miktub lill-qorti;
u l-parti jkollha prospett raġonevoli li tirbaħ il-kawża f'seduta ġdida.
Jekk ir-rikors tal-parti jintlaqa' u s-sentenza tiġi annullata, il-qorti tistabbilixxi seduta ġdida għat-talba. F'każ ta' talba sempliċi, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jittratta l-kawża minnufih wara li jisma' r-rikors.

L-aħħar aġġornament: 01/12/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.